Protection level PUBLIC

**2019-122 REV 1**

**Adottat fis-26 ta' Ġunju 2019**

# eu-LISA Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2018

# Werrej

Listi ta' figuri u tabelli ..... 3
Abbrevjazzjonijiet u akronimi ..... 4
Sfond legali ..... 6
Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija ..... 7
Introduzzjoni ..... 12
Sommarju eżekuttiv ..... 14
Parti I. Il-kisbiet tas-sena ..... 21
Parti II. (a) Maniġment ..... 46
2.1 Bord tat-Tmexxija ..... 46
2.2 Żviluppi ewlenin ..... 48
2.3 Ġestjoni baġitarja u finanzjarja ..... 51
2.4 Immaniġġjar tar-riżorsi umani ..... 57
2.5 Valutazzjoni mill-maniġment ..... 65
2.6 Kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit fdati lil servizzi u entitajiet oħra ..... 66
2.7 Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena tar-rapportar ..... 67
2.8 Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi ..... 69
2.9 Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza ..... 70
Parti II. (b). Evalwazzjonijiet esterni ..... 79
Parti III. Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern ..... 81
3.1 Ġestjoni tar-riskju ..... 81
3.2 Konformità u effettività tal-Istandards tal-Kontroll Intern ..... 81
Parti IV. Assigurazzjoni tal-maniġment ..... 83
4.1 Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni ..... 83
4.2 Riżervi (jekk applikabbli) ..... 85
4.3 Konklużjonijiet ġenerali dwar l-assigurazzjoni ..... 86
ANNESSI ..... 87
Anness I. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni ..... 87
Anness II. Statistiki dwar il-ġestjoni finanzjarja ..... 90
Anness III. Ċart organizzazzjonali ..... 97
Anness IV. Tabella tal-persunal ..... 98
Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività ..... 101
Anness VI. Lista ta' taħriġiet ipprovduti lill-Istati Membri ..... 103
Anness VII. Anness speċifiku relatat mal-Parti II ..... 105
Anness VIII. Anness speċifiku relatat mal-Parti III ..... 106
Anness IX. Kontijiet finanzjarji ..... 110
Anness X. Attivitajiet u indikaturi annwali ..... 112
Anness XI. Rapport dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti ..... 137

# Listi ta' figuri u tabelli

**Lista ta' figuri**

Figura 1: Ċifri ewlenin tal-Eurodac ........ 22
Figura 2: L-għadd totali ta' settijiet ta' *data* trażmessi b'suċċess lill-Eurodac fl-2018, u l-ishma tal-ħames kategoriji ewlenin ........ 22
Figura 3: Ċifri ewlenin tas-SIS II ........ 23
Figura 4: Ċifri ewlenin tal-VIS/BMS ........ 23
Figura 5: Konsum tal-impenji C1 ........ 54
Figura 6: Xejriet fil-konsum tal-fondi impenjati u bbaġitjati ........ 54
Figura 7: Titolu 3: approprjazzjonijiet ta' impenn eżegwiti (miljuni ta' EUR) ........ 54
Figura 8: Xejriet fil-konsum tal-fondi mħallsa u bbaġitjati ........ 55
Figura 9: Konsum tal-approprjazzjonijiet ta' pagament C1 ........ 55
Figura 10: Titolu 3: approprjazzjonijiet ta' pagament eżegwiti (miljuni ta' EUR) ........ 55
Figura 11: Xejra fl-għadd ta' kuntratti ffirmati (2014–2018) ........ 56
Figura 12: Kategoriji tal-persunal tal-eu-LISA fil-31.12.2018 ........ 59
Figura 13: Numru ta' ġranet u perċentwal ta' liv kumpensatorju għas-sahra u l-interventi waqt dmirijiet stand-by tal-Aġenti Temporanji, skont il-grad ........ 62
Figura 14: Numru ta' ġranet u perċentwal ta' kumpens għall-ħin flessibbli tal-Aġenti Temporanji maqsuma għal kull grad fl-2018 ........ 62

**Lista ta' tabelli**

Tabella 1: Approprjazzjonijiet ta' impenn ........ 51
Tabella 2: Approprjazzjonijiet ta' impenn għal kompiti ġodda ........ 52
Tabella 3: Tqassim tal-baġit emendatorju għall-2018 ........ 53
Tabella 4: Tqassim tar-riporti tal-2018 ........ 53
Tabella 5: Volum ta' kuntratti (2014–2018) ........ 56
Tabella 6: Tibdil tal-persunal fl-2018 skont is-sit ........ 60
Tabella 7: Liv kompensatorju skont it-tip u l-grad ........ 61
Tabella 8: Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-2018 ........ 63
Tabella 9: Rakkomandazzjonijiet tal-IAS, tal-IAC u tal-QEA skont il-klassifikazzjoni ........ 69

# Abbrevjazzjonijiet u akronimi

| | |
|---|---|
| ACFC | Kumitat tal-Verifika, il-Konformità u l-Finanzi |
| AFIS | Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' |
| AG | Grupp Konsultattiv |
| AK | Aġent kuntrattwali |
| ARES | Sistema Avvanzata ta' Rekords |
| AST/SC | Grupp ta' funzjonijiet tas-segretarji u l-iskrivani |
| AT | aġent temporanju |
| AWP | Programm ta' ħidma annwali |
| BCU | Unità Ċentrali ta' Backup (ċentru ta' backup f'St Johann im Pongau) |
| BMS | Sistema ta' Tqabbil Bijometriku |
| CAAR | Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività |
| CEPOL | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi |
| CODEX elettroniku | Ġustizzja elettronika permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online |
| COSI | Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operazzjonali dwar is-Sigurtà Interna |
| CRRS | Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika |
| CSSIM | Simulatur tas-Sistema Ċentrali |
| DAPIX | Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* |
| DĠ DIGIT | Direttorat Ġenerali għall-Informatika |
| DĠ HOME | Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni |
| DĠ TAXUD | Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali |
| DTPITO | Programm ta' Taħriġ għall-Iżvilupp għall-Operaturi tal-IT |
| DubliNet | Netwerk ta' komunikazzjoni għall-Eurodac |
| EASO | Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil |
| ECRIS-TCN | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi |
| EES | Sistema ta' Dħul/Ħruġ |
| EIGE | Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi |
| EMPACT | Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali |
| ENISA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà |
| ENS | espert nazzjonali sekondat |
| EPMO | Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża |
| ETIAS | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar |
| eu-LISA | Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja |
| Eurodac | Bażi tad-*Data* Dattiloskopika Ewropea tal-Asil |
| Eurojust | L-Unità għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea |
| FG | grupp ta' funzjonijiet |
| FLS | ftehim dwar il-livell ta' servizz |
| Frontex | Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta |
| FTE | ekwivalenti ta' ingaġġ full-time |
| ĠAI | Ġustizzja u Affarijiet Interni |
| ĠU | *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* |
| HR | riżorsi umani |
| IAC | Kapaċità tal-Awditjar Intern |

| | |
|---|---|
| IAR | Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt |
| IAS | Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea |
| ICAO | Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali |
| ICD | dokument ta' kontroll tal-interface |
| ICF | qafas ta' kontroll intern |
| ICS | standard ta' kontroll intern |
| ICT | teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni |
| ISO | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni |
| IT | teknoloġija tal-informazzjoni |
| ITAM | immaniġġjar tal-assi tal-IT |
| ITIL | Librerija tal-Infrastruttura tal-IT |
| ITSM | Ġestjoni tas-servizzi tal-IT |
| KEPD | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* |
| KPI | indikatur ewlieni tal-prestazzjoni |
| LIBE | Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern |
| LMS | sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim |
| MB | Bord tat-Tmexxija |
| MC | Kumitat tat-Tmexxija |
| MPE | Membru tal-Parlament Ewropew |
| MWO | żamma f'kundizzjoni ta' operat tajjeb |
| N.SIS | sistema nazzjonali ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| NCP | Punt ta' Kuntatt Nazzjonali |
| OLAF | Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi |
| PD | Dokument ta' Programmazzjoni |
| PMB | Bord tat-Tmexxija tal-Programm |
| PMO | uffiċċju għall-ġestjoni tal-proġetti |
| QEA | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| SIRENE | Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punti tad-Dħul Nazzjonali |
| SIS | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| SIS II | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni |
| SM9 | Maniġer tas-Servizz HP 9 |
| TESTA-ng | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — ġenerazzjoni ġdida |
| UE | Unjoni Ewropea |
| UPD | Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* |
| VIS | Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża |
| WP | Grupp ta' Ħidma |

# Sfond legali

L-Artikolu 24(3)(g) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv jippreżenta l-abbozz tar-Rapport Annwali tal-Attività tal-Aġenzija lill-Bord tat-Tmexxija għall-valutazzjoni u l-adozzjoni, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi. L-Artikolu 19(1)(t) tal-istess Regolament jirrikjedi lill-Bord tat-Tmexxija biex jivvaluta u jadotta r-Rapport Annwali tal-Attività tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel b'mod partikolari billi jqabbel ir-riżultati miksuba mal-objettivi tal-Programm ta' Ħidma Annwali. Il-Bord tat-Tmexxija huwa meħtieġ jibgħat kemm ir-rapport kif ukoll il-valutazzjoni tiegħu sal-1 ta' Lulju ta' kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri u jiżgura li r-Rapport Annwali tal-Attività jiġi ppubblikat.

# Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija




*Zsolt Szolnoki, President tal-Bord tat-Tmexxija*

**Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA jew l-Aġenzija) analizza u vvaluta r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija dwar il-kisbiet u r-riżultati għall-2018. Il-Bord jirrikonoxxi l-prestazzjoni tal-Aġenzija u jinnota, b'mod partikolari, l-oservazzjonijiet li ġejjin.**

## Osservazzjonijiet ġenerali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li l-prestazzjoni tal-eu-LISA fl-2018 laħqet l-objettivi stabbiliti fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija u l-għanijiet u l-objettivi stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2022;
- jirrikonoxxi li l-Aġenzija wettqet b'suċċess il-mandat tagħha matul is-sena, u b'hekk żgurat il-funzjonament normali taż-żona Schengen u l-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti fil-qasam tal-ġustizzja, is-sigurtà u l-libertà;
- jirrikonoxxi l-importanza tad-dħul fis-seħħ f'Diċembru 2018 tar-Regolament ta' Stabbiliment il-ġdid tal-eu-LISA u jenfasizza l-importanza tal-mandat imsaħħaħ tal-Aġenzija;
- josserva l-ilħuq tal-objettivi tal-programm ta' ħidma annwali tal-2018, inklużi fid-Dokument ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija għall-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2020, kemm f'termini ta' riżultati kif ukoll ta' prestazzjoni;
- jirrikonoxxi li, minbarra li wettqet b'suċċess l-attivitajiet tagħha fl-2018, l-Aġenzija wriet aġilità u flessibbiltà matul is-sena, filwaqt li ffaċċjat sfidi konsiderevoli fir-rigward tar-riżorsi umani disponibbli;
- jirrikonoxxi l-operazzjonijiet stabbli u kontinwi tal-Aġenzija matul is-sena u d-disponibilità kontinwa tal-Istati Membri tas-sistemi fdati lilha;
- jirrikonoxxi l-importanza dejjem akbar tas-sistemi li ġew fdati lill-Aġenzija u jinsisti fuq il-ħtieġa urġenti li dan it-tkabbir jiġi appoġġat b'riżorsi umani addizzjonali, li huma meħtieġa l-aktar minħabba l-attivitajiet orizzontali estiżi tal-Aġenzija;
- jirrikonoxxi r-rata baxxa ta' tibdil tal-persunal tal-Aġenzija u jenfasizza l-ħtieġa tal-eu-LISA biex tkompli bl-isforzi tajbin tagħha sabiex tiżgura ż-żamma tal-persunal u l-iżvilupp professjonali fl-Aġenzija;
- jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tevolvi u tirfina s-sistema ta' kontroll interna tagħha u jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni ulterjuri tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità korporattiva tagħha, kif ukoll tal-kapaċitajiet relatati mal-ġestjoni tal-programm u tal-portafoll;
- jirrikonoxxi ċ-ċaqliq b'suċċess u bla xkiel tal-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn f'Lulju 2018;
- jenfasizza l-importanza tal-finalizzazzjoni tar-rikostruzzjoni tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu u l-estensjoni ulterjuri tal-bini fi Strasburgu, inkluż iċ-ċentru tad-*data*, u jieħu nota tal-kwistjoni tal-kapaċità tal-Unità Ċentrali ta' Backup (BCU) f'St. Johann im Pongau u jistieden lill-Aġenzija biex tesplora possibbiltajiet

sabiex jiġi ottimizzat l-użu tal-BCU;

- jirrikonoxxi l-progress tajjeb li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi li jirriżultaw mill-ewwel evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija fl-2016, u jistieden lill-eu-LISA tagħlaq l-azzjonijiet pendenti kollha skont l-iskeda ta' żmien miftiehma stabbilita fil-pjan ta' azzjoni;
- jinnota b'sodisfazzjon ir-rilaxx mogħti mill-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2017.

## Osservazzjonijiet dwar il-kisbiet strateġiċi u operattivi ewlenin tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jirrikonoxxi li l-eu-LISA ssodisfat u saħansitra qabżet l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha fit-twettiq tal-kompiti pprogrammati, b'mod partikolari fir-rigward tal-inizjattivi l-ġodda fdati lill-Aġenzija, bħas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS);
- iqis li l-mod kif l-Aġenzija indirizzat iż-żieda sostanzjali fl-ammont ta' xogħol kien xieraq ħafna iżda jenfasizza l-importanza li l-Aġenzija tingħata riżorsi adegwati (kemm finanzjarji kif ukoll umani) għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lilha;
- jenfasizza l-importanza kbira tal-EES għat-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna fl-UE, jifraħ lill-Aġenzija għall-progress sostanzjali permezz tax-xogħol li sar fl-2018 u jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha lejn l-implimentazzjoni tas-sistema;
- jenfasizza l-importanza kbira tal-ETIAS u jirrikonoxxi l-progress li sar mill-Aġenzija fit-tħejjija għall-implimentazzjoni tagħha wara l-adozzjoni tar-regolamenti dwar l-ETIAS;[1]
- jenfasizza l-importanza tas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), u jifraħ lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Fażi 1 tal-proġett;
- jieħu nota tal-adozzjoni tar-regolamenti l-ġodda tas-SIS II u jistieden lill-Aġenzija twettaq l-attivitajiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni f'waqtha tagħhom;
- iqis li l-azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija biex tamministra u tevolvi l-l-Bażi tad-*Data* Dattiloskopika Ewropea tal-Asil (Eurodac), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża/is-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (VIS/BMS) u s-SIS II huma adegwati u kkontribwixxew b'suċċess għat-twettiq tal-kompiti stipulati fl-istrumenti legali tas-sistemi u jistieden lill-Aġenzija biex tkompli bl-isforzi tagħha relatati mal-adozzjonijiet reċenti u dawk li ġejjin ta' regolamenti ġodda;
- jenfasizza l-importanza tal-proposti dwar l-interoperabbiltà u jħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli l-kollaborazzjoni mill-qrib tagħha mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha tad-diversi komponenti tal-interoperabbiltà, wara l-adozzjoni fl-20 ta' Mejju 2019 tal-bażijiet ġuridiċi mill-koleġiżlaturi;[2]
- jifraħ lill-Aġenzija dwar il-kapaċità tagħha li ttejjeb b'mod kontinwu l-operazzjonijiet tagħha, kif muri mir-riżultati pożittivi tal-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati;

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1–71 u r-Regolament (UE) 2018/1241, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1–73.
[2] Ir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27–135.

- jilqa' l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet interni tal-Aġenzija fir-rigward tal-ippjanar tal-baġit u tal-ġestjoni proattiva tal-eżekuzzjoni baġitarja biex tiġi żgurata ġestjoni tajba tar-riżorsi finanzjarji tal-Aġenzija u jirrikonoxxi li l-livelli ta' eżekuzzjoni ġenerali tal-impenji u l-pagamenti kienu 99.5 % u 100 % rispettivament, meta mqabbla ma' mira ta' 95 %;
- jinnota b'sodisfazzjon l-approċċ strutturat li adottat l-Aġenzija għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istruttura organizzattiva l-ġdida tagħha, jirrikonoxxi l-progress li sar mill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni intern tagħha u jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni b'suċċess tiegħu bħala xprunatur għas-suċċess fit-tul tal-Aġenzija;
- jesprimi sodisfazzjon dwar il-funzjonament effiċjenti tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija, li ġiet rikonoxxuta f'awditi esterni u interni mwettqa b'mod regolari.

## Valutazzjoni tal-ġestjoni tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jirrikonoxxi r-riżultati li kisbet l-Aġenzija u fid-dawl tal-eżiti tal-awditi interni u esterni mwettqa, jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu dwar il-kwalità tat-tmexxija tal-Aġenzija fl-2018.

## Varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji meta mqabbla mal-pjan ta' ħidma annwali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li dan ir-rapport jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li r-riżorsi (persunal u baġit) jintużaw mill-Aġenzija f'konformità mal-iskop mħsub tagħhom kif stabbilit fil-Programm ta' Ħidma tal-2018 inkluż fid-Dokument ta' Programmazzjoni ta' bejn l-2018 u l-2020;
- iqis li l-varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi mhumiex sinifikanti u huma ġġustifikati, meta wieħed iqis ir-riżultati li kisbet l-Aġenzija u l-eżiti tal-awditi li twettqu;
- jenfasizza l-importanza li jintlaħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-riżorsi umani u finanzjarji allokati lill-Aġenzija u l-kompiti tagħha estiżi b'mod sinifikanti.

## Indikaturi tal-prestazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi l-livelli tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-Aġenzija għall-2018.

## Ambjent ta' riskju u kontroll

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jirrikonoxxi li r-riskji ewlenin għall-organizzazzjoni, li setgħu pperikolaw it-twettiq tal-kompiti stabbiliti fid-Dokument ta' Programmazzjoni ta' bejn l-2018 u l-2020, ġew identifikati u ġew implimentati pjanijiet ta' rispons adegwati;
- iqis li l-Aġenzija ħadet miżuri xierqa biex tevita li dawn ir-riskji jinbidlu fi kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-attivitajiet tagħha;
- jirrikonoxxi li s-sistemi ta' kontroll intern kienu jiffunzjonaw b'mod effiċjenti, meta wieħed iqis ir-riżultati li kisbet l-Aġenzija u r-riżultati tal-awditi interni u esterni.

## Valutazzjoni tal-assigurazzjonijiet u r-riżervi maħruġa mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li hemm fis-seħħ miżuri xierqa u adatti biex jiġu indirizzati l-punti dgħajfa identifikati fil-ġestjoni u fil-kontroll;
- jinnota li l-eu-LISA tinsab fil-proċess li timplimenta bbaġitjar ibbażat fuq l-attività u li għalhekk, l-informazzjoni ddettaljata dwar l-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji għal kull attività mhijiex disponibbli bis-sħiħ għall-2018.

## Rakkomandazzjonijiet

Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport, il-Bord tat-Tmexxija jħeġġeġ lill-Aġenzija sabiex, fl-2019:

- timplimenta l-obbligi li jirriżultaw mill-mandat il-ġdid tagħha u twettaq il-kompiti tagħha b'effiċjenza u effikaċja sostnuti;
- tkompli l-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni interna, meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-mandat il-ġdid;
- tkompli mingħajr dewmien l-implimentazzjoni tal-EES u tal-ETIAS, u tistabbilixxi sinerġiji fl-użu ta' riżorsi umani u finanzjarji allokati, fejn possibbli;
- tavvanza l-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tar-regolamenti tas-SIS;
- tkompli l-kollaborazzjoni mill-qrib tagħha mal-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tad-diversi elementi tal-interoperabbiltà wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi rilevanti mill-koleġiżlaturi;
- tibda t-tħejjijiet għas-sistema ċentralizzata ġdida biex jiġu identifikati l-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi biex jissupplimentaw u jappoġġaw is-Sistema Ewropea ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi kkundannati (ECRIS-TCN), wara l-adozzjoni tal-bażi ġuridika mill-koleġiżlaturi;[3]
- tiffinalizza l-implimentazzjoni tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività kif ippjanat;
- tkompli bl-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet *ex ante* fl-Aġenzija;
- tkompli ssaħħaħ aktar is-sistema ta' kontroll intern tagħha, filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika għar-reviżjonijiet regolari tal-effiċjenza tal-proċessi interni u għall-iżvilupp ulterjuri tal-kompetenzi u tal-ħiliet tal-membri tal-persunal abbażi tal-qafas tal-kompetenza tal-Aġenzija;
- tkompli tiżviluppa u ssaħħaħ aktar il-qafas ta' governanza korporattiva billi tintroduċi għodod, approċċi u prattiki ta' ġestjoni aġġornati;
- tkompli bl-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni interna fl-Aġenzija;
- tikkonkludi l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija sa tmiem l-2019, u tirrapporta ulterjorment lill-Bord.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1-26.

## Konklużjoni

Il-Bord ta' Tmexxija huwa sodisfatt ħafna bil-prestazzjoni ġenerali tal-eu-LISA fl-2018 u bil-kisbiet tal-Aġenzija matul l-2018, li kienu konformi mal-għanijiet u l-objettivi stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali tagħha għall-2018. Il-Bord tat-Tmexxija huwa sodisfatt ukoll bil-livell u l-adegwatezza tal-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

Il-Bord jenfasizza li filwaqt li ġew ipprovduti xi riżorsi umani addizzjonali lill-Aġenzija wara l-adozzjoni tar-regolament ta' stabbiliment il-ġdid u r-regolamenti dwar l-ETIAS, il-pressjoni konsiderevoli tax-xogħol għadha kwistjoni ta' tħassib, speċjalment fil-funzjonijiet orizzontali u bejn l-organizzazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Bord tat-Tmexxija jqis l-ħtieġa li s-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu jiġi estiż bħala prijorità strateġika għas-snin li ġejjin.

Il-Bord tat-Tmexxija jesprimi l-apprezzament tiegħu fil-konfront tad-Direttur Eżekuttiv u l-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija għall-impenn u l-kisbiet tagħhom matul is-sena, u jixtieq jirringrazzjahom għall-kollaborazzjoni kostruttiva u pjaċevoli.

## Zsolt Szolnoki, President tal-Bord tat-Tmexxija

# Introduzzjoni

L-għan tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja hu li jagħti ħarsa ġenerali strutturata lejn l-attivitajiet li twettqu u l-objettivi li ntlaħqu fl-2018.

**Informazzjoni ta' sfond**

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ġiet stabbilita fl-2011 bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 u saret operattiva fl-1 ta' Diċembru 2012. L-Aġenzija ġiet stabbilita biex tipprovdi soluzzjoni fit-tul fil-livell tal-UE għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira attwali u futuri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fil-11 ta' Diċembru 2018, regolament ġdid, ir-Regolament (UE) Nru 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, daħal fis-seħħ u espanda l-mandat tal-Aġenzija. Dan il-mandat il-ġdid isaħħaħ il-kapaċità tal-Aġenzija li ttejjeb u tiżviluppa sistemi ta' informazzjoni għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni Ewropej, u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Bħalissa l-eu-LISA tmexxi l-Bażi tad-*Data* Dattiloskopika Ewropea tal-Asil (Eurodac), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS). Dawn is-sistemi huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel taż-żona Schengen. Fil-fruntieri esterni tagħha, dawn is-sistemi tal-IT huma strumentali għall-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri u jiżguraw l-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-asil u l-viżi. Fiż-żona Schengen, id-disponibbiltà ta' dawn is-sistemi hija kruċjali biex tiġi ggarantita l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija qiegħda fil-proċess li tiżviluppa żewġ sistemi tal-IT addizzjonali: is-sistema ta' Dħul / Ħruġ (EES) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Dawn iż-żewġ sistemi ġodda, meta jkunu operattivi, se jkomplu jsaħħu s-sigurtà interna tal-UE u se jtejbu l-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-fruntieri esterni. Fl-2019, l-Aġenzija hija mistennija wkoll li tibda tiżviluppa s-Sistema Ewropea ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi kkundannati (ECRIS-TCN).

**Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin tagħna**

Il-missjoni tal-Aġenzija hija bbażata fuq il-mandat legali tagħha u tiffoka fuq li ***żżid kontinwament il-valur lill-Istati Membri, billi tappoġġa, permezz tat-teknoloġija, l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sigura***.

Din il-missjoni titwettaq permezz tal-Viżjoni tal-Aġenzija, jiġifieri li ***tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti lill-partijiet ikkonċernati, li tikseb il-fiduċja tagħhom billi tallinja kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li jevolvu tal-Istati Membri u li tkabbar l-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza*** fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI).

Il-missjoni u l-viżjoni tal-Aġenzija jissarrfu f'attivitajiet operazzjonali permezz tal-valuri ewlenin tal-eu-LISA. Dawn jixprunaw u jirfdu l-attivitajiet operazzjonali kollha u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija. Dawn il-valuri huma:

- ***L-obbligu ta' rendikont:*** l-iskjerament ta' qafas ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kosteffiċjenti;
- ***It-trasparenza:*** komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involviment tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex tiġi ddefinita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija.

- ***L-eċċellenza:*** billi jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali, il-persuni u l-proċessi xierqa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fis-servizz lill-Istati Membri.
- ***Il-kontinwità:*** l-iżgurar li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u li tkompli tiżviluppa l-kompetenzi u l-għarfien.
- ***Ħidma f'tim:*** li tfittex li tagħti setgħa lil kull membru individwali fit-tim biex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u mill-esperjenza tiegħu jew tagħha, biex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess tal-Aġenzija;
- ***Attenzjoni lejn il-klijent:*** l-iżgurar li l-Aġenzija tkun allinjata dejjem mal-ħtiġijiet u d-domanda tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

**Fejn ninsabu**

Is-sede tal-Aġenzija tinsab f'Tallinn, l-Estonja, filwaqt li l-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi fdati lill-Aġenzija ssir fi Strasburgu, Franza. L-eu-LISA għandha wkoll sit ta' backup tekniku f'St. Johann im Pongau, l-Awstrija, u uffiċċju ta' kollegament fi Brussell, il-Belġju.

# Sommarju eżekuttiv

il-moviment liberu tal-persuni huwa wieħed mis-simboli tanġibbli tal-integrazzjoni Ewropea. Madankollu, matul dawn l-aħħar snin, dan is-simbolu ġie ttestjat minħabba l-pressjoni migratorja, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja taqdi rwol importanti fl-iżvilupp ta' risponsi f'waqthom u adegwati biex jiġu miġġielda dawn l-isfidi permezz tal-ħidma tagħha relatata ma' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi.


Kreditu: Aigar Lueşti

*Krum Garkov*
*Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA*

L-eu-LISA hija responsabbli għall-iżvilupp, il-ġestjoni u t-twassil ta' soluzzjonijiet, sistemi u servizzi tal-IT li huma fatturi ewlenin ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-Aġenzija hija waħda mill-elementi importanti tal-magna li tixpruna l-funzjonament normali taż-żona Schengen. L-eu-LISA ppruvat li hija fornitur affidabbli tas-servizzi għall-Istati Membri, peress li hija kapaċi tassumi responsabbiltajiet ġodda addizzjonali filwaqt li tiġġestixxi u tiżviluppa s-sistemi fdati lilha. Fl-istess ħin, l-Aġenzija żammet u kompliet tiżviluppa lilha nnifisha bħala sieħeb fdat u affidabbli għall-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE.

F'dan ir-rigward, l-2018 kienet sena deċiżiva. Inkiseb progress sinifikanti f'għadd ta' prijoritajiet leġiżlattivi maħsuba biex jindirizzaw diversi aspetti ta' aktar tisħiħ tas-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Is-sena kienet importanti wkoll minħabba d-dħul fis-seħħ tar-regolament ta' stabbiliment il-ġdid tal-Aġenzija, li espanda b'mod sinifikanti l-mandat tal-eu-LISA.

F'dan ir-rigward, fl-2018 l-eu-LISA ffaċċjat sfida doppja:

- **Minn naħa waħda**, li tibqa' ffukata fuq l-operazzjonijiet ewlenin tagħha, minħabba l-importanza tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija għas-sigurtà interna, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-UE;
- **Min-naħa l-oħra**, li żżid b'mod kontinwu l-kontribut tagħha lill-Istati Membri u l-UE kollha kemm hi, minħabba l-mandat estiż tagħha.

### Il-qafas legali

Fl-11 ta' Diċembru 2018, daħal fis-seħħ ir-Regolament ta' Stabbiliment il-ġdid tal-eu-LISA[4], li pprovda l-bażi ġuridika biex l-Aġenzija tieħu aktar kompiti u tipprovdi ġestjoni operattiva ċentralizzata aktar kompleta tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-migrazzjoni, is-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri. Il-mandat tal-Aġenzija issa jinkludi, inter alia:

- l-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, wara l-adozzjoni tar-regolamenti rilevanti;[5]
- l-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT bħall-EES,[6] l-ETIAS[7] u l-ECRIS-TCN;[8]

[4] Ir-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99-137.
[5] Ir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27–135.
[6] Ir-Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20-82.
[7] Ir-Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-71.
[8] Ir-Regolament (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1–26.

- l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti li għalihom diġà hija responsabbli: il-Eurodac,[9] l-SIS[10] u l-VIS;[11]
- appoġġ usa' għall-Istati Membri, fil-forma ta' aktar appoġġ tekniku u operattiv ad hoc lill-Istati Membri;
- responsabbiltajiet usa' fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u l-ittestjar ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda.

**Sistemi eżistenti**

Matul is-sena, l-eu-LISA żammet l-operat stabbli u kontinwu tal-**Eurodac**, tas-**SIS** u tal-**VIS/tal-BMS**, fi ħdan ir-rekwiżiti legali u l-livelli ta' servizz miftiehma u b'livell għoli ta' sodisfazzjon min-naħa tal-klijenti. Fl-2018, l-ebda kwistjoni ewlenija jew inċident kbir ma pprevjenew l-użu normali tas-sistemi. Id-disponibbiltà tal-Eurodac kienet ta' 100 %, dik tas-SIS kienet ta' 99.86 % u dik tal-VIS kienet ta' 99.96 %.[12] L-istħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA wera li aktar minn 96 % tal-Istati Membri kienu sodisfatti jew sodisfatti ħafna bil-ġestjoni tas-sistemi tal-eu-LISA.

L-Aġenzija nediet b'suċċess l-ewwel fażi tal-AFIS tas-**SIS II** , u introduċiet kapaċità ta' tiftix bijometriku biex tippermetti identifikazzjoni aħjar tal-persuni. Barra minn hekk, inbdiet ħidma dwar l-integrazzjoni tal-Irlanda fis-SIS. Ir-regolamenti l-ġodda dwar it-tisħiħ tas-SIS daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Diċembru 2018 u se jirrikjedu li l-eu-LISA timplimenta bidliet tekniċi kumplessi fis-snin li ġejjin.

Fl-2018, l-eu-LISA ffokat fuq it-tħejjija għall-forniment taż-żidiet fil-kapaċità tal-**VIS** u tal-BMS għas-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-Aġenzija bdiet tidentifika l-interdipendenzi bejn il-VIS u l-EES u bdiet tistabbilixxi l-pjan direzzjonali dwar l-interoperabbiltà tal-VIS-EES. F'Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta[13] biex jiġi emendat ir-regolament dwar il-VIS, bil-għan li tiġi ssimplifikata l-prestazzjoni tas-sistema, u tiġi introdotta kapaċità ta' tiftix bl-immaġni tal-wiċċ u jiġu eliminati d-diskrepanzi fis-sigurtà biex tissaħħaħ is-sigurtà interna taż-żona Schengen.

Fl-2018, inħarġet verżjoni ġdida tal-**Eurodac** u kienet tinkludi diversi miżuri korrettivi. L-Aġenzija bdiet ukoll l-integrazzjoni tas-sistema tal-Eurodac bl-infrastruttura ta' backup kondiviża, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-infrastruttura komuni u kondiviża tal-eu-LISA. Ir-riformulazzjonijiet tar-Regolament ta' Eurodac u Dublin ma ġewx adottati fl-2018.

**Sistemi ġodda**

Fl-2018, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-**EES** fid-29 ta' Diċembru 2017, l-Aġenzija aċċellerat il-ħidma tagħha fuq l-implimentazzjoni tas-sistema. Dan ġie organizzat fi tliet flussi ta' xogħol, jiġifieri r-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali, l-akkwist u d-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi. Il-ħidma kollha saret f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) u l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Aġenzija kienet involuta ħafna fit-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni għall-EES.

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-istabbiliment tal-**ETIAS** fid-9 ta' Ottubru 2018, l-Aġenzija bdiet il-ħidma preparatorja billi appoġġat lill-Kummissjoni Ewropea fl-abbozzar tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati relatati kif ukoll fit-tfassil tal-proċeduri tal-offerti u l-proċessi ta' reklutaġġ.

L-Aġenzija ħejjiet ukoll tajjeb minn qabel l-istrutturi u l-proċessi ta' governanza relatati mal-ġestjoni tas-sistema l-ġdida. Dan ippermetta lill-Grupp Konsultattiv tal-EES (AG tal-EES) biex jiltaqa' u jwettaq il-kompiti tiegħu kull xahar minn Ġunju 2018.

---

9 Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31–59.

10 Ir-Regolament (UE) 2018/1860 u r-Regolament (UE) 2018/1861, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-55; ir-Regolament (UE) 2018/1682, ĠU L 279, 9.11.2018, p. 13-14; ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p 1-23; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63-84.

11 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81.

12 Iċ-ċifri għad-disponibbiltà tas-sistemi ma jinkludux il-ħin għall-manutenzjoni.

13 Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament dwar l-Interoperabilità], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI — Mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew, Brussell, 19.12.2018.

Minbarra l-evoluzzjoni tas-sistemi individwali, l-eu-LISA kienet involuta fi tħejjijiet għall-**interoperabbiltà** ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. L-interoperabbiltà u l-komponenti tekniċi tagħha, jiġifieri r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-identità, il-Portal Ewropew tat-Tfittxija, is-Servizz kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku, id-Detettur ta' Identitajiet Multipli u r-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u l-Istatistika, se jipprovdu s-sisien għal servizzi tal-IT aktar moderni, aġli u effiċjenti għall-awtoritajiet nazzjonali. Bħala riżultat, se tiġi stabbilita arkitettura ta' informazzjoni ġdida fil-qasam tal-ĠAI. Il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal regolamenti li jistabbilixxu qafas għall-interoperabbiltà ġew ippreżentati fit-12 ta' Diċembru 2017 u daħlu fis-seħħ fl-11 ta' Ġunju 2019. Matul l-2018, l-eu-LISA kkooperat mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ippjanar indikattiv għall-implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà u dwar l-analiżi tal-interdipendenzi mas-sistemi eżistenti u dawk ġodda.

**L-infrastruttura tal-komunikazzjoni**

Matul l-2018, il-Kummissjoni Ewropea għaddiet lill-Aġenzija l-kompiti tagħha relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS (f'Ġunju) u s-SIS II (f'Diċembru). L-eu-LISA diġà kienet responsabbli għas-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri ta' servizz ta' netwerk rilevanti. L-Aġenzija issa qed twettaq ukoll attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni, it-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali fir-rigward tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS u tas-SIS II F'konformità mar-regolament ta' stabbiliment il-ġdid tagħha, fil-futur l-Aġenzija se twettaq il-kompiti kollha relatati mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-sistemi fdati lilha, bl-eċċezzjoni ta' dawk is-sistemi li jagħmlu użu mill-Eurodomain (jiġifieri attwalment il-Eurodac, u l-ECRIS-TCN ladarba tibda tiffunzjona).

L-Aġenzija żgurat li l-kompiti relatati mal-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni twettqu skont il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz (FLS). L-Istati Membri rċevew servizz affidabbli u kontinwu matul is-sena.

Flimkien ma' partijiet ikkonċernati oħra tal-UE, l-eu-LISA bdiet it-tħejjijiet għal offerta ġdida għas-suċċessur tas-Servizzi Trans-Ewropej attwali għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — ġenerazzjoni ġdida (TESTA-ng).

Flimkien mal-iskjerament tal-funzjonalità tal-AFIS, beda jsir l-aġġornament tan-netwerk tas-SIS II. Fiż-żmien tat-tħejjija ta' dan ir-rapport, dan kien tlesta f'sitt siti nazzjonali, u kellu jiġi ffinalizzat għall-Istati Membri l-oħra fl-2019.

**Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

L-eu-LISA rrispettat l-impenn tagħha għal kollaborazzjoni mill-qrib ħafna, trasparenti u kostruttiva mal-Bord ta' Tmexxija tagħha (MB) u mal-Gruppi Konsultattivi (il-Eurodac, is-SIS u l-AGs tal-VIS). L-Aġenzija pprovdiet ukoll l-appoġġ kollu meħtieġ għall-funzjonament b'suċċess tal-MB u tal-AGs. F'konformità mar-regolament, il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm tal-EES (PMB) u l-AG tal-EES ġew stabbiliti u bdew il-laqgħat regolari tagħhom. Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti tal-ETIAS, l-Aġenzija nediet il-PMB tal-ETIAS u l-AG konġunt bejn l-EES u l-ETIAS. L-ewwel laqgħat tagħhom saru sussegwentement fl-1 ta' Frar 2019 (PMB tal-ETIAS) u fit-13 ta' Marzu 2019 (AG bejn l-EES u l-ETIAS).

L-Aġenzija sostniet il-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji oħra tal-UE, pereżempju billi se tospita d-9 laqgħa tan-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà f'Tallinn bejn l-14 u l-15 ta' Novembru.

L-eu-LISA kompliet l-involviment tagħha fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen billi kkontribwixxiet għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen. Fl-2018, l-Aġenzija appoġġat 11-missjoni ta' evalwazzjoni ta' Schengen wara talbiet mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi t-talbiet kollha fl-oqsma tas-SIS/ tat-Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punti ta' Dħul Nazzjonali (SIRENE) u diversi evalwazzjonijiet tal-politika komuni dwar il-viżi.

Fl-2018, l-eu-LISA wettqet ħidma fuq tliet kwistjonijiet ta' prijorità taħt il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), jiġifieri l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, iċ-ċiberkriminalità u t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar. Għat-tieni darba, l-Aġenzija organizzat attivitajiet ta' taħriġ apposta biex ittejjeb l-użu tal-Eurodac u tas-SIS II fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali.

**L-organizzazzjoni**

Sabiex timplimenta l-mandat il-ġdid tagħha, introdott mir-regolament ta' stabbiliment il-ġdid, l-Aġenzija żviluppat struttura organizzattiva ġdida, li ġiet diskussa mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA u sussegwentement ġiet adottata fil-21 ta' Marzu 2018. Tħejja u ġie implimentat programm ta' trasformazzjoni kumpless imħejji bir-reqqa għal riorganizzazzjoni korporattiva. Dan mistenni li jitlesta sal-2020.

**Komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku**

L-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-komunikazzjoni ffokaw fuq azzjonijiet immirati biex tiżdied il-firxa 'l barra kif ukoll fuq l-immodernizzar ulterjuri tal-kanali ta' komunikazzjoni korporattivi tal-eu-LISA. L-avveniment ewlieni tas-sena kien il-konferenza konġunta tal-eu-LISA "Il-Fruntieri tal-UE — Insiru Aktar Intelliġenti permezz tat-Teknoloġija", li ġie organizzata taħt l-awspiċi tal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE, li ġibdet l-akbar għadd ta' parteċipanti f'konferenza tal-eu-LISA u kisbet rata ta' sodisfazzjon ta' 97 %. Din kienet segwita minn avveniment madwar mejda tal-industrija li kiseb l-istess suċċess u li kien iddedikat għal teknoloġiji li jiffaċilitaw il-qsim tal-fruntieri tal-art fil-kuntest tal-operat futur tal-EES. Sar avveniment madwar mejda ieħor tal-industrija f'Sofija, il-Bulgarija, bl-appoġġ tal-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-UE; dan iffoka fuq li jiġi ssimplifikat l-iskambju ta' informazzjoni fil-fruntieri esterni tal-UE.

It-tnedija ta' sit web pubbliku tal-eu-LISA rivedut u mmodernizzat bis-sħiħ, li żied b'mod konsiderevoli t-traffiku lejn is-sit u pprovda aktar minn 100 000 viżitatur fis-sena, kienet kisba oħra relatata mal-komunikazzjoni fl-2018. Dan kien ikkomplementat b'tipi ġodda ta' vidjows ta' sensibilizzazzjoni għall-pubbliku ġenerali biex juru l-mandat tal-eu-LISA u kemm is-sistemi tal-IT attwali kif ukoll dawk futuri b'mod li jinftiehem faċilment u attraenti. L-inizjattivi kollha ta' komunikazzjoni awdjoviżiva kellhom l-għan li jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku informazzjoni li tinftiehem faċilment dwar suġġetti kumplessi, kif meħtieġ mill-atti legali rilevanti. L-Aġenzija kienet involuta wkoll b'mod attiv fl-Eżerċizzju Parallel u Kkoordinat tal-UE tal-2018 u fl-eżerċizzju ta' sigurtà tas-SIS II, filwaqt li pprovdiet pariri u kontribuzzjonijiet ta' komunikazzjoni ta' kriżi.

**Siti**

Aktar minn 7 sena ilu, f'Ottubru 2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jistabbilixxu l-eu-LISA bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Tallinn, l-Estonja. Il-Gvern Estonjan impenja ruħu li jibni kwartieri ġenerali adatti għall-ħtiġijiet u r-rekwiżiti ta' aġenzija tal-UE. Matul is-snin, l-eu-LISA rċeviet appoġġ notevoli mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-gvern Estonjan, li ppermettewlha biex fil-bidu taħdem minn bini temporanju u mbagħad tittrasferixxi ruħha f'sit permanenti f'Lulju 2018. L-eżerċizzju kumpless ta' ċaqliq mill-bini temporanju għal dak permanenti tħejja b'attenzjoni, kien ippjanat, immonitorjat u kkompletat b'suċċess bis-saħħa tal-ħidma ddedikata tat-timijiet kollha involuti.



*Kreditu: Steen-Ander Ojapallas*

*Il-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-eu-LISA f'Tallinn*

Fl-2013, l-eu-LISA ngħatat is-Centre du Système d'Information Schengen preċedenti fi Strasburgu mill-gvern Franċiż, u ilha minn dak iż-żmien tmexxi s-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-Aġenzija minn hemmhekk. Wara l-għoti ta' kuntratt fl-2015, il-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid bdiet fil-bidu tal-2016. Il-persunal daħal fil-bini l-ġdid f'Awwissu 2017. F'Novembru 2018, ġew iffinalizzati x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-parti teknika tal-proġett ta' rikostruzzjoni fis-sit tal-Aġenzija fi Strasburgu. Kien meħtieġ li jiġu eliminati l-punti uniċi ta' falliment relatati mal-faċilità taċ-ċentri tad-*data* u li

tiżdied il-kapaċità tal-enerġija, tat-tkessiħ u tal-ventilazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-IT fil-kuntest tal-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda.

Permezz tal-finalizzazzjoni tal-proġett, inkisbu standards għoljin sabiex il-persunal u l-kuntratturi jgawdu minn kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar.



kreditu: Reid Brewin Architects

## Implimentazzjoni tal-baġit

Fl-2018, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 202.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 93.7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mill-baġit ġenerali tal-UE. L-Aġenzija żammet rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit, b'mod partikolari:

- 99.5 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, b'kont meħud tar-riport mhux awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati mill-Bord tat-Tmexxija fi Frar 2019;
- 100 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2019.

## Riżorsi umani

Fl-2018, l-eu-LISA kompliet tikber b'pass mgħaġġel. L-iżvilupp ta' sistemi ġodda u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti kienu jirrikjedu fluss kostanti ta' riżorsi umani addizzjonali: Fl-2018 ġew ippubblikati 26 post battal estern.

F'termini ta' għadd ta' persunal, fl-aħħar ta' Diċembru 2018, l-eu-LISA kellha 162 membru tal-persunal full-time: 122 aġent temporanju (AT), 31 aġent kuntrattwali (AK) u 9 esperti nazzjonali sekondati (ENS). Minn dawn, 85 AT, 21 AK u 4 ENS kienu bbażati fi Strasburgu, 37 AT, 8 AK u 5 ENS kienu bbażati f'Tallinn, u 2 AK kienu bbażati fl-Uffiċċju ta' Kollegament tal-eu-LISA fi Brussell.

Kisba oħra ewlenija għall-2018 kienet l-iżvilupp ulterjuri tal-qafas ta' kompetenza tal-persunal tal-Aġenzija li diġà ġie implimentat, lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni inizjali tiegħu fl-oqsma tar-reklutaġġ u tat-taħriġ.

L-Aġenzija kompliet bl-isforzi tagħha għal aktar effiċjenza, użu akbar tal-għodod diġitali u ġestjoni mmexxija mid-*data* fil-qasam tar-riżorsi umani (HR). Tnediet għodda ta' reklutaġġ elettroniku fit-tieni nofs tas-sena, li tiffaċilita b'mod konsiderevoli l-ġestjoni ta' diversi proċessi ta' reklutaġġ. Il-proċess ta' evalwazzjoni ntuża permezz tal-pjattaforma diġitali "i-Learn", li nbniet internament.

**Ir-riskji u l-kwistjonijiet ewlenin irrapportati lill-Bord tat-Tmexxija.**

Il-kollaborazzjoni effiċjenti u mill-qrib bejn il-Bord tat-Tmexxija u l-eu-LISA kompliet matul is-sena. Fl-2018, tressqu tliet kwistjonijiet ewlenin għall-attenzjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

- Il-ħtieġa għal estensjoni ulterjuri tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strassburgu u kapaċità akbar fis-sit tal-BCU biex jiġu akkomodati żviluppi ġodda: Il-Bord tat-Tmexxija talab lill-Aġenzija biex tħejji proġett ta' bini għat-tieni estensjoni tas-sit ta' Strassburgu.[14] Il-Bord tat-Tmexxija ħa nota wkoll tal-kwistjoni tal-kapaċità fis-sit tal-BCU u stieden lill-Aġenzija tesplora possibbiltajiet biex jiġi ottimizzat l-użu tal-BCU.
- Is-sitwazzjoni tal-persunal tal-Aġenzija: filwaqt li l-Aġenzija se tirċievi persunal addizzjonali skont diversi proposti legali ġodda li ġew adottati, il-biċċa l-kbira tar-riżorsi umani l-ġodda huma allokati għal attivitajiet operattivi. Fl-istess ħin, il-funzjonijiet orizzontali korporattivi (eż. finanzi, HR, eċċ.) jeħtieġu tisħiħ biex ikunu jistgħu jappoġġaw b'mod effettiv il-kompiti u l-mandat estiżi tal-Aġenzija. Matul is-sena, il-Bord tat-Tmexxija ġie aġġornat regolarment dwar il-kwistjoni.
- Il-baġit għall-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tal-Eurodac: minħabba li l-adozzjoni tal-bażi ġuridika għadha pendenti, il-baġit allokat ma jistax jintuża fi ħdan l-iskeda ta' żmien stabbilita fid-dikjarazzjoni finanzjarja legali mehmuża mal-proposta legali. B'riżultat ta' dan, ladarba tiġi adottata l-proposta legali (l-adozzjoni hija mistennija fl-2020) se jkun meħtieġ li jiġi allokat baġit alternattiv lill-Aġenzija sabiex tkun tista' timplimenta l-proposta ta' riformulazzjoni.

**Valutazzjoni mill-maniġment tal-kontrolli interni**

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li hemm fis-seħħ kontrolli interni xierqa u li dawn qegħdin jiffunzjonaw kif maħsub; matul is-sena, ir-riskji ewlenin ġew identifikati u ġestiti b'mod xieraq. Din l-assigurazzjoni hi kkonfermata ulterjorment mir-riżultati tal-awditi interni u esterni mwettqa matul is-sena.

**Riżultati tal-awditu**

Ma saret l-ebda rakkomandazzjoni kritika lill-Aġenzija matul l-awditi li twettqu matul is-sena mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, minn awdituri esterni indipendenti, mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni jew mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija. Ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra kollha ġew indirizzati fi pjanijiet ta' azzjoni relatati.

**Riskji**

Matul l-2018, ġew identifikati tliet riskji korporattivi kbar. Ġie stabbilit pjan ta' rispons għar-riskji korporattivi sabiex dawn jiġu indirizzati.[15]

**Konklużjoni**

Il-kisbiet tal-Aġenzija fl-2018 jipprovdu bażi solida għat-tkabbir futur u l-iżvilupp tal-operazzjonijiet tagħha u l-mandat tagħha. L-Aġenzija għandha tkompli tiżviluppa l-aġilità u l-kapaċità tagħha li twieġeb għat-tibdil fil-prijoritajiet politiċi fil-qasam tal-ĠAI. Fl-istess ħin, l-Aġenzija għandha żżomm is-sħubija proattiva tagħha mal-Istati Membri, filwaqt li tirrikonoxxi u tirreaġixxi għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu u li qed jevolvu tagħhom. L-aħħar iżda mhux l-inqas, l-eu-LISA għandha tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib u kostruttiva li diġà għandha mal-Kummissjoni Ewropea abbażi tar-rispett reċiproku u t-tagħlim, billi tipprovdi għarfien espert u tikkontribwixxi għal inizjattivi attwali u futuri kif meħtieġ.

---

14 Id-Deċiżjoni 2018-040, adottata fis-17-il laqgħa tal-MB tal-eu-LISA, bejn l-20 u l-21 ta' Marzu 2018.
15 Ara t-taqsima 3.1, "Ġestjoni tar-riskji, u l-Anness VIII.

Fis-snin li ġejjin, l-UE se tiffaċċja sfida doppja.

- **Li tibqa' miftuħa**, billi hija parti minn dinja globalizzata u interkonnessa fejn il-mobbiltà internazzjonali mistennija tkompli tiżdied. Aktar u aktar nies se jħarsu lejn l-Ewropa bħala post li jiġu jżuru, jistudjaw, jaħdmu jew ifittxu protezzjoni fih. Barra minn hekk, l-UE se tiffaċċja l-konsegwenzi ta' instabbiltà kontinwa fil-viċinat immedjat tagħha, bidliet demografiċi rapidi u soċjetajiet li qegħdin isiru dejjem aktar diversi.
- **Li tibqa' sigura u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha.** It-teknoloġija evolviet b'pass estremament għoli fis-snin reċenti, tant li ħolqot opportunitajiet ġodda għat-tkabbir ekonomiku u fundamentalment ittrasformat il-ħajja ta' kuljum tan-nies. Madankollu, dawn il-bidliet żiedu wkoll b'mod drammatiku l-għadd ta' sfidi ġodda għas-sigurtà. Il-każijiet ta' ċiberkriminalità qed jiżdiedu b'mod rapidu; it-terroriżmu jibqa' theddida ewlenija għas-sigurtà, billi jittieħed vantaġġ minn pjattaformi soċjali ġodda; il-kriminalità organizzata transkonfinali qiegħda tieħu forom ġodda.

It-trasformazzjoni diġitali kontinwa tal-ĠAI se tkompli wkoll u saħansitra se taċċellera fis-snin li ġejjin. Għalhekk, l-UE għandha tesplora aktar il-kapaċitajiet tat-teknoloġija bil-għan li tappoġġja u tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet fil-qasam tal-ĠAI.

Konsegwentement, ir-rwol u l-importanza tal-eu-LISA għall-Istati Membri u għall-UE kollha kemm hi se jkomplu jikbru. L-Aġenzija se tkun waħda mill-aktar kontributuri importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki rilevanti tal-ĠAI, immirati biex isaħħu l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Għalhekk, fl-2019 u fis-snin ta' wara, l-eu-LISA se tiffaċċja u tindirizza sfida strateġika doppja tagħha stess. Minn naħa waħda, l-Aġenzija se jkollha tibqa' ffokata fuq l-operazzjonijiet ewlenin tagħha (jiġifieri l-iżvilupp, il-ġestjoni operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi fdati lilha). Min-naħa l-oħra, din se jkollha tkompli żżid il-kontribut tagħha għall-Istati Membri u għall-UE kollha kemm hi, billi tikkapitalizza fuq l-għarfien, l-esperjenza u l-kapaċitajiet tagħha fil-qasam tal-għarfien espert u tal-mandat tagħha.

L-aktar turija tanġibbli tal-kontribut akbar tal-Aġenzija lill-Istati Membri u l-UE se tkun il-progress li għandu jsir fl-2019 dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistemi u l-inizjattivi l-ġodda fdati lill-eu-LISA, jiġifieri l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-interoperabbiltà. Fl-istess ħin, l-Aġenzija se tkompli bil-ġestjoni u l-evoluzzjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti f'konformità mal-istrumenti legali rilevanti li jirregolawhom.

Fl-aħħar nett, iżda xejn anqas importanti, nixtieq nirringrazzja lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jospitaw is-siti tal-Aġenzija għall-appoġġ kontinwu u l-kollaborazzjoni tagħhom matul is-sena. Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lill-persunal kollu tal-eu-LISA għad-dedikazzjoni u x-xogħol iebes tiegħu fl-ilħuq tal-objettivi kollha tagħna matul is-sena. Jekk morna tajjeb fl-2018, hu partikolarment bis-saħħa ta' dan il-grupp ta' professjonisti motivati, iddedikati u b'talenti li ġejjin minn kważi l-pajjiżi Ewropej kollha, li stinkaw ħafna biex jagħmlu dan kollu possibbli.

Fl-2019 u fis-snin ta' wara, dan kollu se jkun daqstant meħtieġ. L-Aġenzija se tkompli topera f'ambjent ferm impenjattiv u turbolenti. Iżda jkunu xi jkunu l-ambjent u ċ-ċirkostanzi, mhux se niżvijjaw mill-prijorità tagħna: **li nikkontribwixxu permezz tas-servizzi tagħna għall-isforzi tal-Istati Membri biex nagħmlu l-Ewropa aktar sikura u b'saħħitha**. Biex nirnexxu f'dan, aħna se nqiegħdu lill-partijiet ikkonċernati tagħna u l-ħtiġijiet tagħhom fil-qalba ta' dak kollu li nagħmlu, billi nuru lill-Istati Membri kif nappoġġjawhom b'mod effettiv, b'passjoni għall-eċċellenza, b'aġilità, bi flessibilità u b'impenn.

**Krum Garkov, Direttur Eżekuttiv**

# Parti I. Il-kisbiet tas-sena

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 1: "Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Ewropa"

### 1.1. Tmexxija operattiva tas-sistemi

L-operazzjonijiet ewlenin tal-Aġenzija fl-2018 kienu mmirati lejn iż-żamma ta' operazzjonijiet ta' kwalità għolja u mingħajr interruzzjoni 24/7 tas-sistemi fdati lilha: il-Eurodac, l-SIS II u l-VIS/BMS. Għalhekk kienet kisba ewlenija għall-eu-LISA biex iżżomm l-operat stabbli tas-sistemi matul is-sena, fi ħdan ir-rekwiżiti legali u l-livelli ta' servizz miftiehma, u b'livell għoli ta' sodisfazzjon min-naħa tal-konsumatur. Fl-2018, l-ebda kwistjoni ewlenija jew inċident kbir ma pprevjenew l-użu normali tas-sistemi. Il-prestazzjoni ġenerali tagħhom kienet komparabbli ma' dik fl-2017: id-disponibbiltà tal-Eurodac kienet ta' 100 %, dik tas-SIS II kienet ta' 99.86 % u dik tal-VIS kienet ta' 99.96 %.[16]

Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi saret permezz ta' diversi attivitajiet, li twettqu b'suċċess: il-ġestjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi għal forniment kontinwu tas-servizzi; monitoraġġ tal-FLS; ġestjoni tal-inċidenti u tal-problemi; u appoġġ lill-Istati Membri fl-użu tagħhom tas-sistemi.

Biex issaħħaħ l-operazzjonijiet tagħha u ttejjeb il-kwalità tas-servizz, l-Aġenzija kompliet bl-iżvilupp tal-mudell ta' servizz u proċess tagħha, ibbażat fuq l-implimentazzjoni tal-Librerija tal-Infrastruttura tal-IT (ITIL)/il-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM). Matul l-2018, ġew iddefiniti erba' proċessi ġodda, b'kunsiderazzjoni tal-prattiki eżistenti kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-aħjar prattika ITIL. Fl-istess ħin, twettqu awtomatizzazzjoni u integrazzjoni addizzjonali tal-proċessi. Il-mudell tas-servizz tal-eu-LISA ġie rivedut u mtejjeb b'suċċess ukoll.

L-awditjar tal-operazzjonijiet tal-IT, li twettaq mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, ipprovda garanzija li l-Aġenzija kellha pedament sod għall-mudell operazzjonali tagħha, li jużа l-aħjar prattiki u l-istandards tal-industrija għall-ġestjoni tas-servizzi bħall-ITIL/ITSM.

Kif ġie miftiehem mill-Bord tat-Tmexxija f'Jannar 2018, ġie inkluż indikatur ta' prestazzjoni addizzjonali għall-ġestjoni ta' inċidenti u problemi fl-FLS standard tal-eu-LISA. Din id-deċiżjoni kienet appoġġata wkoll mit-tliet Gruppi Konsultattivi kollha (il-Eurodac, is-SIS u l-AGs tal-VIS).

Fl-2018, twettaq l-istħarriġ regolari dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA. Ir-riżultati wrew livell għoli ħafna ta' sodisfazzjon min-naħa tal-Istati Membri: aktar minn 96 % tal-Istati Membri kienu sodisfatti jew sodisfatti ħafna bil-ġestjoni tas-sistemi tal-eu-LISA. Dan l-istħarriġ issa jifforma parti integrali mill-FLS standard tal-eu-LISA. L-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati jkopri l-oqsma li ġejjin: il-prestazzjoni globali tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA, il-ġestjoni tal-inċidenti u tal-problemi, komunikazzjoni operazzjonali, l-assistenza teknika għal attivitajiet nazzjonali u l-ġestjoni tar-rilaxx.

***Il-ġestjoni operattiva tal-Eurodac u l-istatistika dwarha***

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-prestazzjoni tas-sistema kienet konformi mal-FLS. Ġiet żgurata disponibbiltà kontinwa, flimkien mas-servizzi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament normali tas-sistema. L-għodod operazzjonali rilevanti tal-ITSM (eż. Maniġer tas-Servizz HP 9 (SM9)) ġew ittestjati u aġġornati għall-użu fil-kuntest tal-Eurodac, wara l-bidu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt il-ġdid tal-Eurodac. Il-ġestjoni u l-monitoraġġ meħtieġa ta' DubliNet (in-netwerk ta'

[16] Iċ-ċifri għad-disponibbiltà tas-sistemi ma jinkludux il-ħin għall-manutenzjoni.

komunikazzjoni għall-Eurodac) saru wkoll fil-ħin u b'mod komprensiv. L-operazzjonijiet DubliNet kienu allinjati mal-mudell operattiv u kuntrattwali tal-ITSM tal-eu-LISA.




**Figura 1: Ċifri ewlenin tal-Eurodac**

Fl-2018, l-Istati Membri u l-Europol ittrażmettew b'suċċess kważi 880 000 sett ta' marki tas-swaba' lis-sistema ċentrali tal-Eurodac (Figura 1).[17] Ottubru 2018 kien l-aktar xahar impenjattiv, b'medja ta' madwar 3 800 tranżazzjoni kuljum. B'mod partikolari, is-sistema ċentrali tal-EURODAC ipproċessat aktar minn 551 000 sett ta' marki tas-swaba' ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li għandhom 14-il sena jew aktar (kategorija 1) u aktar minn 103 000 sett ta' marki tas-swaba' ta' persuni li għandhom 14-il sena jew aktar li nqabdu meta kienu qed jaqsmu b'mod irregolari l-fruntiera esterna ta' Stat Membru (kategorija 2). Intbagħtu aktar minn 224 000 sett ta' marki tas-swaba' ta' persuni li għandhom 14-il sena jew aktar preżenti illegalment fit-territorju ta' Stat Membru (kategorija 3). L-awtoritajiet maħtura tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol bagħtu 306 settijiet ta' marki tas-swaba' għall-finijiet ta' prevenzjoni, detezzjoni jew investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra (kategoriji 4 u 5).[18] Fi tmiem l-2018, is-sistema ċentrali tal-Eurodac ħażnet 5.18-il miljun sett ta' marki tas-swaba' (żieda ta' 3.8 % meta mqabbla mal-2017). L-għadd tas-settijiet tad-*data* skont il-kategorija huma murija fil-Figura 2.




**Figura 2: L-għadd totali ta' settijiet ta' *data* trażmessi b'suċċess lill-Eurodac fl-2018, u l-ishma tal-ħames kategoriji ewlenin**

17 Statistika annwali tal-Eurodac 2018, disponibbli fuq https://www.eulisa.europa.eu/our-publications

18 Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-Eurodac, il-konnessjoni tista' tinkiseb biss permezz tal-użu tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' Stat Membru. Permezz ta' ftehim mal-awtoritajiet Netherlandiżi, il-Europol tibgħat tranżazzjonijiet lill-Eurodac billi tuża l-konnessjoni u l-infrastruttura Netherlandiżi.

***Il-ġestjoni operattiva tas-SIS II u l-istatistika dwarha***

Fl-2018, is-SIS II aġixxiet skont ir-rekwiżiti leġiżlattivi. L-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq ġew ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan l-FLS mal-utenti finali. L-Aġenzija wettqet kompiti ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, perfettiva u preventivi biex tilħaq dan l-objettiv. Xi inċidenti żgħar ħallew impatt fuq is-sistema ċentrali tas-SIS II: il-problema ġiet riżolta bit-tieni ħarġa f'Lulju.

Twettqet it-tranżizzjoni lejn il-kuntratt il-ġdid dwar iż-żamma ta' tħaddim f'kundizzjoni tajba (MWO) tas-SIS II. Il-bidla mill-fornitur preċedenti għall-fornitur il-ġdid ġiet ġestita b'mod xieraq u saret mingħajr xkiel.



**Figura 3: Ċifri ewlenin tas-SIS II**

L-Aġenzija appoġġat lill-Istati Membri fit-twettiq ta' testijiet ta' konformità fuq sistemi nazzjonali ġodda u fil-kwalifikazzjoni ta' midwer ġdid orjentat għall-messaġġi.

Fl-2018, is-SIS II ġiet aċċessata aktar minn 6.1 biljun darba mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, 20 % aktar milli fl-2017 (Figura 3). Fl-31 ta' Diċembru 2018, is-SIS II kien fiha aktar minn 82.2 miljun twissija. L-akbar kategorija ta' twissijiet kienet "Dokument maħruġ", li kienet tammonta għal 75 % mit-twissijiet totali, filwaqt li 1.14 % tat-twissijiet totali kienu dwar persuni. Fl-2018 ġew irrappurtati aktar minn 267 000 hit, żieda ta' 10 % meta mqabbla mal-2017. B'mod simili għal fis-snin preċedenti, aktar minn 77 % tal-hits totali kienu skattati minn twissijiet dwar persuni.[19]

***Il-ġestjoni operattiva tal-VIS/BMS u l-istatistika dwarhom***

L-eu-LISA kompliet tiżgura servizz mingħajr interruzzjoni għall-VIS u l-BMS permezz ta' manutenzjoni regolari u komprensiva. Il-prestazzjoni ġenerali tal-VIS kif ukoll tal-BMS kienet konformi mal-FLS. Matul il-perjodu ta' rapportar, l-attivitajiet ta' ġestjoni tas-servizzi għall-VIS/għall-BMS twettqu bis-sħiħ, billi ġie segwit il-mudell operazzjonali tal-eu-LISA fuq il-bażi tal-qafas tal-ITSM. Ġew ipprovduti rapporti regolari lill-Istati Membri dwar il-ħinijiet ta' riżoluzzjoni tal-inċidenti, imkejla permezz tal-għodda SM9. Ma nstabet l-ebda devjazzjoni kbira fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sistema ċentrali.

Fl-2018, ġew ipproċessati aktar minn 274 miljun operazzjoni tal-VIS (żieda ta' 1 % fuq l-2017), sa 123 000 operazzjoni fis-siegħa fl-eqqel ħinijiet. Għall-VIS, it-throughput massimu mingħajr deterjorament fil-prestazzjoni bħalissa huwa ta' 450 000 messaġġ fis-siegħa.

Fl-1 ta' Jannar 2019, kien hemm 64.51 miljun applikazzjoni għall-viża, 64.48 miljun immaġni tal-wiċċ u 56.73 miljun sett ta' marki tas-swaba' fil-bażi tad-*data* tal-VIS (Figura 4). L-akbar ħames utenti tal-VIS kienu Franza, Spanja, il-Ġermanja, l-Italja u ċ-Ċekja. L-aktar ħames reġjuni attivi għall-VIS kienu r-Russja, l-Asja tal-Lvant, l-Afrika ta' Fuq, l-Indja/il-Pakistan u r-reġjun tal-Golf. Iż-żmien medju bejn l-applikazzjoni u l-ħruġ tal-viżi kien ta' 5.07 ijiem.



**Figura 4: Ċifri ewlenin tal-VIS/BMS**

## 1.2. Evoluzzjoni tas-sistemi

L-eu-LISA kompliet tevolvi s-sistemi ġestiti minnha, f'konformità mar-rekwiżiti legali u mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri, bil-għan li jkomplu jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom. Kisba ewlenija waħda kienet it-titjib u l-aġġornament

[19] L-itatistika annwali tas-SIS II tal-2018, disponibbli fuq https://www.eulisa.europa.eu/our-publications

tal-VIS u tal-BMS: il-kapaċità żdiedet minn 60 miljun għal 85 miljun applikazzjoni għall-viża. L-aġġornament kien jinkludi wkoll virtwalizzazzjoni parzjali tal-arkitettura tal-eżekuzzjoni ewlenija tas-sistema. Għas-SIS, l-implimentazzjoni tal-AFIS kienet suċċess. Issa hija disponibbli għall-Istati Membri kollha, u qed taħdem bla xkiel għal dawk li diġà jużawha, u tipprovdi kapaċitajiet u benefiċċji kummerċjali addizzjonali. L-Aġenzija kompliet mingħajr dewmien bit-tħejjijiet għat-tieni fażi tal-proġett tal-AFIS. Tnediet l-integrazzjoni tal-Eurodac bi standards tal-arkitettura tas-servizz komuni, li tappoġġja l-konverġenza dwar l-istess standards applikabbli fl-organizzazzjoni kollha.

L-Aġenzija mxiet lejn l-implimentazzjoni tal-infrastruttura kondiviża u komuni, maħsuba biex tikseb kondiviżjoni wiesgħa tal-infrastruttura tal-IT u s-servizzi tekniċi. L-attivitajiet u l-proġetti mibdija fl-2017, u r-riżultati ewlenin huma ppjanati li jinkisbu kif ippjanat fl-2019.

***Evoluzzjoni tal-Eurodac***

Il-ħarġa 1 tal-Eurodac inħarġet fl-2018. Il-ħarġa kienet parti mill-manutenzjoni korrettiva tas-sistema; din ġiet implimentata fl-ewwel xhur tal-2018 biex ikun żgurat li l-avvenimenti li jwaqqfu s-sistema milli taġixxi b'mod xieraq ikunu ġestiti kif suppost. L-għan ta' din il-ħarġa kien is-sostituzzjoni u l-esternalizzazzjoni tas-server tal-posta, u żieda fl-għadd massimu ta' hits ritornati fi ħdan is-sistema minn 18 għal 36. L-approċċ tekniku relatat u l-pjan ta' livell għoli ġew miftiehma mal-Istati Membri matul is-sena, u t-talba għal servizz ġiet iffirmata kif xieraq. L-iżvilupp tal-fabbrika u l-ittestjar ġew konklużi b'suċċess (kif muri fir-rapport dwar ir-riżultati tat-test fil-fabbrika) u ġew approvati mill-eu-LISA. L-ittestjar fuq l-ambjent ta' qabel il-produzzjoni kkonferma implimentazzjoni b'suċċess, u għalhekk l-iskjerament għall-produzzjoni tlesta kif kien mistenni matul is-sena.

Peress li r-riformulazzjonijiet tar-Regolament Eurodac u ta' Dublin ma ġewx adottati matul l-2018, l-attivitajiet korrispondenti ġew sospiżi. Dan jikkonċerna l-bidliet funzjonali tal-Eurodac u t-titjib tal-kapaċità u l-iżvilupp tas-Sistema ta' Awtomatizzazzjoni ta' Dublin. L-istadji importanti kollha sussegwenti ġew ittrasferiti kif xieraq għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2020. Fir-rigward tas-Sistema ta' Awtomatizzazzjoni ta' Dublin, l-Aġenzija ħadet sehem f'attivitajiet ta' tħejjija u pprovdiet il-kompetenza teknika tagħha għal studju li twettaq mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-proġett għall-integrazzjoni tal-Eurodac bl-infrastruttura ta' backup komuni tnieda fl-2018. L-approċċ tekniku ġie miftiehem mal-kuntrattur tal-Eurodac, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-infrastruttura kondiviża komuni tal-eu-LISA. Il-kuntratt speċifiku għall-integrazzjoni tal-Eurodac bl-infrastruttura ta' backup komuni ġie ffirmat u l-proġett beda kif ippjanat. Minħabba kwistjoni teknika (wieħed mill-komponenti meħtieġa kien sar obsolet u ma kienx għadu sostnut mill-bejjiegħ), l-ippjanar tal-proġett ġie rivedut u tmexxa għall-użu fi ħdan il-pjan ta' rilaxx tal-2019.

***L-evoluzzjoni tas-SIS II***

Wara ftit inqas minn sentejn ta' sforzi intensivi, il-Fażi 1 tal-AFIS tas-SIS twettqet b'suċċess u l-AFIS tas-SIS bdiet topera fil-5 ta' Marzu 2018, fl-22:00 CET. Din il-fażi tal-proġett introduċiet kapaċità ta' tiftix bijometriku fis-SIS, suċċess kbir għall-Aġenzija u prijorità politika għolja. Ir-riżultat inkiseb mill-eu-LISA f'kooperazzjoni mill-qrib ma' għaxar Stati Membri u pajjiżi assoċjati (l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u l-Iżvizzera), li kienu ppreparati aħjar minn oħrajn biex jibdew jużaw mistoqsijiet bijometriċi ladarba l-kapaċità tkun ġiet skjerata fil-livell tas-sistema ċentrali. Wara l-kooperazzjoni mal-Grupp Konsultattiv tas-SIS, il-proġett ġie implimentat mingħajr devjazzjoni sostanzjali mill-perjodu miftiehem. Bħala l-pass li jmiss, it-tħejjija għall-implimentazzjoni tal-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS inbdiet mingħajr dewmien. Id-dokumentazzjoni tal-proġett ġiet abbozzata (il-każ tan-negozju, id-dokument tal-bidu tal-proġett) u ġiet skedata laqgħa tal-Forum tal-Ġestjoni tal-Proġetti li tiffoka fuq ir-rekwiżiti għall-Fażi 2.

Fir-rigward ta' żviluppi oħra fis-SIS, il-ħarġa tas-Sistema Ċentrali 9.0 kienet ta' suċċess. Din inkludiet bidliet ġestiti permezz tal-proċess ta' ġestjoni tal-bidla u repożitorju ċentrali tal-utent.

Matul l-ewwel laqgħa tal-Grupp Konsultattiv, fi Frar 2018, il-verżjoni l-ġdida tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tas-Simulatur tas-Sistema Ċentrali (CSSIM) ġiet imwassla b'suċċess lill-Istati Membri. Din il-kunsinna kienet konformi mal-iskeda ta' żmien u ntlaqgħet tajjeb mill-komunità tas-SIS. Is-CSSIM huwa bbażat fuq l-applikazzjoni tas-sistema ċentrali tas-SIS (mingħajr l-AFIS) u jirreplika l-istess funzjonalitajiet għall-Istati Membri.

Barra minn hekk, twettqu d-diversi attivitajiet meħtieġa għal tranżizzjoni ordnata lejn il-kuntratt MWO ġdid.

Kisba ewlenija oħra kienet il-bidu tal-attivitajiet relatati mal-integrazzjoni tal-Irlanda fis-SIS. L-attivitajiet bdew f'Mejju 2018 bil-provvediment ta' sessjonijiet ta' taħriġ u appoġġ ta' ttestjar kontinwu. Huwa mistenni li jkun hemm tħejjija teknika għall-konnessjoni mas-SIS fil-Q4 2019. B'mod aktar ġenerali, l-eu-LISA appoġġat b'mod attiv lill-Istati Membri fil-kampanji ta' manutenzjoni nazzjonali tagħhom, billi pprovdiet assistenza għall-ittestjar u għajnuna f'kampanji ta' kwalifikazzjoni, u b'hekk żgurat li jkun hemm operazzjoni kontinwa wkoll fuq in-naħat tal-Istati Membri.

L-eu-LISA appoġġjat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tax-Schengen fil-qasam tas-SIS/SIRENE. Esperti mill-Aġenzija kkontribwixxew bħala osservaturi għall-missjonijiet kollha ta' evalwazzjoni li saru f'dan il-qasam, jiġifieri l-evalwazzjonijiet tal-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Iżvizzera.

L-attivitajiet relatati mar-riformulazzjoni tas-SIS u mad-deċiżjonijiet ta' ritorn tas-SIS ġew posposti sakemm jiġu approvati l-bażijiet ġuridiċi. Ir-regolamenti riveduti tas-SIS[20] daħlu fis-seħħ fis-27 ta' Diċembru u jirrappreżentaw pass kbir 'il quddiem għas-SIS. L-implimentazzjoni tagħhom se titwettaq fil-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2021. Ir-regolamenti l-ġodda jinkludu, inter alia, l-aġġornamenti li ġejjin.

- **Twissijiet ġodda dwar il-kriminali u deċiżjonijiet ta' ritorn:** it-tibdiliet miftiehma se jippermettu li jinħarġu twissijiet tas-SIS għal persuni mhux magħrufin li jkunu mfittxija b'rabta ma' reat. Barra minn hekk, se tiġi introdotta kategorija ta' twissija ġdida għal deċiżjonijiet ta' ritorn biex jittejjeb l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn li jinħarġu fil-konfront ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.
- **Viġilanza akbar għar-reati terroristiċi:** l-awtoritajiet nazzjonali se jkunu obbligati li joħolqu twissija fis-SIS f'każijiet relatati ma' reati terroristiċi u se jkun hemm "verifika ta' investigazzjoni" ġdida biex tinġabar informazzjoni essenzjali.
- **Dispożizzjonijiet aktar b'saħħithom dwar it-tfal neqsin u l-persuni fil-bżonn:** l-awtoritajiet nazzjonali se jkunu jistgħu joħorġu twissijiet preventivi dwar persuni li jeħtieġu protezzjoni, flimkien ma' tiwssijiet eżistenti dwar persuni neqsin.
- **Infurzar tal-projbizzjonijiet fuq id-dħul:** issa se jkun obbligatorju li fis-SIS tiddaħħal kwalunkwe projbizzjonifuq id-dħul li tinħareġ fil-konfront ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, li se jippermettu l-infurzar tagħhom fiż-żona Schengen kollha.
- **Regoli aktar b'saħħithom dwar il-protezzjoni tad-*data*:** il-bidliet miftiehma se jsaħħu l-protezzjoni tad-*data* personali, billi jġibuha f'konformità mar-regolament ġenerali l-ġdid dwar il-protezzjoni tad-*data* u d-direttiva tal-pulizija dwar il-protezzjoni tad-*data*.
- **Interoperabbiltà aħjar:** is-SIS imsaħħa se tagħmel użu aktar effiċjenti mill-marki tas-swaba', il-marki tal-pala tal-id u l-immaġnijiet tal-wiċċ għall-identifikazzjoni ta' persuni ssuspettati. L-aġġornamenti huma mmirati wkoll lejn l-iżgurar tal-interoperabbiltà sħiħa tas-SIS ma' sistemi oħra tal-UE għall-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà.

[20] Ir-Regolament (UE) 2018/1860 u r-Regolament (UE) 2018/1861, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-55 u r-Regolament (UE) 2018/1682, ĠU L 279, 9.11.2018, p. 13-14.

- **Titjib fl-aċċess għall-aġenziji tal-UE :** Il-Europol issa se jkollha aċċess għall-kategoriji kollha ta' twissija fis-SIS filwaqt li t-timijiet operattivi mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) se jkunu jistgħu jaċċessaw is-SIS sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom fil-hotspots u fil-fruntieri esterni.

***Evoluzzjoni tal-VIS/BMS***

Matul l-ewwel tliet xhur tal-2018, id-dekummissjonar tal-verżjoni 1.0 tal-BMS inkiseb sabiex l-ispazju ċentrali tad-*data* jiġi rilaxxat fl-Unità Ċentrali (iċ-ċentru prinċipali tad-*data* fi Strasburgu) u fil-BCU. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-proġett tal-pjattaforma tal-ittestjar minn tarf sa tarf tal-VIS/BMS ġiet maqsuma f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi ffokat fuq it-twassil ta' bażijiet tad-*data* ta' sfond rappreżentattivi minn tarf sa tarf tal-VIS u l-BMS konnessi ma' xulxin. It-tieni fażi indirizzat il-valutazzjoni, l-għażla u l-implimentazzjoni ta' għodod ta' ttestjar standardizzati ġodda, u l-valutazzjoni ta' għodod ta' migrazzjoni awtomatizzati għall-każijiet ta' ttestjar eżistenti. Ġew aċċettati r-rapporti dwar il-valutazzjoni tal-impatt (IARs) u ġew iffirmati l-kuntratti speċifiċi għall-implimentazzjoni.

Bi tkomplija mill-2017, ġie ffinalizzat l-IAR tal-proġett throughput tranżazzjonali tal-VIS u ġie ffirmat il-kuntratt speċifiku; l-implimentazzjoni għadha għaddejja. Il-proġett huwa ttrattat flimkien mal-attivitajiet għall-aġġustament tat-throughput tranżazzjonali tal-BMS, li għalih, bħala l-ewwel pass, ġew implimentati l-virtwalizzazzjoni tal-ambjent ta' qabel il-produzzjoni u l-pjattaforma tal-produzzjoni tal-BMS.

L-ewwel pass fiż-żieda tal-kapaċità tal-bażi tad-*data* tal-VIS minn 60 miljun għal 100 miljun applikazzjoni għall-viża ġie implimentat u introdott fl-aħħar ta' Awwissu, b'kapaċità li tilħaq 85 miljun applikazzjoni għall-viża. Il-kapaċità finali ta' 100 miljun se tiġi implimentata matul it-tieni nofs tal-2019. Il-virtwalizzazzjoni parzjali tal-arkitettura tal-eżekuzzjoni ewlenija tas-sistema kienet ukoll parti mill-bidliet inkorporati f'dan l-iskjerament. L-installazzjoni tal-provvisti l-ġodda tlestiet u l-konfigurazzjoni fil-mira daħlet fil-fażi ta' ttestjar fl-ambjent tal-kwalifika. L-iżvilupp tal-użu tal-produzzjoni b'mod ġenerali u l-proċeduri ddettaljati qed jimxu 'l quddiem b'mod parallel. Bħala tkomplija ta' proġett li tnieda fl-2017, l-eu-LISA kompliet ittejjeb l-ambjenti tal-ittestjar tal-VIS u l-BMS billi poġġiet it-tieni qasam ta' attività għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri. Dan wassal għal ambjent ta' ttestjar intern ġdid u żied il-kapaċità globali ta' dik użata primarjament mill-kuntrattur, sabiex jiġu appoġġjati aħjar il-proġetti ddefiniti fil-programm ta' ħidma annwali. Sa tmiem is-sena, il-virtwalizzazzjoni tal-BMS kienet laħqet livell ta' tħejjija li jippermetti li din titlesta fl-ewwel nofs tal-2019. Sar ukoll progress sinifikanti rigward iż-żieda fil-produzzjoni tal-BMS u l-bażijiet tad-*data* ta' qabel il-produzzjoni minn 60 miljun għal 85 miljun rekord, li għandu l-għan li jiżgura l-kapaċità meħtieġa għall-operazzjonijiet tan-negozju wara April 2020 (id-data sa meta l-kapaċità massima attwali tal-BMS hija mbassra li tiġi kkunsmata bis-sħiħ).

Fir-rigward tat-tiġdid tal-Kit tas-Softwer tal-Utenti, il-valutazzjoni legali tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzja tal-utenti finali għadha għaddejja. Ġew ikkoordinati r-rekwiżiti tal-VIS, is-SIS u l-EES (l-użu possibbli tal-għodda għall-EES qed jiġi vvalutat), filwaqt li tqieset l-iskeda ta' żmien tal-attività.

Ma nstabet l-ebda kwistjoni fuq livell ċentrali għall-VIS Mail, il-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni li jippermetti t-trażmissjoni ta' messaġġi bejn l-Istati Membri li jużaw l-infrastruttura tan-netwerk tal-VIS. Ġew appoġġati elementi importanti għall-ħruġ tal-viżi ta' Schengen, bħall-konsultazzjoni u n-notifika *ex post*, li jagħtu kontribut sinifikanti lis-sigurtà tal-proċeduri taż-żona Schengen.

Fl-2018, wara stediniet mill-Kummissjoni Ewropea, l-eu-LISA ħadet sehem fi tliet evalwazzjonijiet ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi (inkluża l-VIS). L-eu-LISA appoġġjat l-evalwazzjonijiet li twettqu mill-konsulati Latvjana f'Moska, ir-Russja, u Tashkent, l-Użbekistan, f'April; fil-konsulat Finlandiż f'St Petersburg, ir-Russja, u fiċ-Ċentru ta' Servizz għall-Permessi tad-Dħul fi Kouvola, il-Finlandja, fl-aħħar ta' Mejju; u fl-ambaxxata Estonjana f'Astana, il-Każakistan, u fil-konsulat Estonjan f'St Petersburg, ir-Russja, f'Ottubru.

Fl-2016 saret evalwazzjoni ġenerali tal-VIS mill-Kummissjoni Ewropea. Din ikkonkludiet li s-sistema qed tilħaq l-objettivi tagħha iżda li sfidi ġodda fil-ġestjoni tal-viżi, il-fruntieri u l-migrazzjoni jirrikjedu żvilupp ulterjuri f'għadd ta' oqsma. Fis-16 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li temenda r-regolament dwar il-VIS. Skont ir-regoli ġodda

proposti, il-VIS mhix se tinkludi biss informazzjoni dwar viżi għal soġġorn qasir iżda anke dwar viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, peress li dawn id-dokumenti jippermettu moviment liberu fiż-żona Schengen. Ir-reġistrazzjoni ta' dawn id-dokumenti f'bażi ta' *data* ċentralizzata se tgħin lill-awtoritajiet biex jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità tagħhom. Barra minn hekk, fil-VIS se tiġi inkluża kopja diġitali tal-paġna tal-bijo*data* tad-dokument tal-ivvjaġġar. Dan se jiffaċilita wkoll ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'soġġorn illegali li d-*data* tagħhom tista' tinħażen fil-VIS peress li, anke jekk id-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom ma jkunx disponibbli fil-mument tar-ritorn, kopja tiegħu tista' tiġi rikonoxxuta mill-pajjiżi terzi bħala evidenza ta' ċittadinanza. Barra minn hekk, il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar rikonoxxuti li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntiera esterna se tkun integrata fil-VIS sabiex tkun tista' ssir il-verifika awtomatika ta' jekk id-dokument tal-ivvjaġġar tal-applikant hux rikonoxxut għal dan il-għan.

***Attivitajiet ta' appoġġ u ta' ttestjar tal-applikazzjonijiet***

Fl-2018, l-eu-LISA pprovdiet seba' ħarġiet ta' sistemi tan-negozju ewlenin (is-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-ġestjoni operattiva tal-Aġenzija). L-aktar ħarġiet importanti kienu marbuta mat-twassil tal-Fażi 1 tal-AFIS tas-SIS. Twettqu żewġ ħarġiet għall-manutenzjoni tal-VIS/BMS (evoluttiva, adattiva u korrettiva), u waħda biex tiżdied il-kapaċità tal-bażi tad-*data* tal-BMS. Ħarġa waħda twettqet ukoll biex tinżamm il-Eurodac (manutenzjoni korrettiva u adattiva). Il-ħarġiet kollha għaddew minn ittestjar bir-reqqa qabel l-iskjerament tagħhom u żguraw l-operat kontinwu tas-sistemi. Dawk il-kampanji intensivi ta' ttestjar ġew eżegwiti b'suċċess, filwaqt li t-tagħlimiet miksuba ġew innotati f'rakkomandazzjonijiet/titjib għal proġetti futuri. Intbagħtu diversi dokumenti dwar it-tfassil tat-testijiet u ġew ipprovduti rapporti sommarju dwar it-testijiet.

## 1.3. Infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura

Matul l-2018, il-Kummissjoni Ewropea għaddiet lill-Aġenzija l-kompiti tagħha relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS (f'Ġunju) u s-SIS (f'Diċembru). L-eu-LISA kienet diġà responsabbli għas-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri tas-servizzi tan-netwerk rilevanti. L-Aġenzija issa qiegħda twettaq ukoll attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-akkwist, tat-tiġdid u tal-kwistjonijiet kuntrattwali fir-rigward tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS u s-SIS. Fil-każ tas-SIS, kif miftiehem mill-partijiet kollha, it-trasferimenti baġitarji korrispondenti se jitlestew f'Marzu 2019. Il-Kummissjoni se żżomm kompiti relatati mal-miżuri ta' sigurtà u l-pjan għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS sakemm jidħol fis-seħħ l-Artikolu 16 tar-regolamenti l-ġodda dwar is-SIS. F'konformità mar-Regolament ta' Stabbiliment il-ġdid tagħha, l-Aġenzija se twettaq fil-futur il-kompiti kollha relatati mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-sistemi fdati lilha, bl-eċċezzjoni ta' dawk is-sistemi li jagħmlu użu mill-Eurodomain (jiġifieri attwalment il-Eurodac, u l-ECRIS-TCN ladarba tibda topera).

L-Aġenzija żgurat li l-kompiti relatati mal-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni twettqu skont l-FLS. Dawn il-kompiti huma fdati lil fornitur privat ta' netwerk ta' parti terza li huwa marbut bil-miżuri ta' sigurtà stabbiliti fl-istrumenti legali għas-sistemi u fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-SIS II u n-netwerks tal-VIS. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri u s-sistemi tan-negozju ewlenin irċevew servizz affidabbli mill-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati.

Tnedew it-tħejjijiet għal offerta ġdida għas-suċċessur tat-TESTA-ng attwali. Abbozz ta' dokument ta' viżjoni approvat mill-partijiet ikkonċernati kollha (l-eu-LISA, id-DĠ HOME, id-Direttorat Ġenerali għall-Informatika (DĠ DIGIT), id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (id-DĠ TAXUD), il-Europol u l-Kunsill tal-UE) ġie ffinalizzat fis-sajf tal-2018, f'konformità mal-iskeda. Ġew miftiehma rekwiżiti tas-servizz u skedi ta' żmien tas-servizz. Filwaqt li d-DĠ DIGIT se jmexxi x-xogħlijiet tal-offerta, l-eu-LISA se tkun l-utent ewlieni tas-servizzi li jaqgħu taħtha. Għalhekk, il-kontribut tal-Aġenzija fit-tħejjijiet kien ta' importanza kbira. L-Aġenzija kkontribwixxiet għall-abbozzar tas-sejħa għall-offerti li tnieda mid-DĠ DIGIT.

L-Aġenzija kompliet tistinka biex tottimizza l-infrastruttura ta' komunikazzjoni, bil-għan li jkun hemm netwerk sigur unifikat għas-sistemi kollha taħt il-ġestjoni tagħha. Attwalment, is-sistemi ta' negozju ewlenin jiddependu fuq multi

protocol label switching u fuq links u tagħmir apposta. Dan iwassal għal kumplessità akbar u għal anqas flessibbiltà. Biex tinkiseb infrastruttura ta' komunikazzjoni aktar reżiljenti, u biex tiżdied id-disponibbiltà ġenerali, inbdiet fażi ta' ttestjar għal netwerk unifikat, wara t-tlestija ta' studju.

Sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-superviżjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, l-Aġenzija kompliet bl-introduzzjoni ta' statistika dwar in-netwerk avvanzata. Din l-attività twettqet b'dewmien fil-proċess tal-akkwist. Din se tippermetti lill-eu-LISA tkejjel u tevalwa l-prestazzjoni reali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, bil-għan li jiġu żgurati reazzjonijiet proattivi għal "ostakoli" u soluzzjonijiet aktar mgħaġġla għall-kwistjonijiet imqajma mill-Istati Membri.

Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-AFIS tas-SIS, l-Aġenzija kienet involuta fit-tħejjija tat-titjib meħtieġ għan-netwerk tas-SIS II. Ġie segwit approċċ f'żewġ stadji, filwaqt li l-ewwel pass jinvolvi aġġornamenti f'sitt siti u t-tieni jinvolvi l-aġġornament ġenerali. Fl-ewwel pass, l-aġġornamenti tlestew fis-siti primarji fil-Polonja, il-Portugall u l-Iżvizzera. Minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-ispazju tal-ixkafef fiċ-ċentri tad-*data*, l-aġġornamenti fl-Awstrija, fil-Ġermanja u fin-Netherlands saru permezz ta' soluzzjoni ta' bini fuq il-post. Għall-aġġornament ġenerali, il-kuntratt ġie ffirmat fi tmiem l-2018 wara negozjati twal mal-fornitur tat-TESTA-ng. Għal raġunijiet relatati mal-baġit, il-Kummissjoni Ewropea u l-eu-LISA għażlu soluzzjoni b'ritmu kajman, b'aġġornamenti mwettqa fi tliet siti kull xahar.

## 1.4. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda

Il-bidu b'suċċess tal-iżvilupp tal-EES kien kisba ewlenija tal-Aġenzija fl-2018. Ġew stabbiliti l-istrutturi interni u l-mudelli ta' governanza u tħejjew proċeduri tal-offerti, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Ingħataw ukoll kontributi sinifikanti f'diversi livelli għal inizjattivi ġodda, jiġifieri l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-interoperabbiltà. Id-dipartiment tal-operazzjonijiet ħejja mudell ta' struttura organizzazzjonali u ta' operat ġdid, bi tħejjija għall-kompiti u r-responsabbiltajiet il-ġodda li ġejjin.

***EES***

Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament dwar l-EES f'Diċembru 2017, l-Aġenzija mmobilizzat ir-riżorsi tagħha għall-iżvilupp tas-sistema. Tlesta r-reklutaġġ għall-karigi l-ġodda relatati mal-EES. It-tim tekniku, li jikkonsisti minn 11-il persuna, ġie ffurmat u beda jopera bejn Jannar u April 2018. Ġie konkluż ukoll ir-reklutaġġ ta' persunal finanzjarju.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta ġew iffinalizzati, u l-ewwel fażi tal-offerta tal-EES ġiet ikkompletata kif ippjanat. It-tieni fażi tal-offerti tnediet fid-9 ta' Ottubru 2018. Biex tiffaċilita l-proċedura, l-Aġenzija qieset id-deliberazzjonijiet fil-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti biex tinkorpora r-rekwiżiti diġà maqbula fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Il-ħidma ta' tħejjija għall-proċedura ristretta ta' offerti għal sistema bijometrika għall-EES ġiet konkluża wkoll.

Ġie stabbilit il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm tal-EES, u l-ewwel laqgħa uffiċjali tiegħu saret fit-3 ta' Mejju 2018 fi Brussell. F'konformità mar-regolament dwar l-EES, il-PMB se jkollu laqgħat ta' kull xahar sakemm is-sistema tiġi implimentata bis-sħiħ. Il-PMB tal-EES huwa magħmul minn seba' membri eletti mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni, il-President tal-Grupp Konsultattiv tal-EES u rappreżentant wieħed tal-Aġenzija.

Il-grupp Konsultattiv tal-EES ġie stabbilit ukoll u l-President tiegħu nħatar mill-Aġenzija. L-AG tal-EES organizza l-ewwel laqgħa ta' ħidma tiegħu fil-25 ta' Ġunju f'Tallinn. Matul il-fażi tat-tfassil u l-iżvilupp tal-EES, ir-rwol tal-AG tal-EES huwa li jipprovdi għarfien espert tekniku biex jappoġġa l-kompiti tal-PMB tal-EES, biex isegwi u jikkoordina l-attivitajiet relatati kollha kemm fil-livell ċentrali kif ukoll fil-livell nazzjonali u biex jipprovdi appoġġ dwar diversi kwistjonijiet tekniċi relatati mal-iżvilupp tas-sistema. L-AG tal-EES se jsegwi u jikkoordina wkoll l-attivitajiet kollha relatati mal-adattament tal-VIS u l-BMS għall-finijiet tal-EES, u se jipprovdi lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija b'parir espert tekniku. Il-grupp Konsultattiv tal-EES, ippresedut mill-eu-LISA, huwa magħmul minn maniġers nazzjonali tal-proġett tal-EES u jinkludi wkoll lill-Europol.

L-Aġenzija kompliet bl-appoġġ wiesa' u proattiv tagħha lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-proċess tal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-EES. B'mod partikolari, l-Aġenzija organizzat sensiela ta' laqgħat li jinvolvu esperti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, li jindirizzaw suġġetti bħalma huma l-istandards u l-prestazzjoni tas-sistema ta' identifikazzjoni bijometrika awtomatika.

*ETIAS*

Ir-regolamenti dwar l-ETIAS daħlu fis-seħħ fit-9 ta' Ottubru 2018.[21] L-eu-LISA hija responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni teknika tal-ETIAS, filwaqt li l-Frontex se timmaniġġja l-unità ċentrali tal-ETIAS. L-ETIAS tinkludi, fost aspetti oħrajn:

- sistema ċentralizzata għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet;
- interfaċċa nazzjonali uniformi f'kull Stat Membru li tgħaqqad is-sistema ċentrali u l-infrastrutturi nazzjonali;
- infrastruttura ta' komunikazzjoni sikura bejn is-sistema ċentrali u l-Interfaċċi nazzjonali uniformi;
- sit web pubbliku u applikazzjoni mobbli għal apparati mobbli;
- servizz tal-posta elettronika, kif ukoll għadd ta' għodod għall-applikanti, bħal servizz ta' kont, għodda ta' verifika u għodda biex jiġi pprovdut jew irtirat il-kunsens għal żamma ta' *data* lil hinn mill-perjodu ġenerali taż-żamma.

Barra minn hekk, fis-7 ta' Jannar 2019 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat żewġ proposti (l-"emendi konsegwenzjali" tal-ETIAS)[22] biex jiġu stabbiliti l-emendi tekniċi meħtieġa sabiex is-sistema tal-ETIAS tiġi stabbilita b'mod sħiħ billi jiġu emendati l-atti legali tas-sistemi tal-IT tal-UE li l-ETIAS se tfittex fihom. Il-proposti jistabbilixxu wkoll dispożizzjonijiet korrispondenti u jemendaw ir-regolamenti tal-ETIAS kif xieraq. L-ETIAS mistennija li tibda topera sa tmiem l-2021, u l-implimentazzjoni sħiħa hija mistennija matul l-2022.

Qabel l-adozzjoni tar-regolamenti dwar l-ETIAS, l-Aġenzija kienet involuta f'diversi attivitajiet ta' tħejjija, li jibdew bil-ħidma fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti li tnedew matul it-tieni trimestru tas-sena. L-eu-LISA ħadet sehem u kkontribwixxiet ukoll għal għadd ta' avvenimenti biex tiffaċilita l-kooperazzjoni meħtieġa tad-diversi partijiet ikkonċernati tal-ETIAS. L-iżvilupp u l-operat tal-ETIAS se jirrikjedu l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet privati (eż. trasportaturi), flimkien mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji tal-UE. Fis-26 ta' April, l-eu-LISA ospitat laqgħa trilaterali mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u mal-Frontex dwar ir-rekwiżiti ta' taħriġ għall-EES u l-ETIAS. Fis-16 ta' Mejju, l-ETIAS ġiet diskussa matul il-laqgħa madwar mejda tal-industrija tal-eu-LISA organizzata f'Sofija, il-Bulgarija, fost l-oħrajn biex tiġi diskussa l-interfaċċa ta' komunikazzjoni mat-trasportaturi.

Wara l-adozzjoni tar-regolament, l-Aġenzija nediet ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali u appoġġat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ħolqien tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni meħtieġa, li sussegwentement intużaw biex jiġu ppreparati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti. F'Novembru, tnieda grupp ta' ħidma bejn l-aġenziji mal-Europol u l-Frontex. L-atti delegati tal-ETIAS ġew diskussi wkoll fl-ewwel laqgħa tas-subgrupp tal-ETIAS tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni għall-Fruntieri u s-Sigurtà, li saret fit-18 ta' Diċembru.

F'konformità mar-regolamenti dwar l-ETIAS, il-mandat tal-Grupp Konsultattiv tal-EES ġie estiż biex ikopri l-attivitajiet tal-ETIAS. Il-grupp Konsultattiv tal-EES-ETIAS se jkun ippresedut mill-eu-LISA sad-dħul fis-seħħ taż-żewġ sistemi.

---

[21] ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-73.

[22] COM(2019) 3 final u COM(2019) 4 final.

***ECRIS-TCN***

Fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar il-proposta għal sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi biex jissupplimentaw u jappoġġaw is-Sistema Ewropea ta' Rekords Kriminali, l-esperti tal-Aġenzija ħadu sehem f'laqgħat mal-Kummissjoni Ewropea. Sar studju biex jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ECRIS-TCN. Dan se jkun il-bażi għall-iżvilupp futur tas-sistema tal-Aġenzija u għall-ħolqien ta' atti ta' implimentazzjoni meħtieġa. L-eu-LISA ħadet sehem ukoll fil-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar ir-Rekords Kriminali. Din il-parteċipazzjoni kienet partikolarment importanti minħabba l-fehmiet ġodda dwar il-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ECRIS-TCN li jirriżultaw b'mod predominanti mill-proposti tal-interoperabbiltà u l-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS. Abbażi tal-eżitu tan-negozjati u l-iżviluppi leġiżlattivi, is-sistema hija mistennija li tkun aktar kumplessa u disponibbli ħafna milli kien previst fil-proposta li tressqet inizjalment; għalhekk, l-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tagħha se jirrikjedu riżorsi addizzjonali.

Ir-Regolament dwar l-ECRIS-TCN daħal fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019 u l-iżvilupp tas-sistema huwa mistenni li jibda fl-2020.

***CODEX elettroniku***

Matul l-2018 saru diskussjonijiet ta' tħejjija dwar proposta futura tal-Kummissjoni għal Komunikazzjoni dwar il-Ġustizzja Elettronika permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online (e-CODEX). Bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 2018 saret konferenza f'Sofija bit-titolu "Il-Ġejjieni tal-Ġustizzja elettronika fl-UE u t-Teknoloġiji Ġodda fis-Servizz tal-Ġudikatura", li ġiet organizzata mill-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-UE. Id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA ta preżentazzjoni dwar kif it-teknoloġija tippermetti ġestjoni tal-fruntieri u sigurtà interna aktar b'saħħithom fl-Ewropea: huwa indika li l-enfasi tas-sigurtà interna u tal-ġestjoni tal-fruntieri nbidlet minn kwistjonijiet fiżiċi għal dawk virtwali u li tista' tiġi osservata konverġenza rapida ħafna bejn il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jkun hemm enfasi fuq approċċ olistiku, il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, l-istabbiliment ta' standards komuni u l-aħjar prattiki, u l-interoperabbiltà abilitanti.

## 1.5. Lejn l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE

Matul l-2018, l-Aġenzija appoġġat id-diskussjonijiet dwar il-proposti leġiżlattivi dwar l-interoperabbiltà li tressqu mill-Kummissjoni lejn l-aħħar tal-2017, b'mod partikolari billi pprovdiet għarfien espert tekniku u pariri kif mitlub. F'Mejju 2019, ir-regolamenti dwar l-interoperabbiltà ġew adottati mill-koleġiżlaturi.[23] Barra minn hekk, l-eu-LISA appoġġat il-workshops tekniċi tal-Kummissjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-esperti, filwaqt li żgurat fehim sħiħ u mifrux tal-isfidi u l-opportunitajiet li għandhom jitqiesu fit-teħid ta' deċiżjonijiet xieraq. L-esperti tal-Aġenzija ħadu sehem f'diversi laqgħat ta' formazzjonijiet varji tad-DAPIX tal-Kunsill (il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*), li ffokaw fuq il-proposti u fuq il-kjarifika ta' mistoqsijiet li saru mid-delegazzjonijiet biex jappoġġjaw l-analiżijiet tagħhom. L-Aġenzija rċeviet ukoll delegazzjoni viżitatura mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) f'Marzu biex jiġu diskussi l-proposti leġiżlattivi għal regolamenti dwar l-interoperabbiltà. Is-suġġetti fuq l-aġenda inkludew ir-rilevanza tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-lum, u l-impatti fuq l-eu-LISA u s-sistemi tal-IT fuq skala kbira attwali. F'Settembru, espert tal-Aġenzija ħa sehem f'diskussjoni mal-MEPs fil-Parlament Ewropew biex jikkontribwixxi aktar għall-analiżi tagħhom. Fid-dawl tal-iżvilupp tar-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u l-Istatistika (CRRS) (maħsub li jiġi żviluppat fl-2019 bħala parti mill-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà), l-Aġenzija sejħet grupp ta' ħidma ddedikat għall-aġenziji tal-ĠAI tal-UE, li jeżamina kif il-kamp ta' applikazzjoni tal-iżvilupp futur tas-CRRS jista' jakkomoda bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tagħhom u dawk tal-komunitajiet tal-partijiet ikkonċernati tagħhom. Attendew parteċipanti minn sitt aġenziji

[23] Ir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.05.2019, p. 27–135.

(l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), il-Europol, Eurojust (l-Unità għall-Kooperazzjoni il-Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Frontex, kif ukoll eu-LIS). Saru tliet laqgħat fl-2018. Se jsiru aktar laqgħat kif meħtieġ qabel ma jibda l-iżvilupp, li mistennija jsiru fl-2019.

Minħabba l-bidliet sinifikanti mistennija fis-snin li ġejjin, huwa kruċjali li żviluppi u evoluzzjonijiet ġodda li qed jiġu ppjanati attwalment u anke dawk li qegħdin isiru bħalissa jipproċedu b'għarfien sħiħ tal-istat futur maħsub. Dan huwa partikolarment minnu għall-iżvilupp tal-ETIAS u l-EES. L-EES se tkun l-ewwel sistema li se tinbena f'ambjent interoperabbli u l-Aġenzija se tiżgura li l-arkitettura tal-interoperabbiltà futura mistennija titqies sa fejn ikun fattibbli. Dan se jkun il-każ meta wieħed ma jqisx biss il-kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-EES u l-VIS iżda wkoll l-iżvilupp tas-sistema bijometrika tiegħu, li se tkun il-bażi għal BMS kondiviż. Barra minn hekk, ir-regolamenti dwar l-EES u l-ETIAS jipprevedu l-iżvilupp ta' repożitorji tad-*data* għar-rapportar u għall-istatistiki li se jikkostitwixxu komponenti sinifikanti tas-CRRS imsemmi hawn fuq.

F'dan ir-rigward, fil-Q3 tal-2018, l-Aġenzija nediet l-istudju tagħha stess dwar arkitettura globali futura għal sistemi interoperabbli. L-objettivi jinkludu t-tfassil ta' arranġamenti ddettaljati għall-ottimizzazzjoni, fost l-oħrajn, tal-funzjonalità, is-sigurtà u l-manutenzjoni u l-evoluzzjoni kosteffikaċi tal-istruttura tas-sistema futura tal-IT, li jinkludu sistemi eżistenti u futuri kif ukoll il-komponenti antiċipati tal-interoperabbiltà. Il-ħidma li saret tqis il-proċessi minn tarf sa tarf u tintegra r-riżultati tar-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Interoperabbiltà, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, l-abbozz ta' proposti legali dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom, l-istrateġija teknoloġika u l-pjan direzzjonali tal-Aġenzija, id-dokumenti ta' kontroll tal-interfaċċi tas-sistemi eżistenti (ICDs), l-abbozz ta' bidliet legali għas-sistemi eżistenti u l-istudji ta' fattibbiltà kollha li twettqu bejn l-2016 u l-2017 dwar il-komponenti tal-interoperabbiltà.

L-istudju dwar l-arkitettura tal-interoperabbiltà se jitlesta fl-ewwel nofs tal-2019, u se jistabbilixxi qafas importanti għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda, il-komponenti tekniċi previsti fil-leġiżlazzjoni dwar l-interoperabbiltà u l-interfaċċi tagħhom ma' sistemi eżistenti u futuri.

L-iżvilupp possibbli ta' router ċentralizzat għall-iskambju ta' Informazzjoni Avvanzata dwar il-Passiġġieri/Rekords tal-Ismijiet tal-Passiġġieri bejn l-Istati Membri u l-użu ta' tali informazzjoni għal kontrolli permezz tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġew proposti bħala element ta' interoperabbiltà ta' interess futur mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà. Il-grupp issuġġerixxa li jiġi pprovdut studju tal-fattibbiltà, li twettaq mill-Kummissjoni Ewropea bejn April 2018 u Jannar 2019. L-eu-LISA kienet membru tat-tim ewlieni tal-istudju u ħadet sehem f'diversi laqgħat dwar il-kwistjoni matul is-sena, b'mod partikolari billi tat preżentazzjonijiet f'workshop ta' induzzjoni li sar bejn it-18 u d-19 ta' April 2018 u b'mod ġenerali pprovdiet feedback biex isir aktar progress fir-rigward ta' dokumentazzjoni relatata.

Minħabba n-natura ta' impatt kbir tal-proposti dwar l-interoperabbiltà fuq firxa ta' komunitajiet, l-Aġenzija wettqet ukoll sforzi sinifikanti biex tikkomunika mal-partijiet ikkonċernati kollha dwar l-ippjanar u l-arranġamenti futuri għal ħidma kkoordinata. B'mod partikolari, il-konferenza tal-Aġenzija f'Ottubru 2018 inkludiet diskussjonijiet sostanzjali dwar l-interoperabbiltà. Barra minn hekk, l-ippjanar għall-interoperabbiltà u l-ħidma lejn l-interoperabbiltà ġew ippreżentati lill-Gruppi Konsultattivi kollha tal-Aġenzija kif ukoll lill-Bord tat-Tmexxija tagħha. Aktar attivitajiet ta' kuntatt kienu jinkludu preżentazzjonijiet dwar l-interoperabbiltà lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża (WP) tal-Kunsill u lill-Kumitat tas-SIS-VIS.

## 1.6. Sigurtà

Is-sigurtà hija element ċentrali tal-attivitajiet kollha mwettqa f'organizzazzjoni ffokata fuq l-IT bħall-eu-LISA, mhux biss għal raġunijiet legali, iżda anke minħabba r-rwol tagħha bħala ċentru ta' eċċellenza fil-provvista tas-servizzi tal-IT, b'enfasi fuq is-sigurtà tas-sistemi u tal-informazzjoni. Matul l-2018, il-funzjoni tas-sigurtà tal-Aġenzija kompliet iżżomm

u taġġorna l-miżuri li jikkonċernaw is-sigurtà fiżika, is-sigurtà tal-persunal u s-sigurtà tas-sistema. Bħala element ewlieni tal-qafas ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-Informazzjoni tagħha, l-aġenzija stabbilixxiet, operat u żviluppat kontinwament is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (ISMS) tagħha, f'konformità mal-istandards rilevanti tal-ISMS u l-istandard 27001 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). Il-politiki u l-proċeduri tas-sigurtà tal-Aġenzija komplew jiġu żviluppati u mtejba wkoll, billi inkorporaw l-istandards u l-proċeduri tas-sigurtà abbażi tal-politiki u tal-istandards rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea. Bħala parti mill-valutazzjoni kontinwa tal-effettività tal-qafas ta' ġestjoni tas-sigurtà, l-Aġenzija identifikat għadd ta' oqsma kritiċi għal titjib, li huma riflessi fir-riżultati tal-KPIs 1 u 2 korporattivi. Dawn l-azzjonijiet ta' titjib qed jiġu analizzati b'mod attiv u huwa ppjanat li dawn jiġu implimentati bħala parti miċ-ċiklu tal-proċess tal-ġestjoni tas-sigurtà.

Biex jiġi żgurat li s-sistemi ċentrali tal-Eurodac, tal-VIS u tas-SIS ikomplu jikkonformaw strettament mar-rekwiżiti tar-regolamenti rispettivi tagħhom f'termini ta' protezzjoni u ta' sigurtà tad-*data* u mal-aħjar prattiki internazzjonali f'termini tas-sigurtà tal-informazzjoni, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ u taġġorna l-qafas u l-proċeduri tas-sigurtà għall-organizzazzjoni stess, għas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha u għan-netwerks ta' komunikazzjoni rilevanti. Il-monitoraġġ u l-ġestjoni kontinwi tar-riskji residwi seħħew matul is-sena biex tiġi pprovduta garanzija li l-kontrolli xierqa tas-sigurtà għas-sistemi tal-IT taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA ġew implimentati u ġestiti kif xieraq. Il-kwistjonijiet kritiċi kollha identifikati qed jiġu indirizzati permezz ta' taħlita ta' azzjonijiet korrettivi u kontrolli ta' kumpens. B'mod partikolari, għas-SIS, is-sigurtà implimentata, il-kontinwità tan-negozju, l-irkupru minn diżastri, il-ġestjoni tal-inċidenti u miżuri jew proċessi oħra relatati ma' operazzjonijiet tal-IT ġew ittestjati f'Ottubru 2018 permezz ta' eżerċizzju operazzjonali f'kooperazzjoni ma' disa' Stati Membri.

Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u ma' aġenziji oħra tal-UE nżammet fil-livell ta' skambju ta' għarfien u tal-aħjar prattiki permezz tal-laqgħa biannwali tan-Netwerk ta' Uffiċjali tas-Sigurtà. Il-grupp ta' esperti, ippresedut mill-Uffiċjal tas-Sigurtà tal-eu-LISA, iffoka fuq suġġetti bħall-ġestjoni tal-inċidenti, is-sigurtà tas-sistema, il-protezzjoni tad-*data*, il-kontinwità tan-negozju u l-ġestjoni tar-riskju abbażi tal-metodoloġija tal-2018 EBIOS (Espressjoni tal-Ħtiġijiet u l-Identifikazzjoni ta' Objettivi tas-Sigurtà), u fuq kif is-sigurtà hija organizzata f'organizzazzjonijiet differenti sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-intervent f'każ ta' inċidenti.

## 1.7. Protezzjoni tad-*data*

Is-sena 2018 kienet waħda kruċjali għall-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD), bid-dħul fis-seħħ fl-11 ta' Diċembru 2018 tar-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.[24]

Is-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni fost il-membri tal-persunal ġew intensifikati matul is-sena, bil-għan li jiġi żgurat li l-membri kollha tal-persunal ikollhom l-għarfien u l-għodod biex jimplimentaw fil-prattika r-regoli l-ġodda. It-tħeġġiġ tal-iżvilupp ta' kultura ta' obbligu ta' rendikont fi ħdan l-Aġenzija kien għan "kruċjali". Ġiet żviluppata applikazzjoni mobbli tal-UPD biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-*data* fost l-impjegati tal-eu-LISA. Din ġiet rilaxxata f'Settembru fuq il-pjattaformi Android kif ukoll iOS. L-applikazzjoni tal-UPD tal-eu-LISA toffri lill-utenti aċċess rapidu għall-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-*data* fl-eu-LISA, għal-leġiżlazzjoni applikabbli u għal dokumenti speċifiċi tal-protezzjoni tad-*data* (eż. rapporti ta' ksur ta' *data* personali).

Matul is-sena, l-għadd ta' notifiki lill-UPD żdied, u dan beda jirrifletti l-maturità dejjem akbar tal-Aġenzija u l-ħtieġa li jkun hemm konformità mal-obbligi legali l-ġodda, b'mod partikolari l-obbligu li l-UPD jiġi nnotifikat kif suppost dwar kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar li tinvolvi *data* personali. Biex jgħin f'dan, l-UPD estenda l-katalogu ta' linji gwida u politiki speċifiċi, inkluża l-politika dwar il-ksur tal-protezzjoni tad-*data*, li issa tkopri *data* operazzjonali mis-sistemi core.

---

[24] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98.

Fost l-attivitajiet tal-UPD, ingħatat attenzjoni speċjali lir-rieżami tal-bażijiet ġuridiċi għas-sistemi l-ġodda tal-IT fuq skala kbira fdati lill-eu-LISA. Il-UPD ħa sehem fit-43 Laqgħa tan-Netwerk tal-UPD u r-4 Laqgħa tan-Netwerk tal-UPD tal-Aġenziji tal-ĠAI sabiex iħejji għar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data*.

B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, il-prinċipji tas-sigurtà ppjanata u tal-privatezza mid-disinn ġew implimentati billi ġew inkorporati artefatti tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-*data* u punti ta' kontroll fi ħdan il-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti li tintuża mill-Aġenzija.

## 1.8. Rapportar u statistika

Fl-2018, l-Aġenzija ssodisfat bis-sħiħ l-obbligi ta' rapportar legali tagħha sa fejn kienu kkonċernati r-rapporti ta' statistika u r-rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi.

Skont id-dispożizzjonijiet legali, fl-2018 l-Aġenzija ppubblikat ir-rapporti li ġejjin:

- L-istatistiki annwali 2017 tas-SIS II ippubblikati u ppreżentati lill-istituzzjonijiet tal-UE f'April 2018;
- Lista aġġornata ta' awtoritajiet tas-SIS II, adottata mill-MB f'Mejju u ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, C 226, 28 ta' Ġunju 2018;
- L-istatistiki annwali 2017 tal-Eurodac ippubblikati u ppreżentati lill-istituzzjonijiet tal-UE f'April 2018;
- Lista aġġornata tal-awtoritajiet tal-Eurodac, adottata mill-MB f'Mejju u ppubblikata fuq is-sit web tal-eu-LISA f'Mejju 2018;
- Ir-rapport annwali 2017 tal-Eurodac, adottat mill-MB f'Awwissu, ippubblikat u ppreżentat lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Awwissu 2018;
- Ir-rapport tal-VIS dwar il-funzjonament tekniku (li jkopri minn Ottubru 2015 sa Settembru 2017), adottat mill-MB f'Lulju 2018, ippubblikat u ppreżentat lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Awwissu 2018.

## 1.9. Forniment ta' taħriġ dwar is-sistemi lill-Istati Membri

Fl-2018, l-eu-LISA tat fi skali differenti u f'diversi formati 39 sessjoni ta' taħriġ relatati mas-SIS II, il-VIS, il-Eurodac u suġġetti orizzontali. Is-suġġetti orizzontali kienu jinkludu żewġ sessjonijiet ta' "Ħarreġ lil min iħarreġ", l-għeluq tal-Programm ta' Taħriġ dwar l-Iżvilupp għal Operaturi tal-IT (DTPITO), u sessjoni waħda ta' taħriġ dwar il-Eurodac u s-SIS II taħt l-umbrella tal-EMPACT. Il-pjan ta' taħriġ stabbilit fil-bidu tas-sena antiċipa l-għoti ta' 31 sessjoni ta' taħriġ. Matul is-sena, ingħataw 10 sessjonijiet ta' taħriġ addizzjonali, li akkomodaw it-talbiet imressqa mill-Istati Membri jew li ġew issuġġeriti mill-eu-LISA. Wara d-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija li ma jibqgħux jiġu prijoritizzati l-attivitajiet relatati mal-aċċess għar-Rumanija u l-Bulgarija għall-VIS, ġew posposti żewġ korsijiet ippjanati għal parteċipanti ġodda fil-VIS mill-Bulgarija u r-Rumanija. Meta mqabbel mal-2017, l-għadd totali ta' sessjonijiet ta' taħriġ tal-eu-LISA naqas b'7 % (minn 42 sessjoni ta' taħriġ fl-2017 għal 39 fl-2018).

Fl-2018, ġew żviluppati 22 kors elettroniku u ġie aġġornat il-kontenut ta' 9 korsijiet elettroniċi. Il-maġġoranza tal-prodotti l-ġodda tat-tagħlim elettroniku kienu relatati ma' suġġetti orizzontali (39 %), segwiti mill-Eurodac (24 %), is-SIS II (20 %) u l-VIS (17 %). Attwalment, il-korsijiet kollha ta' taħriġ fil-portafoll ta' taħriġ tal-eu-LISA għandhom komponent ta' tagħlim elettroniku integrat fil-kurrikuli tagħhom. Sabiex jiġi appoġġjat aktar il-proċess ta' ċertifikazzjoni tad-DTPITO, flimkien mal-mistoqsijiet eżistenti tal-ittestjar dwar is-SIS II, ġew żviluppati testijiet ġodda għall-Eurodac u d-DTPITO tal-VIS; bħalissa hemm aktar minn 700 mistoqsija tat-testijiet relatata mas-sistema fil-bażi tad-*data* tat-taħriġ tal-eu-LISA.

Is-sena 2018 rat pass importanti għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-eu-LISA lill-Istati Membri, peress li din is-sena t-taħriġ kollu li ngħata lill-Istati Membri kellu appoġġ ta' tagħlim elettroniku. Il-punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) għandhom aċċess għall-korsijiet kollha ta' taħriġ fis-sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim tal-eu-LISA (LMS) sabiex ikunu jistgħu

josservaw u jappoġġjaw lill-parteċipanti. In-netwerk tal-NCPs għandu l-ispazju proprju tiegħu wkoll fl-LMS, biex jiġu pprovduti u kondiviżi aħbarijiet, pjanijiet ta' taħriġ aġġornati u rapporti ta' taħriġ trimestrali.

Fl-aħħar nett, fl-2018, tlesta l-proċess ta' aġġornament tal-istrateġija ta' taħriġ tal-eu-LISA. L-istrateġija ta' taħriġ aġġornata tallinja l-attivitajiet relatati mat-taħriġ mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-perjodu ta' bejn 2018–2022. Dan id-dokument ġie adottat b'deċiżjoni tal-MB tal-21 ta' Marzu 2018.

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 2: "Insiru ċentru ta' eċċellenza tal-ICT u fornitur tas-servizz rikonoxxut"

### Żvilupp kontinwu lejn ċentru ta' eċċellenza fis-servizzi tal-ICT u l-governanza korporattiva

Sa mill-bidu nett tal-Aġenzija, wieħed mill-għanijiet stabbiliti għaliha kien li tikber u ssir ċentru ta' eċċellenza. L-ilħuq ta' dan l-objettiv jirrikjedi sforz u dedikazzjoni sinifikanti ujinvolvi diversi elementi kostitwenti. Wieħed mill-aktar importanti huwa l-mudell u l-proċess ta' governanza interna.

#### *Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża*

Waħda mid-deċiżjonijiet importanti li ttieħdu meta twaqqfet l-Aġenzija kienet li jiġi stabbilit uffiċċju tal-ġestjoni tal-proġetti (PMO). Dan kien essenzjali minħabba r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu (2)(g) tar-regolament ta' stabbiliment inizjali (li għadu fis-seħħ fl-2018), li jirrikjedi li l-Aġenzija "[tuża] ... struttura adegwata għat-tmexxija tal-proġetti għal sistemi tal-IT fuq skala kbira li qed jiżviluppaw b'mod effiċjenti". Minħabba l-ħtieġa dejjem akbar għal allinjament aktar strateġiku bejn il-benefiċċji ta' PMO tradizzjonali u r-rekwiżiti tal-governanza interna tal-Aġenzija, fl-aħħar tal-2017 twaqqaf l-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriżi (EPMO). Il-missjoni tal-EPMO kienet li jintegra u jimmonitorja l-proġetti kollha tal-eu-LISA u li jikkontribwixxi għall-governanza interna tal-Aġenzija biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-użu tal-aħjar prattiki standard tal-industrija. L-istabbiliment tal-EPMO irriżulta f'konformità aħjar mal-mandat legali tal-Aġenzija u f'sodisfazzjon akbar min-naħa tal-partijiet ikkonċernati. Fl-2018, l-eu-LISA lestiet l-ewwel fażi tal-ħidma biex tibni fuq il-kapaċità tal-EPMO bil-għan li tkompli tippromwovi u timplimenta l-aħjar prattiki, tistandardizza l-proċessi, u timplimenta metodoloġiji ta' ġestjoni ta' proġetti u ta' portafolli biex jiġu ġestiti b'mod effettiv ir-riżorsi tal-proġetti u l-għanijiet tal-proġett.

L-Artikolu 29 tar-regolament finanzjarju tal-eu-LISA jistipula li l-proġetti li jirrikjedu nefqa sinifikanti huma soġġetti għal evalwazzjoni *ex ante* qabel ma jiġu approvati u inklużi fil-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija.

Fl-2018, l-EPMO, bħala entità organizzattiva indipendenti, ingħata l-mandat li jwettaq evalwazzjonijiet *ex ante* għall-infiq sinifikanti kwalifikanti ppjanat għall-implimentazzjoni fl-2018, fl-2019 u fl-2020 bħala parti mill-programmi ta' ħidma annwali. Il-metodoloġija għall-għażla ta' proġetti għal evalwazzjoni *ex ante* tħejjiet mill-EPMO u ġiet adottata mill-Bord ta' Tmexxija.

Abbażi ta' rieżami ta' tmien każijiet ta' negozju tal-proġetti, l-informazzjoni sottostanti u sensiela ta' intervisti ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, it-tim ta' evalwazzjoni tal-EPMO pproduċa tliet rapporti ta' evalwazzjoni tal-proġett li ġew ippreżentati lill-Bord ta' Tmexxija f'Novembru 2018.

#### *Ġestjoni tas-servizzi tal-IT*

L-eu-LISA kompliet tiżviluppa u ssaħħaħ il-qafas tagħha tal-ITSM, skont l-istandards u l-aħjar prattiki tal-ITIL. L-Aġenzija żammet u rfinat il-proċessi interni tagħha u ddefinixxiet servizzi relatati mal-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi.

Il-proġett Fażi 2 tal-ITSM tnieda f'Novembru 2017 u kompla fl-2018. Matul din il-fażi, ġew iddefiniti u implimentati erba' proċessi ġodda: il-ġestjoni tal-għarfien, il-ġestjoni tat-titjib kontinwu tas-servizz, il-ġestjoni tad-disponibbilta u l-ġestjoni tal-kapaċità. Il-proċess tal-ġestjoni tal-għarfien ġie ddefinit u jinsab fil-fażi ta' implimentazzjoni gradwali. L-

għan tiegħu huwa li jiġu strutturati l-artefatti ewlenin tal-għarfien tal-eu-LISA u li dawn ikunu jistgħu jintużaw mill-partijiet ikkonċernati u jkunu faċilment aċċessibbli għalihom. Il-proċess tal-ġestjoni tat-titjib kontinwu tas-servizz ġie ddefinit ukoll u jinsab fil-proċess ta' implimentazzjoni. Dan huwa element ewlieni għall-ġestjoni effiċjenti tal-kwalità, peress li jistabbilixxi l-mezzi prattiċi meħtieġa biex jiġi identifikat it-titjib. Parti mill-proċess tal-ġestjoni tat-titjib kontinwu tas-servizz huwa r-Reġistru tal-applikazzjoni tas-CSI, li huwa diġà disponibbli. Permezz ta' din l-applikazzjoni, l-eu-LISA se tiġbor, tivvaluta kif xieraq u ssegwi b'mod trasparenti u strutturat it-titjib identifikat. Parti minn dan il-proċess hija l-ġerarkija tal-kejl stabbilita mill-eu-LISA, li se tiggarantixxi li l-metriċi, il-miri relatati mal-kejl u r-rapporti rilevanti kollha se jkunu allinjati. Dan imbagħad se jiffaċilita b'mod sinifikanti l-kejl ġenerali tal-għanijiet u l-objettivi tal-Aġenzija, billi jiġu stabbiliti miri u jiġi mmonitorjat l-ilħuq tagħhom. B'rabta mill-qrib mal-proċess tal-ġestjoni tat-titjib kontinwu tas-servizz, fil-bidu tal-2018 tnieda l-proġett biex tinħoloq soluzzjoni avvanzata ta' rapportar, li beda b'fażi ta' studju. Il-fażi ta' studju ġiet iffinalizzata b'suċċess sa nofs l-2018, u b'suġġeriment ta' fornitur biex tinstab soluzzjoni.

Titjib neċessarju fl-għodda integrata tal-ITSM tal-eu-LISA ġie introdott matul l-2018, u jindirizza r-rekwiżiti relatati mal-proċessi l-ġodda. Twettaq ukoll proġett biex il-kuntratturi jingħataw aċċess għall-għodda. Dan kien meħtieġ biex tiġi ssimplifikata l-komunikazzjoni ta' kuljum mal-kuntratturi u biex ikun jista' jsir rapportar aktar effiċjenti tal-prestazzjoni tagħhom, abbażi ta' FLS u KPIs operattivi.

Minbarra li saħħet il-mudell tal-proċess, l-eu-LISA tejbet b'suċċess il-mudell tas-servizz tagħha, abbażi tar-rieżami u l-aġġornament tal-Katalogu tas-Servizz tal-eu-LISA, li tlesta fl-2018. Dan se jiggarantixxi li l-partijiet ikkonċernati jingħataw deskrizzjonijiet aġġornati tas-servizzi tal-eu-LISA.

L-aġġornamenti u l-kisbiet kollha li saru fl-2018 se jżidu b'mod sinifikanti l-effiċjenza tal-attivitajiet operazzjonali ta' kuljum u se jiffaċilitaw il-kejl u r-rapportar tal-prestazzjoni skont l-FLS u l-KPIs. Dawn juru l-impenn kostanti tal-Aġenzija fir-rigward tal-kwalità tas-servizz u t-titjib tal-kosteffettività. L-eu-LISA se tkompli ttejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċessi tal-ITSM u l-mudell ta' servizz tagħha: integrazzjoni kkoordinata ulterjuri tal-proċessi tal-ITSM se tipprovdi kontroll addizzjonali u se ttejjeb b'mod sinifikanti s-servizzi tal-eu-LISA.

**Tkabbir tal-ħila esperta tal-Aġenzija fit-teknoloġija u n-negozju**

***Ġestjoni tat-tibdil***

Il-proċess tal-ġestjoni tat-tibdil jiżgura approċċ ikkoordinat u trasparenti għall-identifikazzjoni, għall-valutazzjoni u għall-implimentazzjoni tat-tibdiliet meħtieġa fis-sistemi ġestiti mill-Aġenzija, biex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri u mal-iżviluppi tal-istrumenti legali li jirregolawhom. Dan huwa proċess konsolidat u li jiffunzjona tajjeb, li fih il-kontribuzzjoni tal-ewwel rata tal-Istati Membri tgħin lill-Aġenzija biex ittejjeb l-applikazzjonijiet eżistenti u tappoġġja evoluzzjonijiet futuri. Fl-2018, ir-rapport annwali tal-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tibdil ġie ppreżentat lill-Gruppi Konsultattivi, u dan irċieva risponsi favorevoli mill-Istat Membri.

Wara l-adozzjonijiet tar-regolamenti dwar l-EES u l-ETIAS, u b'antiċipazzjoni tal-adozzjoni li jmiss tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN, il-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tibdil beda jivvaluta l-bidliet meħtieġa biex il-VIS u s-SIS II isiru interoperabbli ma' dawn is-sistemi l-ġodda.

Fl-2018, l-eu-LISA rċiviet 14-il talba ġdida għal tibdil fuq is-SIS II (u għalqet 3), 8 talbiet ġodda għal tibdil fuq il-VIS u l-BMS (u għalqet 3) u 8 talbiet ġodda għal tibdil fuq il-Eurodac (u għalqet 5).

Meta mqabbla mas-sena ta' qabel, l-għadd totali ta' talbiet ġodda għal tibdil li waslu fl-2018 naqas għat-tliet pjattaformi. Madankollu, il-kumplessità tat-talbiet l-ġodda għal tibdil li għandhom jiġu vvalutati għall-implimentazzjoni qed tiżdied kull sena. Ir-raġuni għal dan hija li l-proċess ta' "tindif" tal-implimentazzjoni ta' bidliet sempliċi diġà tlesta, u għalhekk reċentement tfaċċaw biss bidliet kumplessi. L-isforz meħtieġ kemm min-naħa tal-Istati Membri kif ukoll tal-eu-LISA żdied bi ftit minħabba din iż-żieda fil-kumplessità u l-impatt li dawn il-bidliet għandhom fuq is-sistemi ċentrali u nazzjonali. Eżempju wieħed huwa l-ispeċifikazzjonijiet imtejba li saru fl-2015 mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili

Internazzjonali (ICAO), li jaffettwaw il-VIS u s-SIS II u li ilhom jiġu vvalutati minn Frar 2018; il-bidliet meħtieġa se jiġu implimentati f'Settembru 2019.

Bis-saħħa tal-kooperazzjoni eċċellenti bejn l-esperti tal-Istati Membri u l-eu-LISA fil-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tibdil, dejjem intlaħaq qbil dwar it-titjib tekniku propost u dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jiġu implimentati l-bidliet mitluba. Il-kooperazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri żdiedet matul dawn l-aħħar snin, u bdiet bil-ħidma fuq il-Eurodac, li għaliha ġie propost titjib importanti fl-użu. Għall-VIS, l-esperti tal-Istati Membri kkontribwixxew għall-valutazzjoni tal-impatt biex il-pjattaforma ssir interoperabbli mal-EES. U għall-SIS, dawn ikkontribwixxew għall-identifikazzjoni ta' approċċ intelliġenti biex it-trażlitterazzjoni tas-sistema ssir konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-ICAO 2015.

L-eu-LISA, billi adottat proċess ta' ġestjoni tat-tibdil wieħed u konsistenti, introduċiet approċċ aktar koerenti u verifikabbli għall-evoluzzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema. L-Aġenzija għamlet sforzi konsiderevoli biex tirrieżamina u ttejjeb il-proċess ta' ġestjoni tat-tibdil f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea, attività li hija maħsuba li tkompli fl-2019. L-Aġenzija tikkonsulta wkoll lill-UPD u lill-Uffiċjal tas-Sigurtà dwar it-tibdiliet proposti fil-proċess tal-ġestjoni tat-tibdil, skont il-metodoloġija tal-PRINCE 2 (Proġetti f'Ambjenti Kkontrollati).

***Ġestjoni tat-testijiet***

L-eu-LISA bdiet attivitajiet lejn l-implimentazzjoni ta' pjattaforma ta' ttestjar minn tarf sa tarf għas-sistemi ta' negozju ewlenin kollha. Ġie abbozzat u vvalidat IAR għall-implimentazzjoni tal-għodod tal-ittestjar standardizzati. Intalab disinn iddettaljat għas-soluzzjoni teknika mill-parti kontraenti u sussegwentement dan ġie kkunsinnat, rivedut u, lejn l-aħħar tal-2018, ġie aċċettat. L-implimentazzjoni reali tal-għodod se sseħħ fl-ewwel nofs tal-2019 u se tiżgura l-ittestjar f'waqtu tal-EES.

***Monitoraġġ tat-teknoloġija***

Il-funzjoni ta' "monitoraġġ tat-teknoloġija" kompliet tesplora l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti fl-2018 f'konformità mal-pjan annwali mfassal u ppreżentat lill-Gruppi Konsultattivi. Din irrapportat dwar l-eżiti tal-ħidma tagħha lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni.

Il-prijoritajiet għall-2018 kienu jinkludu l-bijometrika, l-immudellar tal-arkitettura tas-sistema, id-disinn tal-interfaċċa u l-gateway, u l-intelliġenza artifiċjali. Il-monitoraġġ tar-riċerka dwar it-teknoloġiji biex tissaħħaħ il-kwalità tad-*data* sostna wkoll il-ħidma sinifikanti li twettqet peress li l-Aġenzija kkoordinat il-pjan ta' azzjoni dwar il-kwalità tad-*data* li ġie approvat skont il-lista ta' azzjonijiet tal-istrateġija għall-ġestjoni tal-informazzjoni. Biex tiġi indirizzata l-ħidma tal-grupp ta' aġenziji tal-ĠAI dwar l-interoperabbiltà u s-CRRS, ġie kkompilat u tqassam dokument ta' diskussjoni, "Assuring high quality of data in the Central Repository for Reporting and Statistics (CRRS)" (L-assigurazzjoni ta' *data* ta' kwalità għolja fir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS)).

Tħejja rapport dwar it-teknoloġija tar-reġistru distribwit (li l-blockchain hija l-aktar implimentazzjoni magħrufa tiegħu) u ġew inklużi l-każijiet ta' użu possibbli. Ir-rapport finali se jitqassam fl-2019.

Sabiex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati jiġu kontinwament aġġornati dwar l-iżviluppi fit-teknoloġija u li l-iskambju ta' informazzjoni meħtieġ għall-bini tal-kapaċità tal-komunità jseħħ, il-funzjoni ta' monitoraġġ tat-teknoloġija appoġġat ukoll l-organizzazzjoni/l-għoti ta':

- żewġ laqgħat madwar mejda tal-industrija, fejn l-ewwel waħda ġiet organizzata f'Sofija bl-appoġġ tal-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-UE;
- il-konferenza annwali tal-Aġenzija, li saret f'Tallinn b'kooperazzjoni mal-Frontex u taħt l-awspiċi tal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE;

- panel ta' diskussjoni fil-Kungress Ewropew tal-Pulizija fi Frar 2018 f'Berlin;
- Diversi preżentazzjonijiet f'konferenzi topiċi li saru minn partijiet ikkonċernati oħra.

Aktar dettalji dwar l-avvenimenti msemmija hawn fuq jistgħu jinstabu fit-taqsimiet "Sħubija mal-industrija" u "Tisħiħ ulterjuri tal-komunikazzjoni esterna".

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-funzjoni ta' riċerka ġie estiż b'mod sinifikanti bl-approvazzjoni tar-regolament il-ġdid tal-eu-LISA f'Novembru 2018. Il-funzjoni issa hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' partijiet mill-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll għall-monitoraġġ tal-iżviluppi fir-riċerka dwar il-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Din tirrikjedi li tinħoloq strateġija ġdida għall-ottimizzazzjoni tal-isforzi. L-Aġenzija diġà bdiet taħdem fuq l-ippjanar għal dan it-tiġdid ta' prattiki u approċċi, billi wettqet eżerċizzju ta' sensibilizzazzjoni estensiv fost il-partijiet ikkonċernati kemm internament kif ukoll esternament biex tivvaluta kif l-aspettattivi u d-domandi jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod. L-eżiti ta' din il-ħidma se jikkontribwixxu għall-abbozzar tal-istrateġija fl-2019.

***Strateġija dwar it-Teknoloġija***

Hija sfida għall-Aġenzija biex tiġġestixxi operazzjonalment sistemi tal-IT fuq skala kbira fuq pjattaformi differenti, f'termini ta' applikazzjonijiet, infrastruttura u għodod rilevanti. Din is-sitwazzjoni wasslet għal ħtieġa ċara li jinħolqu ekonomiji ta' skala, filwaqt li jiġu żgurati l-għoti ta' servizz, is-sigurtà u l-flessibbiltà addizzjonali. Għalhekk fl-2016, l-Aġenzija lestiet studju inizjali ta' strateġija dwar it-teknoloġija, bi stat fil-mira tat-teknoloġija proposta u pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni fuq 5 snin.

Meta r-riżultati ta' dan l-istudju ġew ippreżentati lill-Bord tat-Tmexxija fl-2017, kien hemm approvazzjoni ġenerali tal-approċċ. Madankollu, tqies li kien meħtieġ li jsir studju ta' segwitu addizzjonali, bil-għan li jiġi rivedut il-pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni u titwettaq analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. Dan l-istudju komplementari ta' segwitu tlesta b'suċċess f'Marzu 2018. Sussegwentement, l-istrateġija riveduta dwar it-teknoloġika tal-eu-LISA ġiet ippreżentata u adottata mill-Bord tat-Tmexxija, li ddefinixxiet il-ħames oqsma ewlenin għal titjib li ġejjin:

1. il-konsolidazzjoni u l-virtwalizzazzjoni tal-infrastruttura;
2. ir-razzjonalizzazzjoni u t-tfassil mill-ġdid tal-applikazzjonijiet;
3. is-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' twettiq immexxija mill-awtomatizzazzjoni;
4. l-istandardizzazzjoni tal-monitoraġġ u l-operazzjonijiet;
5. It-tisħiħ tal-proċessi ta' sigurtà.

Barra minn hekk, l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji assoċjata pprovdiet gwida għall-eżerċizzju baġitarju relatat mal-oqsma ta' titjib imsemmija hawn fuq.

Fl-aħħar nett, il-valutazzjoni tal-mudell operattiv tal-eu-LISA, li twettqet bħala parti minn dan l-istudju, ikkonkludiet li ż-żieda fil-maturità tal-kapaċitajiet interni ewlenin u l-kondiviżjoni mtejba tal-għarfien u l-istandardizzazzjoni se jkunu kruċjali għall-eu-LISA fil-kuntest tal-estensjoni tal-mandat tagħha. Barra minn hekk, ġie rrakkomandat li l-eu-LISA għandha tifformalizza l-mudell tal-implimentazzjoni tagħha u tesplora l-opportunitajiet għal metodi ġodda ta' implimentazzjoni. Dawn l-azzjonijiet jippermettu lill-eu-LISA ssir aktar effiċjenti u tqiegħed mudell operattiv fis-seħħ li jkun adatt għall-eżekuzzjoni tal-pjan direzzjonali għat-teknoloġija u għall-mandat imsaħħaħ tal-eu-LISA.

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 3: "Tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT tal-UE u ċ-ċentru ta' kompetenzi prinċipali"

**Sħubiji mal-Istati Membri, mal-Istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn**

L-Aġenzija kompliet tissorvelja mill-qrib u, meta ġiet mitluba, tappoġġa bl-għarfien espert tekniku tagħha n-negozjati dwar diversi inizjattivi, kemm fil-Kunsill tal-UE kif ukoll fil-Parlament Ewropew. Dan iffaċilita l-adozzjoni tar-regolament il-ġdid tal-Aġenzija, il-pakkett ta' riforma tas-SIS u r-regolament dwar l-ETIAS. Dan ikkontribwixxa wkoll għall-progress fin-negozjati dwar inizjattivi oħra, bħall-pakkett ta' interoperabbiltà u r-regolament dwar l-ECRIS-TCN, u l-eu-LISA pprovdiet ukoll appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tad-diskussjonijiet dwar il-proposti għar-riformulazzjoni tar-regolament VIS u r-Regolament il-ġdid dwar il-Eurodac.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regolament dwar l-EES, li ġie adottat u li daħal fis-seħħ fl-2017, l-Aġenzija pprovdiet kontinwament appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fir-rigward tat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni għall-EES u ħadet sehem b'mod attiv f'diskussjonijiet fil-Kumitat għal Fruntieri Intelliġenti. Ġew stabbiliti l-korpi ta' governanza tal-EES: il-PMB tal-EES u l-AG bdew il-laqgħat tagħhom f'Mejju u f'Ġunju 2018 rispettivament. Grupp ta' ħidma addizzjonali wieħed, għas-soluzzjonijiet tal-ICT għall-Istati Membri bi fruntieri esterni fuq l-art u/jew tal-baħar, ġie stabbilit ukoll taħt l-umbrella tal-AG tal-EES u kellu l-ewwel laqgħa tiegħu f'Novembru 2018. L-eu-LISA appoġġat ukoll lill-Kummissjoni Ewropea billi ħadet sehem f'missjonijiet ta' tħejjija li fihom saru żjarat fi 12-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja). L-objettiv kien li tiġi diskussa l-ħtieġa għal approċċ koerenti fil-kuntest tat-tħejjijiet nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-EES u s-SIS riveduta, kif ukoll, fil-futur, l-ETIAS u l-interoperabbiltà.

L-EES, il-Eurodac, is-SIS u l-AGs tal-VIS komplew jipprovdu l-pjattaformi meħtieġa għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, bl-involviment ta' rappreżentanti tal-Europol, il-Eurojust u l-Kummissjoni Ewropea, li jippermettu l-iskambju ta' konsulenza esperta teknika rilevanti u appoġġ dwar kwistjonijiet relatati mal-evoluzzjoni u/jew l-iżvilupp ta' diversi sistemi.

L-eu-LISA pprovdiet input u kontributi sostanzjali għad-diskussjonijiet rilevanti ta' diversi gruppi ta' ħidma u kumitati tal-Kunsill (b'mod partikolari l-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati max-Schengen (*Acquis*), id-WP dwar is-SIS/SIRENE, id-WP dwar l-Asil, id-WP dwar il-Viżi, il-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) (inkluż il-Grupp ta' Appoġġ COSI), DAPIX (diversi formazzjonijiet), id-DP dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (fir-rigward tal-ECRIS-TCN), id-WP dwar il-Fruntieri u l-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil). L-eu-LISA ħadmet ukoll f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea (eż. DĠ HOME, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi) u mad-diversi kumitati tal-Parlament Ewropew (eż. il-Kumitat LIBE, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu). L-Aġenzija ħadmet mill-qrib mal-Presidenza Bulgara u dik Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE billi pprovdiet għarfien espert u pariri meta mitluba. Bl-istess mod, il-Presidenzi tal-Kunsill ikkontribwixxew b 'mod partikolari għall-avvenimenti ewlenin tal-Aġenzija mal-partijiet ikkonċernati: il-konferenza annwali f'Ottubru u l-avvenimenti madwar medja tal-industrija, li ġew organizzati f'Mejju f'Sofija u f'Ottubru f'Tallinn.

F'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-bażi ġuridika tagħha u l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha, l-eu-LISA kompliet ittejjeb il-pożizzjoni tas-sigurtà interna tal-UE. Dan kien jinkludi, fost l-oħrajn, il-koordinazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar il-kwalità tad-*data* skont is-6 lista ta' azzjoni tal-istrateġija għall-ġestjoni tal-informazzjoni diskussa fid-DAPIX u l-attivitajiet imwettqa skont il-prijoritajiet tal-EMPACT. L-Aġenzija kienet involuta b'mod attiv fi tliet pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali tal-EMPACT, jiġifieri dwar l-armi tan-nar, l-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali. Fil-kuntest tal-faċilitazzjoni tal-qasam ta' prijorità tal-EMPACT tal-

immigrazzjoni illegali, l-eu-LISA organizzat taħriġ għall-esperti tal-Istati Membri u ħejjiet modulu online li jiffoka fuq l-użu tas-SIS u l-Eurodac biex jiġu indirizzati l-każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin.

Saru avvenimenti oħra tal-partijiet ikkonċernati mas-sħab ta' kooperazzjoni biex jiġi ppreżentat il-mandat tal-Aġenzija u jkun jista' jsir skambju ta' fehmiet dwar l-attivitajiet u l-pjanijiet tal-Aġenzija. Saret laqgħa mal-Kapijiet tal-Missjonijiet Diplomatiċi fl-4 ta' April f'Tallinn, mal-Kunsillieri tal-ĠAI fis-10 ta' April fi Brussell u mal-membri tal-Kumitat LIBE fl-24 ta' April 2018. L-eu-LISA organizzat, flimkien ma' żjarat u laqgħat ippjanati, diversi laqgħat ta' livell għoli mar-rappreżentanti tal-Ministeru Żvediż tal-Politika Kriminali u d-Dipartiment tal-Ġustizzja elettronika, mad-Direttur ta' Inizjattivi Strateġiċi u l-Koordinazzjoni Globali tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Każijiet tal-Kanada, mas-Segretarju tal-Istat fil-Ministeru Federali tal-Intern tal-Ġermanja u mad-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni. Barra minn hekk, f'Settembru l-Aġenzija rnexxielha wkoll torganizza diskussjonijiet tematiċi tal-esperti, pereżempju dwar il-ġestjoni tal-identità u l-kondiviżjoni tad-*data* bijometrika mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

Id-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid tal-Aġenzija fil-11 ta' Diċembru 2018 se jkollu impatt pożittiv fuq ir-relazzjonijiet futuri tal-Aġenzija mal-partijiet ikkonċernati. Il-mandat imsaħħaħ jagħti lill-Aġenzija rwol akbar fost l-oħrajn fir-riċerka, l-assigurazzjoni tal-kwalità tad-*data* fis-sistemi tal-IT, u l-proġetti pilota, il-prova tal-kunċett u l-attivitajiet ta' ttestjar, li se jirriżultaw f'kooperazzjoni aktar mill-qrib u aktar attiva mad-diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida se ġġib ukoll opportunitajiet ġodda biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni, biex jingħataw pariri proattivi u biex jiġu pprovduti appoġġ u assistenza addizzjonali lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lil aġenziji oħra tal-ĠAI, kif ukoll biex issir ħidma aktar mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Minbarra l-qafas legali l-ġdid, f'Diċembru 2018 l-Aġenzija adottat ukoll strateġija ta' ġestjoni riveduta tal-partijiet ikkonċernati għall-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2022, bil-għan li jiġu ddefiniti għanijiet strateġiċi għall-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati u jiġi pprovdut approċċ strutturat biex dawn jintlaħqu.

**Sħubija ma' aġenziji oħra**

Fl-2018, l-eu-LISA kompliet il-parteċipazzjoni tagħha fl-attivitajiet tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI, li kien ippresedut mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE). L-eu-LISA kkontribwixxiet b'mod attiv għat-temi tal-"Ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari tat-tfal", u "Nilħqu l-isfida diġitali għall-bniet u s-subien", peress li s-SIS tappoġġa l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli, inklużi l-minorenni. It-taħriġ u l-kooperazzjoni fl-ICT bejn l-aġenziji tal-ĠAI kienu ż-żewġ temi l-oħra l-aktar importanti għall-Aġenzija.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni fl-ICT b'mod partikolari, l-eu-LISA, f'isem l-EIGE, ospitat laqgħa tal-esperti fil-qasam tal-ICT u tas-sigurtà tal-Aġenzija tal-ĠAI fi Brussell fit-13 ta' Settembru 2018. Il-laqgħa kopriet suġġetti bħall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata permezz ta' posta elettronika kriptata, il-ġestjoni tad-dokumenti bejn l-aġenziji tal-ĠAI u d-diġitalizzazzjoni. Id-diskussjonijiet dwar dawn is-suġġetti ta' importanza partikolari għall-aġenziji tal-ĠAI se jkomplu matul il-presidenza tal-Europol tan-netwerk fl-2019.

Qabel il-Laqgħa annwali tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI f'Novembru 2018, l-eu-LISA pprovdiet input għar-rapport finali tan-netwerk għall-2018, b'enfasi partikolari fuq l-evoluzzjoni ta' sistemi eżistenti u passi ta' tħejjija lejn l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda u l-arkitettura tal-interoperabbiltà.

Fil-kuntest tal-istabbiliment tal-interoperabbiltà fost is-sistemi tal-IT Ewropej fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-eu-LISA ospitat laqgħat biex taqsam l-informazzjoni dwar is-CRRS futur. Fl-2018 ġew organizzati żewġ laqgħat fl-eu-LISA biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-aġenziji tal-ĠAI fir-rigward tas-CRRS. L-aġenziji esprimew il-ħtieġa tagħhom għal informazzjoni statistika għall-fini tal-prodotti analitiċi u tar-rapporti dwar it-tendenzi tagħhom. Kienet meħtieġa valutazzjoni konġunta biex jiġi ddeterminat kif l-eu-LISA tista' tassisti lil aġenziji oħra fir-rigward tal-prodotti analitiċi tagħhom, b'kunsiderazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u dik ġdida kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Intlaħaq qbil dwar pjanijiet ta' kooperazzjoni mifruxa fuq sentejn u dawn ġew iffirmati fuq bażi bilaterali mal-EASO, mas-CEPOL u mal-Frontex, għall-perjodu ta' bejn l-2017 u l-2018. Arranġament ta' Ħidma bejn l-eu-LISA u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) ġie ffinalizzat fl-2017, u ġie ffirmat fl-10 ta' Jannar 2018. L-ENISA kompliet tappoġġa lill-eu-LISA f'eżerċizzji ta' sigurtà fir-rigward tal-ippjanar u l-pjattaformi tekniċi, pereżempju matul l-eżerċizzju tas-SIS II.

Twettqu diversi proġetti li jinvolvu skambju regolari ta' informazzjoni ma' aġenziji sħab. Is-sit tekniku tal-eu-LISA fi Strasburgu pprovda s-servizz ta' backup għat-tagħmir tekniku tal-EASO, u l-Aġenzija appoġġat it-tħejjijiet tal-Frontex għat-tnedija fl-2019 tas-sit ta' backup tagħha fi Strasburgu.

L-eu-LISA ħadet sehem u kkontribwixxiet għan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE, filwaqt li attendiet l-laqgħat tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni u tal-Kapijiet tal-Aġenziji kif ukoll diversi subgruppi, primarjament in-Netwerk Legali Interaġenzjali, il-Kapijiet tan-Netwerk ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni, in-Netwerk ta' Prestazzjoni u ta' Żvilupp u l-Kumitat Konsultattiv dwar l-ICT.

L-aġenziji sħab ġew mistiedna għall-konferenza annwali tal-eu-LISA f'Ottubru 2018 f'Tallinn u għall-avvenimenti madwar mejda tal-industrija f'Mejju f'Sofija u f'Ottubru f'Tallinn.

**Sħubija mal-industrija**

L-industrija hija parti ikkonċernata ewlenija għall-Aġenzija, u tappoġġa l-ħidma tagħha fit-twettiq ta' soluzzjonijiet tekniċi ta' kwalità għolja. Barra minn hekk, il-monitoraġġ tal-isforzi tal-industrija fil-qasam tar-riċerka jirrappreżenta element importanti tal-isforzi ġenerali ta' monitoraġġ tar-riċerka fl-Aġenzija, skont ir-regolament ta' stabbiliment tagħha. L-isforzi biex dan il-grupp jiġi involut komplew fl-2018 bħal fis-snin preċedenti, filwaqt li l-prinċipji tal-komunità, tat-trasparenza u tal-kostruttività ggwidaw il-ħidma.

L-Aġenzija ospitat żewġ avvenimenti madwar mejda tal-industrija. L-ewwel wieħed iffoka fuq is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fil-fruntieri esterni tal-UE, inkluda diskussjoni sostanzjali ta' komunikazzjonijiet futuri ma' trasportaturi fil-kuntest tal-EES u l-ETIAS, u ġabar flimkien it-trasportaturi stess kif ukoll fornituri ta' soluzzjonijiet u rappreżentanti tal-Istati Membri. Dan ġie ospitat fis-16 ta' Mejju fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea f'Sofija, il-Bulgarija, b'appoġġ qawwi mill-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-UE. It-tieni avveniment eżamina teknoloġiji li jiffaċilitaw il-qsim tal-fruntieri fuq l-art u ġie organizzat f'Tallinn fit-18 ta' Ottubru, il-jum wara l-konferenza annwali tal-Aġenzija. Madwar 70 parteċipant kienu preżenti fl-ewwel laqgħa u kważi 100 fit-tieni laqgħa, li jirriflettu l-appoġġ qawwi tal-industrija għal tali avvenimenti b'mod ġenerali u l-ispirtu ta' kooperazzjoni kostruttiva mal-industrija li l-Aġenzija stabbilixxiet. L-avviżi tal-avvenimenti kollha jiġu ppubblikati minn qabel fuq is-sit web tal-Aġenzija u f'sommarji qosra li jsiru disponibbli wara dan, filwaqt li jiġi żgurat li l-partijiet kollha jkunu konxji mill-avvenimenti u l-informazzjoni kollha tiġi kondiviża b'mod ugwali.

Il-ħidma ta' monitoraġġ tar-riċerka hija msaħħa aktar bil-ħidma mwettqa fi sħubija mas-sħab tal-industrija fl-oqsma tar-riċerka u l-konsulenza li magħhom l-Aġenzija għandha kuntratti rilevanti. Billi tali partijiet jiġu involuti fuq bażi regolari fir-rigward ta' żviluppi fit-teknoloġija ta' rilevanza għall-Aġenzija, il-persunal jinżamm konxju bis-sħiħ tal-iżviluppi teknoloġiċi u jikkondividi tali għarfien internament u esternament.

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 4: "L-iżvilupp ta' organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġli"

**Ippjanar strateġiku u operazzjonali**

L-Aġenzija qed tagħmel sforzi sostanzjali biex iżżomm u ttejjeb il-proċessi ta' ppjanar u programmazzjoni tagħha, inkluż l-ippjanar strateġiku u l-programmazzjoni pluriennali u annwali. Hija kontinwament ittejjeb l-għodod tal-ippjanar tal-IT

korporattivi tagħha u tipprovdi taħriġ rilevanti. Bħala parti minn dawn l-isforzi, l-Aġenzija żviluppat u inkorporat fil-proċess tal-ippjanar tagħha l-evalwazzjoni *ex ante* tal-attivitajiet b'impatt sostanzjali, kif imsemmi fit-taqsima dwar l-EPMO hawn fuq.

Fil-bidu tal-2018, l-eu-LISA ppreżentat ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2017 tagħha, li rċieva opinjoni pożittiva mingħand l-AGs u li ġie adottat mill-MB f'Marzu. Matul is-sena, l-Aġenzija ppreżentat lill-MB rapport ta' implimentazzjoni biex tiżgura li dan ġie informat dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati għall-2018.

Fi Frar, l-Aġenzija organizzat sessjoni ta' taħriġ speċjalizzat dwar l-iżvilupp tal-każ ta' negozju biex issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tippjana proġetti u li tagħmilhom adatti għal evalwazzjoni *ex ante* bir-reqqa. Biex tappoġġja l-proċess tal-ippjanar, l-Aġenzija evolviet b'mod sinifikanti l-applikazzjoni sofistikata tal-ippjanar tagħha, li naqqset ulterjorment il-probabbiltà ta' żbalji tekniċi u tejbet il-kwalità.

Is-sena 2018 kienet ukoll l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul aġġornata tal-Aġenzija, li tkopri l-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2022. F'dan ir-rigward, ma saret l-ebda analiżi strateġika ġdida ħlief fir-rigward tal-istruttura organizzattiva, li wasslet biex tiġi adottata struttura ġdida għall-Aġenzija mill-Bord tat-Tmexxija.

Id-dokument ta' Programmazzjoni tal-eu-LISA ta' bejn l-2019 u l-2021 ġie ppreżentat lill-Bord ta' Tmexxija f'Novembru 2018 u ġie adottat f'Diċembru 2019. L-Aġenzija, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, ippreżentat b'suċċess l-ewwel abbozz tad-Dokument ta' Programmazzjoni tagħha ta' bejn l-2020 u l-2022 lill-Gruppi Konsultattivi f'Ottubru, u lill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2018, biex jirrieżaminawh. F'Diċembru 2018, l-AGs taw opinjoni pożittiva dwar id-dokument.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ ir-relazzjoni tagħha mal-Gruppi Konsultattivi, b'mod partikolari billi involviethom fl-aktar stadju bikri taċ-ċiklu ta' ppjanar tagħha, bl-għan li żżid l-effiċjenza tal-proċess tal-ippjanar u tutilizza kemm jista' jkun l-għarfien espert tekniku tal-gruppi.

**Evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija**

Il-qafas ta' governanza jiżgura li r-rekwiżiti statutorji u l-ħtiġijiet tan-negozju rilevanti jiġu ssodisfati u li l-Aġenzija taderixxi ma'governanza tajba, filwaqt li tipprattikaha u timplimentaha fl-azzjonijiet u fl-attivitajiet tagħha. Il-qafas ta' governanza tal-Aġenzija jinkludi diversi elementi: il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-ġestjoni tagħhom, ġestjoni tar-riskju korporattiv, ġestjoni tal-prestazzjoni tal-KPIs korporattivi, ġestjoni tal-kontroll intern u pariri legali. Jintuża proċess ta' rapportar u ppjanar iddedikat sabiex jappoġġja lill-Aġenzija u lill-partijiet ikkonċernati tagħha b'approċċ ċar u trasparenti biex jitwasslu r-riżultati tagħha.

Il-mudell ta' governanza, il-proċessi u l-proċeduri huma stabbiliti b'mod sod iżda aġli, abbażi tal-Katalogu tas-Servizzi tal-eu-LISA u dokumentazzjoni tal-proċess ta' livell aktar baxx. Dan jiżgura li l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati jiġu identifikati, evalwati u inkorporati aktar f'objettivi organizzattivi. Dan jipprovdi wkoll qafas għall-Aġenzija biex tibda attivitajiet u kompiti ġodda jew emendati għas-snin li ġejjin. Għal dan l-iskop, l-approċċ ta' governanza tal-Aġenzija se jinżamm u jiġi rfinut, jekk ikun meħtieġ, u sejiġu inkorporati gradwalment rekwiżiti ġodda sabiex itejbu l-kontribut kontinwu tiegħu, flimkien ma' valur miżjud, għall-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha.

Bħala kontinwazzjoni tal-eżerċizzju tal-ġestjoni tal-kwalità tal-2017, imwettaq bl-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-qafas komuni tal-valutazzjoni, l-eu-LISA implimentat l-miżuri miftiehma sabiex iżżomm u ttejjeb il-kwalità fil-proċessi u l-attivitajiet tagħha. F'April 2018, ġie ppreżentat pjan ta' titjib tal-kwalità lid-Direttur Eżekuttiv, li jagħti dettalji dwar l-azzjonijiet ta' titjib tal-kwalità ppjanati għall-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2019. Matul l-2018, intlaħqu diversi stadji importanti fil-pjan, li jgħinu biex tinkiseb organizzazzjoni b'anqas xkiel.

**Il-programm ta' trasformazzjoni tal-Aġenzija: eu-LISA 2.0**

Fl-2018, l-Aġenzija nediet programm ta' trasformazzjoni bil-għan li twassal struttura organizzattiva ġdida, li tkun adattata għall-mandat il-ġdid tal-eu-LISA. Dan il-programm, imsejjaħ eu-LISA 2.0, tfassal biex jiżgura li l-proġett ta' riorganizzazzjoni jkun miftuħ, trasparenti u jinvolvi lill-persunal tal-eu-LISA.

Il-programm tnieda wara l-valutazzjoni li l-Aġenzija se tiffaċċja sfida strateġika doppja fil-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2021 u lil hinn minnu. Minn naħa waħda, l-Aġenzija se jkollha bżonn tkompli twettaq l-operazzjonijiet ewlenin tagħha, filwaqt li, min-naħa l-oħra, se żżid b'mod sinifikanti l-kontribut tagħha lill-Istati Membri u lill-UE kollha kemm hi, permezz tal-implimentazzjoni ta' sistemi u servizzi ġodda.

L-Aġenzija għalhekk evalwat kif kienet organizzata f'dawn l-aħħar 5 snin biex tistabbilixxi l-pedament għas-suċċessi futuri tagħha. L-istruttura organizzattiva l-ġdida tfasslet biex tindirizza l-isfidi kollha identifikati. Se tintroduċi għadd ta' titjib, pereżempju biex ittejjeb l-allinjament tal-għarfien tan-negozju, tal-ippjanar u tal-istrateġija. Se jittejbu l-interfaċċi bejn id-diversi entitajiet u se titrawwem il-kollaborazzjoni bejn it-timijiet u l-unitajiet/id-dipartimenti. L-għadd ta' karigi ta' tmexxija (kap ta' unità/kap ta' settur) se jiżdied u l-Programm ta' Żvilupp ta' Tmexxija se jappoġġa l-effiċjenza u l-effettività.

Se jiżdiedu funzjonijiet ġodda biex jgħinu fl-iżvilupp ta' sinerġiji, bħal funzjoni tal-arkitettura, li se jappoġġjaw l-istrateġija għat-teknoloġija u se jfittxu soluzzjonijiet fis-sistemi kollha, kif ukoll funzjoni tal-ippjanar operazzjonali u funzjoni tal-ġestjoni tal-klijenti u tal-partijiet ikkonċernati.

L-istruttura organizzattiva l-ġdida hija ppjanata li tiġi introdotta minn Settembru 2019 u titlesta sal-2020.

**Ġestjoni finanzjarja**

L-Aġenzija żviluppat u saħħet kontinwament il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha biex tiżgura ġestjoni trasparenti u effettivi tar-riżorsi finanzjarji disponibbli tagħha. L-elementi meħtieġa għall-użu futur tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività ġew stabbiliti flimkien mal-monitoraġġ u mal-iżvilupp kontinwi tal-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tal-Aġenzija.

L-eu-LISA għamlet sforz ġdid biex tippjana għall-futur, speċjalment fl-oqsma tal-baġit u tal-akkwisti, u biex tilqa' l-bidla fil-proċessi tagħha: L-2018 rat bidla progressiva minn flussi tax-xogħol stampati għal elettroniċi — permezz tas-Sistema Avvanzata ta' Rekords madwar l-UE, jew ARES — għall-maġġoranza tal-proċessi fl-oqsma tal-finanzi, tal-baġit, tal-assi u tal-akkwist. L-Aġenzija introduċiet ukoll l-akkwist elettroniku. It-tfassil mill-ġdid tal-proċessi huwa fattur ewlieni biex jiġi żgurat is-suċċess kontinwu tal-Aġenzija, peress li qed isir ċar li l-kompiti l-ġodda u konsegwentement iż-żieda fil-volum tax-xogħol mhux dejjem se jirriżultaw f'żieda korrispondenti fil-persunal, speċjalment fir-rigward tal-funzjonijiet korporattivi.

**Akkwist**

L-attivitajiet tal-akkwist tal-Aġenzija ġew issimplifikati permezz tal-konsolidazzjoni u tat-tisħiħ ta' proċeduri finanzjarji u ta' akkwist, u l-abbozzar ta' proċeduri operattivi standard rilevanti għal aġenti inizjaturi operattivi, inklużi passi lejn l-introduzzjoni ta' għodod tal-akkwist elettroniku. L-appoġġ għall-ġestjoni tal-kuntratti rriżulta li kien partikolarment intens, speċjalment fir-rigward ta' kuntratti kumplessi bħal dawk li huma relatati mas-sistemi u fir-rigward tal-ħidma ta' segwitu marbuta mas-sit tekniku ta' Strasburgu.

**Ġestjoni tal-loġistika u l-faċilitajiet**

It-trasferiment tal-Aġenzija lejn il-bini l-ġdid tagħha f'Tallinn kien kisba kbira fl-2018. Qabel it-trasferiment innifsu, kien hemm ammont konsiderevoli ta' sforzi fl-operazzjonijiet loġistiċi u organizzattivi meħtieġa biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni uffiċjali biex jiġi okkupat il-bini ġdid f'Tallinn kif ukoll il-bini rinnovat fi Strasburgu.

Dawn l-għanijiet intlaħqu u l-Aġenzija mxiet fil-bini tal-kwariteri ġenerali ġodda tagħha f'Tallinn matul is-sajf tal-2018. Il-kuntratt għall-kostruzzjoni kien inizjalment iffirmat f'Marzu 2017, bejn Estonian State Real Estate Ltd u l-kumpanija tal-kostruzzjoni Fund Ehhitus. F'Lulju 2018, il-Ministeru Estonjan għall-Intern għadda l-bini lill-Aġenzija. Fid-19 ta' Settembru, l-eu-LISA ċċelebrat il-ftuħ tal-kwartieri ġenerali ġodda tagħha b'avveniment ta' inawgurazzjoni. Fil-festi, ħadu sehem rappreżentanti tal-korpi governattivi tal-eu-LISA, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji tal-UE u l-gvern Estonjan, kif ukoll il-persunal tal-eu-LISA.

Il-bini fih ċentru tad-*data* tal-IT korporattiv ġdid u mfassal mill-ġdid u sistema ta' ġestjoni tal-bini online. Barra minn hekk, twettqu attivitajiet biex jerġgħu jiġu stabbiliti s-servizzi korporattivi meħtieġa fiż-żewġ faċilitajiet ġodda, bħat-tindif, ir-rimi tal-iskart, il-provvisti u l-posta, u ġie ffirmat kuntratt qafas ġdid għall-forniment tal-għamara.

Fl-20 ta' Novembru 2018 ġew inawgurati wkoll faċilitajiet ġodda fis-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu. Fl-2013, eu-LISA rċeviet l-eks Centre du Système d'Information Schengen mill-gvern Franċiż u kompliet tmexxi s-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-Aġenzija minn hemmhekk. Wara l-għoti ta' kuntratt fl-2015, il-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid bdiet fil-bidu tal-2016. Il-persunal daħal fil-bini l-ġdid f'Awwissu 2017. Il-bini, li ngħadda lill-Aġenzija fl-2017, jipprovdi akkomodazzjoni għall-persunal u l-kuntratturi eżistenti tal-eu-LISA, inkluża faċilità ta' benesseri u ta' taħriġ. Barra minn hekk, l-għan ewlieni tal-bini mill-ġdid kien li jkun hemm faċilità ta' ċentru tad-*data* kompletament aġġornata, li eliminat punti uniċi ta' falliment u żiedet il-kapaċità tal-enerġija, tat-tkessiħ u tal-ventilazzjoni tal-infrastruttura tas-servizzi tal-IT biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti attwali u previsti tas-sistema tal-IT. Wara din ir-rinnovazzjoni, is-sit tekniku jista' jospita sa 185 persuna.

**Ġestjoni tal-IT korporattiva**

Minbarra ċ-ċentru tad-*data* l-ġdid tal-bini tal-kwartieri ġenerali, il-prijoritajiet ewlenin ulterjuri fl-2018 kienu l-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tan-netwerk korporattiv, is-sistema korporattiva u l-arkitettura tal-ħżin tal-Aġenzija, kif ukoll l-istabbiliment mill-ġdid u r-riabilitazzjoni tas-servizzi u tas-sistemi u l-applikazzjonijiet tal-IT korporattivi (eż. Microsoft SharePoint, Microsoft Project Server jew għodod iddedikati għall-ġestjoni tad-dokumenti u tal-HR).

L-attivitajiet ewlenin li twettqu fl-2018 kienu jinkludu l-akkwist ta' oġġetti ġodda taċ-ċentru tad-*data* tal-IT u r-rilokazzjoni taċ-ċentru tad-*data* tal-IT eżistenti, l-użu ta' telefonija fissa, l-installazzjoni ta' ridondanza proxy, l-immodernizzar tal-ġestjoni tal-identità, aġġornament fis-server tal-posta elettronika, it-tnedija tas-sistema l-ġdida għall-ġestjoni tar-rekords (ARES) u l-applikazzjoni l-ġdida ta' reklutaġġ elettroniku.

Minħabba l-użu tar-riżorsi prinċipalment għall-proġett biex jiġu rikolati l-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn, żewġ proġetti kbar għadhom għaddejjin u huma mistennija li jitlestew fl-2019. L-ewwel, it-titjib tas-swali tal-konferenzi f'Tallinn u fi Strasburgu b'tagħmir awdjoviżiv avvanzat se jiġi ffinalizzat sa tmiem l-2019. It-tieni, il-backup tal-ħżin awtomatizzat — li fir-rigward tiegħu, minbarra n-nuqqas ta' riżorsi, il-kumplessità tal-applikazzjoni ta' backup ġdida ma kinitx prevista — se jitlesta sa nofs l-2019.

**Riżorsi umani**

L-Aġenzija ffokat fuq li tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi umani disponibbli għaliha biex tilħaq l-għanijiet strateġiċi u l-pjanijiet operazzjonali tagħha. Il-prijoritajiet ewlenin kienu jinkludu t-tmiem tar-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali għall-EES u l-bidu tar-reklutaġġ għall-ETIAS, ir-riformulazzjoni tas-SIS u l-persunal addizzjonali previst fir-regolament il-ġdid tal-eu-LISA.

L-Aġenzija rrevediet l-implimentazzjoni tal-istrateġija HR tagħha u l-politika tagħha dwar iż-żamma tal-persunal u bdiet taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà li ġiet żviluppata fl-2017. Il-ħidma ta' tħejjija għall-akkwist tas-servizzi mediċi fil-bini tal-Aġenzija tnediet u għandha tiġi konkluża fl-2019.

L-eu-LISA kompliet tikkonsolida u ttejjeb il-proċessi u s-servizzi interni tagħha għar-reklutaġġ, l-iżvilupp tal-persunal, it-taħriġ, l-amministrazzjoni tal-persunal u l-pagi. Twettqu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod ġodda tal-IT tal-HR (eż. Allegro, Sysper, i-reed), u t-teħid ta' deċiżjonijiet immexxi mid-*data* ġie implimentat għat-tagħlim u l-iżvilupp.

L-eu-LISA saħħet aktar il-kultura ta' eċċellenza tagħha permezz ta' programmi ta' żvilupp tekniċi u mhux tekniċi mmirati għall-persunal.

Is-sitwazzjoni tal-persunal tal-Aġenzija fl-2018 hija ppreżentata fit-Taqsima 2.4, "Ġestjoni tar-riżorsi umani".

**Tisħiħ ulterjuri tal-komunikazzjoni esterna**

L-attivitajiet esterni ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-2018 iffokaw fuq tnejn mit-tliet oqsma ta' prijorità għolja tal-Aġenzija kif elenkati fid-Dokument ta' Programmazzjoni għall-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2020:

- it-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti
- l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda

Ġew segwiti b'attenzjoni l-prijoritajiet kollha tal-2018 għall-komunikazzjoni u l-informazzjoni esterni tal-eu-LISA u l-objettivi stabbiliti ntlaħqu bis-sħiħ:

1. li titqajjem sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini dwar **il-mandat u r-responsabbiltajiet estiżi tal-eu-LISA u l-uffiċji l-ġodda tagħha** (dawn tal-aħħar jinvolvu gruppi fil-mira magħżula);
2. li tiżdied il-viżibbiltà tal-Aġenzija fost il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini permezz ta' **sit web modernizzat u formati ġodda ta' komunikazzjoni multimedjali** (animazzjonijiet, infografika, prodotti ta' informazzjoni dwar il-viżwalizzazzjoni tad-*data*);
3. li l-**pubblikazzjonijiet korporattivi kollha ta' kwalità għolja** tal-eu-LISA jsiru disponibbli fil-ħin, f'konformità mar-rekwiżiti tar-reġim lingwistiku stabbilit.

Kompiti relatati maż-żamma ta' preżenza online regolari u attiva, filwaqt li jiġi pprovdut input ikkoordinat sew għal avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni organizzati taħt l-awspiċi tal-Presidenza Awstrijaka tal-UE u l-pubblikazzjoni fil-ħin ta' pubblikazzjonijiet korporattivi u ta' sensibilizzazzjoni ta' kwalità tajba lkoll twettqu b'suċċess. L-avvenimenti ewlenin tas-sena kienu l-konferenza "Il-Fruntieri tal-UE — Insiru aktar Intelliġenti permezz tat-Teknoloġija", li ġiet organizzata b'mod konġunt mill-eu-LISA u mill-Frontex taħt l-awspiċi tal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE; il-parteċipazzjoni attiva tal-eu-LISA fil-Kungress Ewropew tal-Pulizija 2018, li għalih attendew 1 500 espert minn 20 pajjiż; il-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Ewropew, bl-akbar ammont ta' viżitaturi li qatt ġie rreġistrat ta' 15 000; it-tnedija ta' sit web pubbliku tal-eu-LISA li ngħata dehra ġdida u li ġie mmodernizzat; u l-ħolqien ta' erba' vidjos informattivi li jispjegaw lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku ġenerali l-mandat tal-eu-LISA u s-sistemi tal-IT attwali u futuri taħt il-ġestjoni tagħha.

L-għodda ta' komunikazzjoni ewlenija tal-Aġenzija biex tipprovdi trasparenza — is-sit web — intużat biex tkompli ssaħħaħ il-viżibbiltà tal-ħidma u tal-kisbiet tagħna biex insaħħu l-involviment tal-pubbliku u nimmaniġġjaw b'mod proattiv ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, is-sit web tal-eu-LISA kellu aktar minn 100 000 viżitatur matul is-sena. Il-pjattaformi tal-midja soċjali ntużaw b'mod sistematiku biex jiġu enfasizzati attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, il-progress ta' proċessi leġiżlattivi relatati mas-sistemi tal-IT li l-Aġenzija timmaniġġja u l-korsijiet ta' taħriġ għall-Istati Membri, kif ukoll biex tiżdied il-viżibbiltà tal-proċessi tar-reklutaġġ u tal-akkwist tal-eu-LISA.

Bil-għan li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol u l-kompiti tal-eu-LISA, l-Aġenzija ħadet sehem b'suċċess f'inizjattivi konġunti tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE, bħall-wirja ta' ritratti tal-aġenziji tal-UE u l-manwal tal-aġenziji tal-UE.

**Komunikazzjoni interna**

Il-Komunikazzjoni interna kompliet tiffaċilita u tippromwovi l-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin tal-eu-LISA u biex iżżomm l-organizzazzjoni unifikata, irrispettivament mill-preżenza tal-persunal u l-faċilitajiet tal-Aġenzija f'diversi postijiet. Il-pjan ta' azzjoni annwali tal-komunikazzjoni interna twettaq fis-sħuħija tiegħu. Ir-riżultati tal-istħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-persunal juru rata ta' sodisfazzjon ta' 74 % (meta mqabbla ma' 67 % fl-2017), filwaqt li l-bullettin intern ta' kull ġimgħa huwa s-sors primarju ta' informazzjoni għal 91 % tal-impjegati. Ir-riżultati juru involviment akbar tal-persunal u aktar sensibilizzazzjoni rigward kwistjonijiet organizzattivi u operazzjonali. Sar titjib kontinwu fil-komunikazzjoni interna fost is-siti tal-Aġenzija permezz tal-eżekuzzjoni ta' firxa wiesgħa ta' sforzi ta' komunikazzjoni mmirati, it-titjib tad-dehra u tal-kwalità tal-prodotti ta' informazzjoni interni u l-użu tal-pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u permezz tal-koordinazzjoni ta' komunikazzjonijiet marbuta mar-rilokazzjoni fiżika fil-bini tas-sede l-ġdida u mal-estensjoni għas-sit tekniku. Tħejjew gallariji tar-ritratti u vidjos f'intervalli ta' żmien stabbiliti li juru l-proċess tal-bini, u l-avvenimenti ta' inawgurazzjoni fiż-żewġ binjiet ġew ippubbliċizzati wkoll internament. Dawn l-avvenimenti kienu ta' suċċess u ppermettew lill-partijiet ikkonċernati u lill-persunal tal-eu-LISA jissodisfaw u jsaħħu l-involviment professjonali tagħhom. Il-Komunikazzjoni bidirezzjonali mal-impjegati ssaħħet permezz ta' assembleji regolari tal-persunal fil-forma ta' diskussjonijiet wiċċ imb wiċċ mad-Direttur Eżekuttiv u briefings dwar il-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija u l-korpi ta' governanza tal-eu-LISA. B'kollox, ġew organizzati 20 sessjoni fil-perjodu ta' rapportar. L-istandards u l-linji gwida dwar il-komunikazzjoni interna nħolqu biex jiddeskrivu l-aħjar prattiki għall-komunikazzjoni korporattiva li għandhom jiġu segwiti fl-Aġenzija.

**Awditjar intern**

L-eu-LISA tuża l-funzjoni ta' awditjar tagħha bħala faċilitatur ewlieni għall-governanza, il-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli interni. Abbażi tal-pjan ta' awditjar intern annwali tiegħu, il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) ipprovdiet servizzi indipendenti, ta' assigurazzjoni oġġettiva u ta' konsulenza lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija, imfassla biex iżidu l-valur u jtejbu l-operazzjonijiet tal-eu-LISA. B'mod partikolari, l-Aġenzija, bl-appoġġ tal-IAC, wettqet l-attivitajiet li ġejjin:

- fasslet regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-membri tal-MB u tal-AG;
- irrevediet l-istrateġija kontra l-frodi għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2021 tal-eu-LISA;
- wettqet ħidma ta' tħejjija għall-qafas ta' kontroll intern rivedut;
- waqqfet il-Kumitat tal-Verifika, il-Konformità u l-Finanzi tal-BM;
- irċeviet impenn mill-maniġers tad-diversi oqsma fl-Aġenzija biex tittejjeb l-effikaċja tal-proċeduri ta' governanza u ta' kontroll fil-ġestjoni tal-assi tal-IT.

L-Aġenzija kompliet tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, billi tospita l-missjonijiet tal-awditjar tagħhom u tieħu miżuri biex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw, fejn meħtieġ. L-IAC ikkoordinat il-ħidma f'dan il-qasam, inkluż fir-rigward tat-tħejjija ta' rapporti, missjonijiet u attivitajiet ta' segwitu, u billi żgurat ukoll sensibilizzazzjoni ġenerali fost il-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija dwar il-prinċipji, l-għanijiet u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern.

L-IAC wettqet il-ħidma tagħha fil-qafas tal-Programm ta' Titjib u Garanzija tal-Kwalità tagħha, filwaqt li kompliet tikkonforma mal-istandards tal-awditjar[25] u l-Kodiċi tal-Etika.

[25] *L-istandards Internazzjonali għall-Prattika Professjonali tal-Awditjar Intern (Standards)* maħruġa mill-Istitut tal-Awdituri Interni (IIA).

# Parti II. (a) Maniġment

## 2.1 Bord tat-Tmexxija

Fl-2018, l-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni mill-qrib ħafna, trasparenti u kostruttiva tagħha mal-Bord tat-Tmexxija tagħha. Minbarra l-punti approvati mill-Bord skont il-funzjonijiet tiegħu kif iddefiniti fir-regolament ta' stabbiliment tagħha, l-Aġenzija ppreżentat lill-MB ir-riskji u l-kwistjonijiet sinifikanti kollha li ġew identifikati matul il-perjodu tar-rapportar.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija kompliet tipprovdi l-appoġġ amministrattiv tagħha lill-MB u lill-Gruppi Konsultattivi tat-tliet sistemi eżistenti kollha (il-Eurodac, is-SIS u l-VIS).

Fl-2018, l-Aġenzija bdiet tipprovdi appoġġ amministrattiv regolari kemm lill-PMS tal-EES kif ukoll lill-AG tal-EES. F'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament dwar l-EES, f'Jannar 2018 l-MB iddeċieda dwar il-mandat u l-kompożizzjoni tal-PMB tal-EES, li beda jiltaqa' f'Mejju 2018. Skont l-Artikolu 69 tal-istess regolament, l-AG tal-EES ġie stabbilit matul il-perjodu ta' rapportar u l-laqgħat ta' kull xahar tiegħu bdew f'Ġunju 2018.

L-Aġenzija bdiet tappoġġa wkoll il-ħidma tal-Kumitat tal-Awditjar, il-Konformità u l-Finanzi (ACFC) tal-MB. L-MB adotta deċiżjoni dwar il-mandat u l-kompożizzjoni tal-ACFC tal-MB f'Ġunju 2018. Ir-rwol tas-subgrupp huwa li jappoġġja u jagħti pariri lill-MB dwar kwistjonijiet relatati mal-awditjar u mal-finanzi.

Il-laqgħat tal-MB u tas-subgrupp tiegħu, tal-AGs u tal-PMB tal-EES kienu organizzati fil-ħin u b'mod effiċjenti matul il-perjodu ta' rapportar.

Permezz tal-laqgħat regolari tiegħu, l-MB ġie informat dwar l-istatus tas-sistemi eżistenti (il-Eurodac, il-VIS u s-SIS) u tat-tħejjijiet għas-sistemi l-ġodda (l-EES, l-ETIAS, l-interoperabbiltà). It-tħejjijiet għall-ħidma tal-PMB tal-ETIAS bdew f'konformità mal-Artikolu 73 tar-regolament dwar l-ETIAS. L-MB iddeċieda dwar il-mandat u l-kompożizzjoni tiegħu f'Novembru 2018. Matul il-perjodu ta' rapportar, l-MB iddeċieda wkoll dwar l-allokazzjonijiet baġitarji għall-attivitajiet ta' tħejjija għall-ETIAS, b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni antiċipati għall-2018 u l-2019.

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija, kull sena l-MB jadotta r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija (CAAR) għas-sena ta' qabel u d-Dokument ta' Programmazzjoni tiegħu għas-sena ta' wara. L-MB adotta s-CAAR 2017 waqt il-laqgħa tiegħu f'Marzu 2018 u d-Dokument ta' Programmazzjoni finali ta' bejn l-2019 u l-2021 kif ukoll ir-rapport finali tad-dħul u n-nefqa għall-2019 f'Diċembru 2018. Dan tal-aħħar kien inizjalment ippjanat li jiġi adottat f'Novembru 2018, iżda l-MB iddeċieda li jipposponih, bil-ħsieb li jistenna l-adozzjoni tal-baġit tal-Unjoni, li finalment ġie adottat fit-12 ta' Diċembru 2018.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija żammet lill-MB regolarment informat dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2018. L-MB adotta l-baġit emendatorju fi Q4 tal-2018. L-MB ifforma l-opinjoni tiegħu dwar il-kontijiet finali għall-2017 fi Q2 tal-2018. L-Aġenzija ppreżentat ukoll lill-MB il-pjanijiet tagħha relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027.

Bħala eżerċizzju annwali u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-IAC tal-Aġenzija, l-MB analizza r-rapport ta' progress dwar il-pjan ta' awditjar Intern għall-2018 u esprima l-apprezzament tiegħu għall-approċċ konsistenti tal-Aġenzija rigward il-forniment ta' assigurazzjoni fuq bażi regolari. F'dan ir-rigward ukoll, l-MB adotta l-pjan ta' awditjar intern tal-eu-LISA għall-2019.

Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija fl-2016 ġew segwiti skont il-pjan ta' azzjoni adottat mill-MB f'Marzu 2017, u d-Direttur Eżekuttiv ipprovda aġġornamenti regolari matul il-laqgħat tal-MB fl-2018.

Fil-Q1 tal-2018, l-MB ħa nota tal-attivitajiet ta' taħriġ li ngħataw fl-2017 u tal-pjan ta' taħriġ għall-2018. Fil-Q2 tal-2018, l-MB adotta l-istrateġija ta' taħriġ tal-eu-LISA għall-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2022.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-MB adotta l-lista ta' awtoritajiet maħtura li għandhom aċċess għad-*data* rreġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac; il-lista tas-SIS II tal-awtoritajiet (l-uffiċċji nazzjonali s-SIS II (N.SS II) u l-bureaux SIRENE); ir-rapport tal-2017 dwar l-eżerċizzju ta' sigurtà tal-VIS li jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri fir-rigward ta' implimentazzjoni ulterjuri; ir-rapporti tekniċi tal-VIS skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament dwar il-VIS u l-Artikolu 17(3) tad-deċiżjoni dwar il-VIS; u r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-2017 tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inklużi l-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha, skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

B'antiċipazzjoni taż-żieda fil-kompiti tal-eu-LISA fir-rigward tal-mandat il-ġdid u li jirriżultaw mis-sistemi l-ġodda, l-Aġenzija ħadmet fuq it-tħejjija ta' proġett ta' bini għat-tieni estensjoni tas-sit ta' Strasburgu u pprovdiet rapporti regolari dwar l-istatus lill-MB. Barra minn hekk, l-MB adotta l-istruttura organizzattiva l-ġdida tal-Aġenzija. Id-Direttur Eżekuttiv kien ipprovda aġġornamenti regolari dwar il-progress tat-tħejjija tiegħu matul il-laqgħat tal-MB fl-2018. F'Novembru, l-MB adotta wkoll ir-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-Bord ta' Tmexxija u għall-Gruppi Konsultattivi, li kien miftiehem li jidħlu fis-seħħ wara l-adozzjoni tar-regolament ta' stabbiliment il-ġdid tal-Aġenzija.

Fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, f'Diċembru 2018, l-MB iddeċieda li jiddelega setgħat ta' awtorità tal-ħatra f'diversi materji relatati mal-persunal lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA. L-MB adotta wkoll regoli ta' implimentazzjoni ġodda dwar il-Kumitat tal-Persunal, dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u sesswali, dwar il-funzjoni ta' konsulent, dwar postijiet ta' impjieg temporanji sa karigi ta' maniġment intermedju u dwar l-esklużjoni mir-regola ta' "7 snin" tal-Kummissjoni (din l-aħħar regola ta' implimentazzjoni ġiet adottata f'Diċembru 2018). F'Ġunju 2018, l-MB adotta wkoll linji gwida dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta. Matul l-2018, l-Aġenzija żammet lill-MB informat dwar l-istatus tal-persunal u tal-baġit tal-Aġenzija.

## 2.2 Żviluppi ewlenin

### Żviluppi esterni

B'reazzjoni għat-theddid u l-isfidi għas-sigurtà interna, l-UE kompliet tisħaq b'mod partikolari fuq il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni (inkluża l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin), il-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità fl-2018. Dawn it-theddidiet għandhom impatt partikolarment għoli, qed isiru dejjem aktar internazzjonali u qed isiru ta' natura dejjem aktar transfruntiera. Għalhekk, dawn jirrikjedu reazzjoni effettiva u kkoordinata fil-livell Ewropew. Fil-kuntest tal-għadd li qiegħed jiżdied ta' sfidi ġodda għas-sigurtà, l-UE, bħala parti minn dinja globalizzata u interkonnessa, għandha tibqa' miftuħa u tħaddan rispett sħiħ għal-libertajiet fundamentali, filwaqt li tiggarantixxi livell adegwat ta' sigurtà għall-persuni li jgħixu fl-Ewropa.

L-għanijiet li jiġu assigurati l-fruntieri esterni, li l-qsim tal-fruntieri jsir aktar effiċjenti u li tiġi assigurata applikazzjoni aħjar tar-regoli komuni dwar l-asil Ewropew, kif ippreżentati fl-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni,[26] baqgħu essenzjali. Għalkemm il-wasliet minn pajjiżi terzi fl-2018 kienu fl-aktar livell baxx mindu bdiet il-kriżi tal-migrazzjoni, il-pressjoni tal-migrazzjoni strutturali baqgħet b'saħħitha. Kif ġie ddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha: progress skont l-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni",[27] " għandna tieqa ta' opportunità biex nirranġaw id-dgħufijiet, u nibnu sistema li tista' tiflaħ għal kriżijiet futuri. Dan ifisser bidla minn reazzjonijiet ad hoc għal soluzzjonijiet dejjiema."

Barra minn hekk, it-theddida tal-kriminalità organizzata u transfruntiera kienet prevalenti, li ġiet identifikata flimkien mat-terroriżmu mill-aġenda Ewropea dwar is-sigurtà[28] u mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' sigurtà Interna mġedda għall-perjodu bejn l-2015 u l-2020.[29] Permezz tal-attivitajiet tagħha u tal-involviment u l-kollaborazzjoni estensivi tagħha mal-partijiet ikkonċernati matul is-sena u, b'mod partikolari, bħala riżultat tal-ġestjoni tagħha ta' għodod ta' kwalità għolja għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni, l-eu-LISA tat kontributi importanti għall-isforzi tal-Ewropa sabiex tilqa' għall-isfidi kollha msemmija hawn fuq u biex tindirizza t-theddidiet kollha deskritti hawn fuq b'mod armonizzat u komprensiv. Billi ssegwi l-prijoritajiet u l-għanijiet ġenerali tad-dokumenti ta' politika ta' livell għoli, l-Aġenzija żgurat ukoll li kien hemm kontinwità tal-attivitajiet fuq bażi ta' sena wara l-oħra.

Fl-istess ħin, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'dawn l-aħħar ftit snin kien għaddej minn trasformazzjoni kontinwa u sinifikanti. Filwaqt li — bħala konsegwenza ta', pereżempju, il-migrazzjoni irregolari u t-theddid terroristiku — il-pressjoni fuq politiki effettivi żdiedet b'mod sinifikanti, is-soluzzjonijiet saru jiddependu ħafna fuq teknoloġiji moderni u kondiviżjoni ta' informazzjoni effiċjenti. Barra minn hekk, hemm proċess ta' konverġenza mgħaġġla ħafna bejn il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-infurzar tal-liġi, li jżid id-domandi u l-aspettattivi fir-rigward tat-teknoloġiji u s-sistemi kemm attwalment kif ukoll fil-futur.

F'dan l-ambjent impenjattiv u esiġenti, ir-rwol tal-eu-LISA fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja qed isir dejjem aktar prominenti, bit-talbiet kummerċjali fuq l-Aġenzija jiġu estiżi kontinwament sabiex jiġu akkomodati kompiti ġodda u addizzjonali. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tiżgura l-iżvilupp u l-adattament stabbli tas-sistemi li topera u ta' kwalunkwe sistema ġdida fdata lilha fi ħdan il-qafas legali, sabiex issostni b'mod effiċjenti u effettiv il-ħtiġijiet tan-negozju tal-partijiet ikkonċernati u tal-utenti aħħarin tagħha.

F'dan l-ambjent li qed jinbidel, l-eu-LISA, bħala parti ikkonċernata ewlenija fil-qasam tal-ĠAI, kompliet ukoll twettaq il-missjoni ewlenija tagħha fl-2018, jiġifieri li kontinwament iżżid il-valur u tappoġġja t-twettiq tal-prijoritajiet tal-Istati

[26] COM (2015) 240 final tat-13.5.2015, "Aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni".
[27] COM (2018) 798 final tal-4.12.2018, "Il-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha: progress skont l-aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni".
[28] COM(2015) 185 final tat-28.4.2015,"L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà".
[29] Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015–2020, Kunsill tal-UE, 9798/15, 10.6.2015.

Membri fil-qasam tas-sigurtà interna. Barra minn hekk, L-Aġenzija kompliet tiżgura operazzjonijiet mhux interrotti u s-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistemi fdati lilha.

Il-prijoritajiet politiċi fil-qasam tal-ĠAI rriżultaw f'għadd ta' inizjattivi u ta' azzjonijiet prattiċi, li jindirizzaw diversi dimensjonijiet tal-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Dawn il-prijoritajiet huma riflessi wkoll fl-attivitajiet annwali u fit-tul tal-eu-LISA. Fl-istess ħin, hemm rikonoxximent li qed jikber fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-importanza kruċjali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u fuq il-ħtieġa ta' skambju ta' informazzjoni fi ħdan il-qasam tal-ĠAI, speċjlament fid-dawl tal-isfidi u tat-theddidiet il-ġodda. Fl-2018, inkiseb progress sinifikanti f'għadd ta' prijoritajiet leġiżlattivi, li jindirizzaw u jwasslu għal konverġenza bejn id-dimensjonijiet differenti tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni.

Fl-11 ta' Diċembru 2018, daħal fis-seħħ ir-regolament ta' stabbiliment ġdid tal-eu-LISA. Bil-mandat imsaħħaħ, l-Aġenzija issa għandha kapaċità aħjar biex tiżviluppa u ttejjeb is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-migrazzjoni u l-asil u biex tiżgura l-interoperabbiltà bejn dawn is-sistemi. Il-mandat il-ġdid jinkariga lill-eu-LISA bl-istabbiliment ta' diversi sistemi tal-IT fuq skala kbira u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija, filwaqt li jagħtiha rwol akbar fir-riċerka, l-assigurazzjoni tal-kwalità tad-*data* fis-sistemi tal-IT, u l-proġetti pilota, il-prova tal-kunċett u l-attivitajiet ta' ttestjar. Dan se jġib opportunitajiet ġodda biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni, jingħata parir proattiv, u jiġu pprovduti appoġġ u assistenza addizzjonali lill-Kummissjoni Ewropea u aġenziji oħra tal-ĠAI, kif ukoll appoġġ ad hoc lill-Istati Membri. Ir-Regolament il-ġdid jipprovdi wkoll bażi ġuridika għal kooperazzjoni formali possibbli mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għajr il-Kummissjoni, l-aġenziji tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Interpol jew l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru, permezz tal-konklużjoni tal-arranġamenti tax-xogħol.

Fid-9 ta' Ottubru 2018, daħal fis-seħħ ir-Regolament dwar l-ETIAS, u dan wassal biex l-eu-LISA tkun responsabbli għall-iżvilupp u għall-ġestjoni teknika tas-sistema l-ġdida. Bħal kif għamlet fir-rigward tal-EES, l-Aġenzija nediet it-tħejjijiet għall-ETIAS fi tliet flussi ta' xogħol: l-ewwel, ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali; it-tieni, it-tħejjija ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-offerti u għall-proċedura tal-offerti; u, it-tielet, l-għoti ta' appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea fit-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni u delegati meħtieġa.

Tliet regolamenti ġodda li għandhom l-għan li jsaħħu s-SIS ġew adottati wkoll fl-2018 u daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Diċembru 2018, filwaqt li stabbilixxew rekwiżiti biex jiġu implimentati d-diversi dispożizzjonijiet fi żmien sena, sentejn jew tliet snin mid-dħul fis-seħħ tal-atti legali inkwistjoni. Fl-2018, l- eu-LISA implimentat l-AFIS tas-SIS, u introduċiet kapaċità ta' tiftix bijometriku li tippermetti l-identifikazzjoni ta' persuni ta' interess abbażi tal-marki tas-swaba'. Tnax-il Stat Membru (sal-aħħar tal-2018) diġà setgħu jwettqu ftittxijiet bijometriċi; mill-aħħar tal-2020, se jkun obbligatorju għall-Istati Membri kollha li jkunu jistgħu jwettqu tfittxijiet ta' marki tas-swaba' fis-SIS. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkun qed taħdem lejn l-interoperabbiltà, peress li l-qafas legali aġġornat tas-SIS huwa mmirat biex jiżgura l-interoperabbiltà sħiħa tas-SIS ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira oħra għall-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà mħaddma mill-Aġenzija.

Id-diskussjonijiet dwar il-proposta għal regolament dwar l-ECRIS-TCN komplew matul l-2018. Ir-Regolament, li daħal fis-seħħ fl-11 ta' Ġunju 2019, jistipula r-rekwiżit li tinħoloq sistema ċentralizzata u jispeċifika d-*data* li għandha tiġi inkluża, għal liema skopijiet għandha tiġi inkluża u d-drittijiet tal-aċċess. L-eu-LISA hija responsabbli għall-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistema.

L-Aġenzija segwiet ukoll mill-qrib u, meta ntalbet, tat kontribut għad-diskussjonijiet dwar il-proposti leġiżlattivi għal regolamenti li jistabbilixxu qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fl-oqsma ta' (i) il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni, u (ii) il-fruntieri u l-viżi. L-interoperabbiltà u l-komponenti tekniċi meħtieġa (jiġifieri r-Repożitorju Komuni ta' informazzjoni dwar l-Identità, il-Portal Ewropew tat-Tfittxija, is-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku u r-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika) għandhom jiġu żviluppati mill-Aġenzija. L-eu-LISA kienet qed tikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni u kienet qed tipprovdi l-għarfien espert tekniku tagħha dwar l-ippjanar indikattiv għall-implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà u dwar l-analiżi tal-interdipendenzi. L-Aġenzija ppubblikat l-istudju tagħha dwar is-Servizz kondiviż ta'

Tqabbil Bijometriku u appoġġat lill-Kummissjoni fl-istudji tagħha dwar il-Portal Ewropew tat-Tfittxija u r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità.

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament li jemenda l-VIS billi introduċiet, inter alia, kapaċità ta' tiftix bl-immaġni tal-wiċċ u l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza. Għaddejja ħidma fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill dwar il-proposta leġiżlattiva li tikkonċerna t-tisħiħ tal-qafas legali attwali. Minħabba l-interdipendenzi bejn il-VIS u l-EES, fl-2018 l-eu-LISA bdiet it-tħejjijiet biex tistabbilixxi pjan direzzjonali dwar l-interoperabbiltà tal-VIS.

Il-proposta tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-Eurodac (permezz ta' riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac), li tressqet f'Mejju 2016 bħala parti mir-riforma tas-sistema Ewropea tal-ażil, għandha tespandi l-mandat tal-Eurodac billi tinkludi l-identifikazzjoni mhux biss tal-applikanti għall-ażil iżda anke taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment u dawk li jidħlu fl-UE b'mod irregolari, u billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Eurodac biex, fost l-oħrajn, tirrifletti l-bidliet fil-mekkaniżmu ta' Dublin, tintroduċi *data* alfanumerika, tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u tassisti fil-proċeduri ta' risistemazzjoni. Għalkemm in-negozjati interistituzzjonali diġà ilhom għaddejjin għal diversi snin u kemm il-Kummissjoni kif ukoll diversi Presidenzi tal-Kunsill enfasizzaw il-benefiċċji tal-adozzjoni ta' din il-proposta, l-adozzjoni tar-regolament riformulat għadha pendenti.

**Żviluppi organizzattivi ewlenin**

Fl-2018, l-Aġenzija kompliet tikber b'pass mgħaġġel. L-iżvilupp ta' sistemi ġodda u l-evoluzzjoni ta' sistemi eżistenti kienu jirrikjedu fluss kostanti ta' riżorsi umani addizzjonali: ġew ippubblikati 26 post battal estern fl-2018, u huwa ppjanat li l-għadd ta' persunal se jkun kważi d-doppju bejn il-bidu tal-2018 u tmiem l-2020.

Għalhekk, ġiet ippreżentata proposta għal struttura organizzattiva ġdida tal-Aġenzija u din ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2018. Sussegwentement tnieda l-programm ta' trasformazzjoni tal-eu-LISA 2.0 biex tiġi implimentata l-istruttura l-ġdida. Dan il-programm tfassal biex ikun miftuħ u trasparenti u biex jinvolvi lill-persunal tal-eu-LISA. L-istruttura organizzattiva l-ġdida tfasslet biex tindirizza l-isfidi kollha li l-Aġenzija se tiffaċċja fis-snin li ġejjin. Din se tintroduċi diversi titjib, se ttejjeb l-għarfien tan-negozju u l-allinjament tal-istrateġija u se trawwem kollaborazzjoni bejn id-diversi timijiet u unitajiet. Inħolqu funzjonijiet u pożizzjonijiet ġodda, biex jiġu segwiti gwadanji fl-effiċjenza u jingħata appoġġ lill-istrateġiji tal-Aġenzija. L-istruttura l-ġdida hija ppjanata li tiġi implimentata minn Settembru 2019.

Matul is-sajf tal-2018, l-Aġenzija daħlet fil-bini l-ġdid tagħha f'Tallinn. Il-kwatieri ġenerali ġodda ta' Tallinn huma ambjent tax-xogħol modern ħafna, f'bini intelliġenti u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. L-avveniment ta' inawgurazzjoni sar fit-19 ta' Settembru, bl-introduzzjoni uffiċjali tal-bini ġdid tal-eu-LISA lill-partijiet ikkonċernati kollha. Il-bini jinkludi wkoll ċentru tad-*data* tal-IT korporattiva. F'Novembru 2018, ġew inawgurati wkoll faċilitajiet ġodda fis-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu, wara t-tmiem tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-parti teknika tal-proġett ta' rikostruzzjoni.

## 2.3 Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

### Ġestjoni finanzjarja

Il-baġit tal-eu-LISA huwa ffinanzjat minn sorsi ta' finanzjament differenti.[30] Id-dħul ewlieni jirriżulta minn sussidju tal-UE, li jasal fuq bażi annwali mill-baġit tal-UE — taqsima tal-Kummissjoni, Kapitolu 18 02 "Sigurtà Interna" — kif adottat mill-awtorità baġitarja, jiġifieri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.[31] Jaslu kontribuzzjonijiet ulterjuri minn pajjiżi assoċjati.

Bħala parti mill-qafas tar-rapportar annwali tagħha, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha, li jistgħu jgħinu biex jiġu mifhuma l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom l-Aġenzija kienet kapaċi timmaniġġa l-infiq tagħha matul il-perjodu ta' rapportar.

### L-implimentazzjoni tal-baġit

Ir-rapport finali tad-dħul u n-nefqa tal-2018 ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija[32] tal-eu-LISA fl-5 ta' Ottubru 2017.

Fl-2018, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 202.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 93.7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mis-sussidju tal-UE.

L-Aġenzija kellha rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit tagħha fl-aħħar tal-2018:

- 99.5 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, b'kunsiderazzjoni tar-riport mhux awtomatiku tal-approprjazzjonijiet tal-impenn awtorizzati mill-Bord ta' Tmexxija fi Frar 2019, kif miġbur fil-qosor fit-Tabella 1.
- 100 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2019.

**Tabella 1: Approprjazzjonijiet ta' impenn**

| Implimentazzjoni tal-baġit 2018 mill-31.12.2018 | | | Implimentazzjoni tal-baġit b'riport permezz ta' deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|
| Baġit finali adottat tal-2018 (miljuni ta' EUR) | Impenji eżegwiti (miljuni ta' EUR) | Implimentati (%) | Riport mhux awtomatiku (miljuni ta' EUR) | Implimentati b'kunsiderazzjoni ta' riport mhux awtomatiku (%) |
| **202.1** | **152.1** | **75.2** | **49.2** | **99.5** |

Mill-baġit totali, proporzjon sinifikanti kien soġġett għall-adozzjoni ta' bażi ġuridika għal kompiti ġodda assenjati lill-Aġenzija, kif indikat fit-Tabella 2.

---

30 Fl-2018, ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 kien għadu fis-seħħ sal-11 ta' Diċembru 2018 u l-Artikolu 32(1) tiegħu kien japplika. Wara dik id-data, beda japplika r-Regolament (UE) 2018/1726.

31 Ara l-Artikolu 45(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726. Dan is-sussidju jirreferi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament C1 (krediti vvutati tas-sena finanzjarja attwali).

32 F'konformità mal-Artikolu 32(10) tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

**Tabella 2: Approprjazzjonijiet ta' impenn għal kompiti ġodda**

| Kompiti ġodda soġġetti għal bażijiet ġuridiċi ġodda[a] | Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR) |
|---|---|
| LFS[b] dwar ir-riformulazzjoni tal-Eurodac | 12.1 |
| LFS dwar l-allokazzjoni ta' Dublin | 1.0 |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri | 13.1 |
| LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn | 2.6 |
| LFS dwar l-ETIAS | 26.8 |
| **Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida** | **55.6** |

[a] L-ammonti jinkludu l-infiq amministrattiv, li għandu jiġi allokat f'konformità man-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, "nefqa tal-persunal", u fit-Titolu 2, "nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat".

[b] LFS: Dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

***Baġit emendatorju Nru 1***

Il-baġit tal-Aġenzija għall-2018 kien jinkludi approprjazzjonijiet kif ġej:

a) Għall-iżvilupp tal-EES u tal-ETIAS: il-bażi ġuridika ġiet adottata iżda l-baġit ma kienx meħtieġ fl-2018, peress li l-akkwisti kienu għadhom għaddejjin jew kienu fil-proċess ta' tħejjija.

b) Għall-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti (il-Eurodac, l-allokazzjoni ta' Dublin, is-SIS): l-użu tal-baġit kien jiddependi fuq l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-bażijiet ġuridiċi rilevanti.

Barra min dan,

c) il-baġit inizjali għall-2018 ma kienx jirrifletti t-trasferiment tal-baġit għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS, li ngħatat mid-DĠ HOME lill-Aġenzija fit-30 ta' Ġunju 2018, wara l-adozzjoni tar-regolament dwar l-EES.

Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Bord ta' Tmexxija approva emenda waħda għall-baġit li tindirizza l-kwistjonijiet enfasizzati hawn fuq billi:

- jiġu ritornati EUR 74.3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, li inizjalment inkitbu fil-baġit tal-Aġenzija għall-kompiti l-ġodda abbażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji legali għar-riformulazzjoni tal-Eurodac, l-allokazzjoni ta' Dublin, ir-riformulazzjonijiet tas-SIS u l-EES, u li jirriżultaw mill-adozzjoni tardiva jew pendenti tal-bażijiet ġuridiċi;
- jiġu rċevuti EUR 1.5 miljun addizzjonali f'approprjazzjonijiet ta' impenn, minħabba t-trasferiment tan-netwerk VIS wara l-adozzjoni tar-regolament dwar l-EES f'Diċembru 2017, li jikkumpensaw għall-effett tar-ritorn tal-approprjazzjonijiet ta' impenn taħt it-Titolu 1, in-nefqa fuq il-persunal, u Titolu 2, in-nefqa fuq l-infrastruttura u fuq l-operat, minħabba l-adozzjoni tardiva jew pendenti tal-bażijiet ġuridiċi għar-riformulazzjoni tal-Eurodac, l-allokazzjoni ta' Dublin, ir-riformulazzjonijiet tas-SIS, u l-ETIAS.

It-Tabella 3 tipprovdi analiżi dettaljata tal-baġit emendatorju skont it-titolu baġitarju.

### Tabella 3: Tqassim tal-baġit emendatorju għall-2018

| Titolu tal-baġit | Sistema/kompitu | | Baġit emendatorju (f'miljuni ta' EUR): Approprjazzjonijiet ta' impenn | Baġit emendatorju (f'miljuni ta' EUR): Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|---|
| A01 | **Nefqa fuq il-persunal** | | **-2.2** | **-2.2** |
| | *li minnha* | *ETIAS* | *-1.6* | *-1.6* |
| | | *Riformulazzjoni tal-Eurodac* | *-0.3* | *-0.3* |
| | | *Riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri* | *-0.2* | *-0.2* |
| | | *Riformulazzjoni tas-SIS dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn* | *-0.1* | *-0.1* |
| A02 | **Nefqa operattiva u infrastrutturali** | | **-1.7** | **-1.7** |
| | *li minnha* | *ETIAS* | *-1.7* | *-1.7* |
| B03 | **Nefqa operattiva** | | **5.3** | **-70.5** |
| | *li minnha* | *Trasferiment tan-netwerk VIS (approprjazzjonijiet C1)* | *5.3* | *3.8* |
| | | *Riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri* | | *-2.5* |
| | | *Riformulazzjoni tas-SIS dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn* | | *-1.0* |
| | | *Riformulazzjoni tal-Eurodac* | | *-8.3* |
| | | *Allokazzjoni ta' Dublin* | | *-1.0* |
| | | *EES* | | *-38.0* |
| | | *ETIAS* | | *-23.5* |
| | | **Baġit emendatorju totali għall-2018** | **1.5** | **-74.3** |

#### *Riport permezz ta' deċiżjoni*

L-adozzjoni tardiva tal-proposti legali għall-ETIAS u r-riformulazzjonijiet tas-SIS fl-aħħar trimestru tal-2018 u l-adozzjoni pendenti tar-riformulazzjoni tal-Eurodac u l-allokazzjoni ta' Dublin ippermettew lill-Aġenzija tittrasferixxi aktar minn EUR 49.2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-2018 għall-2019 permezz ta' deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiġu ppreservati dawn il-fondi bil-għan li jintużaw fis-snin ta' wara (Tabella 4).[33]

### Tabella 4: Tqassim tar-riporti tal-2018

| Titolu tal-baġit | Sistema/kompitu | Riport mhux awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2018 (f'miljuni ta' EUR) |
|---|---|---|
| B03, nefqa operattiva | Allokazzjoni ta' Dublin | 1.0 |
| | ETIAS | 20.9 |
| | Riformulazzjoni tal-Eurodac | 11.9 |
| | Riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri | 12.9 |
| | Riformulazzjoni tas-SIS dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn | 2.5 |
| **Total** | | **49.2** |

33 F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-regolament finanzjarju tal-Aġenzija.

### Eżekuzzjoni tal-approprjazzjoni ta' impenn

Il-krediti ta' impenn (C1) ivvutati għall-2018 kienu maqsuma fost it-titoli differenti kif ġej:

- 85.7 % għall-baġit operattiv (Titolu 3);
- 5.5 % għan-nefqa infrastrutturali u operattiva (Titolu 2);
- 8.8 % għan-nefqa fuq il-persunal (Titolu 1).

Il-figuri 5 u 6 juru l-implimentazzjoni tal-baġit skont it-titolu fi tmiem is-sena.




Figura 5: Konsum tal-impenji C1




Figura 6: Xejriet fil-konsum tal-fondi impenjati u bbaġitjati

Fir-rigward tat-Titolu 3, minħabba n-natura pluriennali tal-kuntratti użati b'appoġġ għal operazzjonijiet fundamentali, EUR 117.2 miljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn miftuħa tal-2018 ġew awtomatikament riportati u se jitħallsu fl-2019 u fis-snin li ġejjin. EUR 49.2 miljun f' approprjazzjonijiet ta' impenn relatati ma' kompiti ġodda ġew riportati permezz ta' deċiżjoni. Għal tqassim iddettaljat, ara Anness II.

Mill-baġit operattiv, ġie implimentat 99.5 %, li jammonta għal EUR 173.2 miljun. Il-figura 7 turi t-tqassim tal-baġit operattiv skont il-kapitolu.




Figura 7: Titolu 3: approprjazzjonijiet ta' impenn eżegwiti (miljuni ta' EUR)

## Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-baġit totali vvutat għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kien jammonta għal EUR 93.6 miljun, li minnhom EUR 3.8 miljun ġew riċevuti għal approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2018 relatati mat-trasferiment tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-eu-LISA.

Fi tmiem l-2018, l-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 laħqet il-100 %, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2019. Il-figuri 8 u 9 juru t-tqassim tal-baġit totali skont it-titolu u l-konsum ġenerali tal-krediti ta' pagament matul is-sena 2018.




Figura 8: Xejriet fil-konsum tal-fondi mħallsa u bbaġitjati




Figura 9: Konsum tal-approprjazzjonijiet ta' pagament C1

Barra minn hekk, ġew eżegwiti 84.1 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2017 sal-2018 f'nefqa amministrattiva.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 1 (nefqa fuq il-pesunal)[34] li jammontaw għal EUR 0.4 miljun u fit-Titolu 2 (nefqa għall-infrastruttura u nefqa operazzjonali) li jammontaw għal EUR 5.1 miljun, li għadhom ma ġewx ikkunsmati permezz ta' pagamenti fl-2018 u li għalihom jeżisti impenn legali validu, għandhom jiġu riportati għall-2019, flimkien mal-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti.

Fi ħdan it-Titolu 3, l-akbar sehem ta' approprjazzjonijiet ta' pagament intefaq għal VIS/BMS. Il-figura 10 turi t-tqassim tal-krediti ta' pagament eżegwiti għall-baġit operattiv.




Figura 10: Titolu 3: approprjazzjonijiet ta' pagament eżegwiti (miljuni ta' EUR)

34 L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mar-remunerazzjonijiet mhumiex riportati.

### Indikatur tal-prestazzjoni: żmien għall-ħlas

B'kollox twettqu 2 670 tranżazzjoni ta' pagament fl-2018, li minnhom:

- 2 477 tranżazzjoni kellhom żmien massimu ta' pagament ta' 30 jum, b'medja ta' żmien għall-ħlas ta' 17.3 jiem;
- 182 kellhom żmien massimu ta' pagament ta' 60 jum, bi żmien medju għall-ħlas ta' 42.4 ijiem;
- 11 kellhom żmien massimu ta' pagament ta' 45 jum.

B'mod ġenerali, 91.1 % tat-tranżazzjonijiet kollha saru fi ħdan il-limitu ta' żmien kuntrattwali.

### Proċeduri ta' akkwist

*Analiżi tal-volum tal-attivitajiet fil-qasam tal-akkwist*

It-tabella 5 u l-Figura 11 jippreżentaw ir-riżultati ta' analiżi sinottika tal-volum imwettqa billi jiġi eżaminat l-għadd ta' tranżazzjonijiet (jiġifieri kuntratti) fil-perjodu bejn l-2014 u l-2018 L-analiżi tal-volum tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-funzjonijiet tal-akkwist fl-Aġenzija kollha.

**Tabella 5: Volum ta' kuntratti (2014–2018)**

| Kuntratti | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kuntratti diretti | 16 | 12 | 5 | 17 | 9 | 59 |
| Kuntratti qafas tal-eu-LISA (mhux relatati mas-sistemi) | 3 | 5 | 3 | — | 6 | 17 |
| Kuntratti qafas tal-eu-LISA (mhux relatati mas-sistemi) — **emendi** | — | — | — | 2 | 16 | 18 |
| Kuntratti qafas tal-eu-LISA (relatati mas-sistemi) | 2 | — | 1 | 1 | 1 | 5 |
| Ordnijiet ta' xiri | 76 | 49 | 55 | 54 | 54 | 288 |
| Kuntratti speċifiċi / formoli tal-ordni skont il-kuntratti qafas | 118 | 195 | 278 | 337 | 476 | 1404 |
| **Total** | **215** | **261** | **342** | **411** | **562** | **1791** |




**Figura 11: Xejra fl-għadd ta' kuntratti ffirmati (2014–2018)**

## 2.4 Immaniġġjar tar-riżorsi umani

**Żviluppi**

Fl-2018, l-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-immaniġġjar tal-HR kienu ffukati fuq l-objettivi stabbiliti fid-Dokument ta' Programmazzjoni tal-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2020. "biex jiġu kkonsolidati l-proċessi u s-servizzi tal-HR fl-oqsma tar-reklutaġġ, l-iżvilupp tal-persunal, l-amministrazzjoni tal-persunal u l-pagi". Il-kisbiet ewlenin kienu jinkludu il-personalizzazzjoni ta' Sysper (għodda tal-IT tal-HR), u l-finalizzazzjoni tal-iżvilupp ta' u l-bidu tal-użu tal-għodda ta' reklutaġġ elettroniku. L-Aġenzija rrevediet l-implimentazzjoni ta' nofs it-terminu tal-attivitajiet elenkati fl-istrateġija tal-HR għall-perjodu ta' bejn l-2016 u l-2020. Iż-żamma tal-persunal kienet fokus partikolari, u l-Aġenzija rnexxielha żżomm ir-rata ta' tibdil tal-persunal taħt il-mira ta' 5 %. Attivitajiet speċifiċi mmirati lejn iż-żamma tal-persunal kienu jinkludu komunikazzjoni marbuta mal-faċilitazzjoni tal-istabbiliment (eż. servizzi ta' rilokazzjoni għal persunal ġdid, kors fil-lingwa tal-pajjiż ospitanti miftuħ għall-membri tal-familja, kooperazzjoni attiva ma' skejjel Ewropej), l-iżvilupp tal-persunal (tiġdid ta' kuntratti ta' impjieg għal żmien indefinit, opportunitajiet ġodda ta' żvilupp offruti bid-definizzjoni tar-rwol ta' kap ta' settur) u titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri. Dawn l-attivitajiet se jkomplu jitwettqu fil-ġejjieni biex jiġi żgurat li jkun hemm titjib kontinwu.

Ir-reklutaġġ kien attività ewlenija fl-2018, wara l-evoluzzjoni tal-mandat tal-Aġenzija: fl-2018, ġew ippubblikati 26 avviż ta' post battal, bl-esklużjoni ta' dawk interni. Ġie ffinalizzat ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali għall-EES. Dan beda għall-ETIAS, għar-riformulazzjoni tas-SIS u għar-regolament ta' stabbiliment il-ġdid.

Meta wieħed iqis l-inizjattivi u l-leġiżlazzjoni l-ġodda li ġejjin (eż. l-ECRIS-TCN, l-interoperabbiltà), l-Aġenzija se tkompli tirrekluta fl-2019. Biex tħejji għall-impatt ta' persunal addizzjonali, f'Marzu 2018, il-Bord tat-Tmexxija approva proposta għal struttura organizzattiva ġdida. L-Aġenzija fasslet u implimentat programm ta' trasformazzjoni biex jiġu indirizzati l-aspetti kollha tal-istruttura l-ġdida. Aktar informazzjoni dwar dan hija ppreżentata fit-taqsima "Struttura organizzazzjonali" t'hawn taħt.

**Tagħlim u żvilupp**

L-akbar kisba fil-qasam tat-tagħlim u l-iżvilupp fl-2018 kienet l-implimentazzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet xprunat mid-*data*: *data* minn stħarriġ dwar l-involviment tal-persunal, ix-xenarju tat-tagħlim, l-eżerċizzji u l-evalwazzjonijiet tal-istabbiliment ta' objettivi individwali, kif ukoll *data* mis-sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim, ikkontribwixxiet għat-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali u għall-introduzzjoni ta' pjan annwali ta' tagħlim u impenn imfassal apposta. Il-qafas tal-kompetenza tal-eu-LISA jidentifika d-diversi kompetenzi tekniċi, ta' tmexxija, professjonali u ewlenin mistennija mill-persunal tal-eu-LISA. Dan ġie żviluppat aktar u ġie adottat pjan direzzjonali relatat. L-implimentazzjoni tiegħu bdiet fl-oqsma tal-proċeduri ta' reklutaġġ u l-opportunitajiet ta' tagħlim għall-persunal.

Ir-riżultati tal-analiżi annwali tal-ħtiġijiet ta' taħriġ għall-2018 ġew riflessi fit-taħriġ offrut lill-membri tal-persunal. L-Aġenzija organizzat madwar 60 sessjoni ta' taħriġ interni dwar suġġetti tekniċi u mhux tekniċi u pproċessat 166 talba ta' taħriġ individwali u 10 talbiet għat-tagħlim tal-lingwi għall-miżżewġin. Ġie introdott kontenut ġdid ta' tagħlim elettroniku, inkluż fir-rigward tal-integrazzjoni teknika tal-membri tal-persunal.

Ġew organizzati avvenimenti soċjali f'kooperazzjoni mal-klabb #BeSocial (grupp ta' voluntiera). Tnieda stħarriġ dwar l-involviment tal-persunal, u dan wassal għal workshops u diskussjonijiet. Ġew offruti taħriġ u appoġġ lill-persunal u lill-maniġers. L-Aġenzija ħadet sehem ukoll f'eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva dwar l-involviment tal-persunal, li jqabbel lill-eu-LISA ma' tmien aġenziji oħra tal-UE f'diversi oqsma mkejla permezz tal-istħarriġ dwar l-involviment tal-persunal tagħhom.

Sabiex l-Aġenzija tiġi allinjata mat-test tar-regoli ta' implimentazzjoni rigward l-evalwazzjoni tal-aġenti temporanji u kuntrattwali, u biex tiżdied il-maturità tal-organizzazzjoni, il-proċess sħiħ tal-istabbiliment tal-objettivi u tal-valutazzjoni issa huwa elettroniku. Dan jippermetti wkoll lill-HR jimmonitorjaw il-proċess ferm aktar mill-qrib. L-involviment tal-kapijiet tas-setturi fl-istabbiliment tal-objettivi u l-evalwazzjonijiet ġie fformalizzat ukoll fi ħdan l-organizzazzjoni.

L-integrazzjoni b'suċċess tal-persunal tal-EES kienet kisba ewlenija oħra. Il-pjan ta' tagħlim annwali ġie implimentat, u l-Proċess tat-Tmexxija ġie aġġornat. Is-sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim tal-eu-LISA (i-Learn) ġiet żviluppata aktar u l-proċessi li jorbtu t-tagħlim u l-prestazzjoni ġew issimplifikati permezz tal-għodda.

L-Aġenzija ħolqot l-applikazzjoni mobbli tal-UPD tal-eu-LISA, proġett konġunt bejn l-HR u l-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-eu-LISA. L-għan ta' din l-applikazzjoni huwa li jissaħħaħ l-impenn tal-eu-LISA għall-ipproċessar ta' *data* personali b'mod legali. L-applikazzjoni hija disponibbli kemm għas-sistemi operattivi iOS kif ukoll Android u tniżżlet madwar 500 darba fi tmiem l-2018.

**Pjan ta' Stabbiliment u għadd ta' ħaddiema**

Fl-2018, il-karigi awtorizzati tal-eu-LISA kienu dawn li ġejjin: 136 AT, 41 AK u 9 ENS. In-numru totali ta' postijiet fil-Pjan ta' Stabbiliment naqas b'2 postijiet meta mqabbel mal-2017 minħabba t-tnaqqis fil-persunal u laħaq livell ta' 113-il post. Madankollu, dan imbagħad żdied bi 23 kariga, u [35]laħaq total ta' 136 kariga. Għandu jiġi nnotat li l-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija ma jinkludix karigi għall-grupp ta' funzjonijiet ta' segretarji u skrivani (AST/SC). Anness IV juri l-pjan ta' stabbiliment għall-2018 tal-eu-LISA. L-għadd ta' karigi ta' AK żdied minħabba li waslet l-awtorizzazzjoni tal-baġit għall-kompiti l-ġodda allokati lill-Aġenzija.[36]

F'termini ta' għadd ta' impjegati, fl-aħħar ta' Diċembru 2018 kien hemm 162 membru tal-persunal full-time: 122 AT, 31 AK u 9 ENS. Minn dawn, 85 AT, 21 AK u 4 ENS kienu impjegati fi Strasburgu, 37 AT, 8 AK u 5 ENS kienu qed jaħdmu f'Tallinn, u 2 AK kienu jinsabu fl-Uffiċċju ta' Kollegament ta' eu-LISA fi Brussell.

Il-Figura 12 turi l-għadd ta' membri tal-persunal tal-eu-LISA skont it-tip ta' kuntratt u f'kull uffiċċju tal-Aġenzija.

[35] Dan in-numru jinkludi 14-il pożizzjoni għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac, li ma setgħux jimtlew sa tmiem is-sena minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti.

[36] Ingħataw erba' karigi addizzjonali għar-riformulazzjoni tas-SIS II u 10 karigi għall-ETIAS lill-eu-LISA.




**Figura 12: Kategoriji tal-persunal tal-eu-LISA fil-31.12.2018**

Ir-rata ta' okkupazzjoni ta' 87.1 % kienet dovuta għad-data tal-adozzjoni tar-regolament dwar l-ETIAS, li saret f'Novembru 2018, u għall-fatt li r-riformulazzjoni mistennija tar-Regolament Eurodac, li abbażi tagħha l-pjan ta' stabbiliment ġie miżjud b'żewġ karigi, ma ġietx adottata fl-2018.

Il-persunal tal-Aġenzija kien jirrappreżenta 21 nazzjonalità. 23 % tal-persunal (36) kienu nisa, filwaqt li 77 % (126) kienu rġiel.

L-Aġenzija offriet ukoll opportunitajiet ta' internship. Fi tmiem l-2018, kien hemm żewġ interns li jinsabu f'Tallinn u wieħed fi Brussell.

**Struttura organizzattiva**

F'Marzu 2018, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta proposta għal struttura organizzattiva ġdida b'antiċipazzjoni tat-tkabbir tal-Aġenzija bħala riżultat ta' żieda fil-kompiti wara l-adozzjoni ta' regolamenti ġodda u l-persunal addizzjonali mogħti lill-eu-LISA biex iwettaq dawn il-kompiti ġodda. L-Aġenzija se tirdoppja l-għadd ta' persunal tagħha bejn il-bidu tal-2018 u l-aħħar tal-2020. Għalkemm l-implimentazzjoni tal-istruttura organizzattiva ġdida hija proċess kumpless, huwa mistenni li titlesta għalkollox sa tmiem l-2019.

Il-bidliet li ġejjin ġew implimentati sa tmiem l-2018:

- id-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni biddel ismu għad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi;
- is-Settur tas-Servizzi Korporattivi sar unità fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi;
- l-isem tal-funzjoni tal-Awditur Intern inbidel għal Kap ta' Kapaċità tal-Awditjar Intern;
- l-Unità għar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ bidlet isimha għall-Unità tar-Riżorsi Umani;
- il-linja ta' rapportar tal-Uffiċċju ta' Kollegament ġiet stabbilita direttament lid-Direttur Eżekuttiv;
- il-kariga ta' Uffiċjal Legali ġiet ittrasferita mill-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali għad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi.

l-organigramma tal-eu-LISA li turi l-istatus fil-31 ta' Diċembru 2018 hija ppreżentata fl- Anness III.

### Indikaturi tal-Prestazzjoni fil-qasam tar-riżorsi umani

L-Aġenzija stabbiliet indikaturi tal-prestazzjoni[37] (KPIs) għall-oqsma relatati mal-HR. Dawn iservu sabiex ikejlu r-rata ta' assenteiżmu, id-dawran tal-persunal, l-indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal u l-involviment tal-persunal.

Il-KPI tar-rata ta' assenteiżmu kien ta' 22 %, l-istess bħall-2017, filwaqt li l-mira kienet li tinżamm taħt il-25 %.

It-tibdil tal-persunal (ikkalkolat bħala l-għadd ta' persunal li jitlaq mill-Aġenzija matul is-sena bħala perċentwal tal-għadd ta' persunal fis-seħħ fl-31 ta' Diċembru 2018) kien ta' 4.94 %; fl-2018 telqu ħames impjegati mill-organizzazzjoni. Dan hu anqas mill-KPI referenzjarju ta' 5% stabbilit għad-dawran. Il-kwartieri ġenerali ta' Tallinn ġew affettwati aktar mis-sit ta' Strasburgu, hekk kif it-tibdil tal-persunal laħaq l11.54 % (it-Tabella 6).

**Tabella 6: Tibdil tal-persunal fl-2018 skont is-sit.**

| Strasburgu | Tallinn | eu-LISA sħiħa |
|---|---|---|
| 1.82 % | 11.54 % | 4.94 % |

L-indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal issodisfa l-mira tal-KPI ta' 100 % ta' evalwazzjonijiet kompluti. Kien hemm xi dewmien minħabba li l-membri tal-persunal kienu fuq liv tal-mard fit-tul. Barra minn hekk, inkiseb KPI li kien immirat lejn anqas minn 10 % tal-persunal li jilħaq l-ogħla livell ta' prestazzjoni u anqas minn dak il-5 % fl-anqas livell ta' prestazzjoni. Mill-persunal, 1.5 % ġew ivvalutati li kisbu prestazzjoni tal-livell I (qabżu l-aspettattivi), u 98.5 % kisbu l-livell II (qabżu l-aspettattivi parzjalment) jew III (issodisfaw l-aspettattivi). Ma kien hemm l-ebda każ ta' prestazzjoni tal-livell IV (ma laħqux l-aspettattivi parzjalment) u l-ebda evalwazzjoni negattiva fil-livell V (ma laħqux l-aspettattivi).

L-involviment tal-persunal tkejjel billi ġie evalwat il-perċentwal ta' persunal li wieġeb għall-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal. Dan il-KPI laħaq il-87 % fl-2018 u l-valur fil-mira kien ta' 80 % jew aktar.

### Skemi ta' liv kumpensatorju

L-Aġenzija hija meħtieġa, skont il-paragrafu 28 tar-Rapport ta' Kwittanza tal-Parlament "Kwittanza 2011: prestazzjoni, ġestjoni u kontroll finanzjarju tal-aġenziji tal-UE"[38] tirrapporta n-numru ta' ġranet ta' liv awtorizzat lil kull grad taħt l-iskemi tal-ħin flessibbli u tal-liv kumpensatorju.

Il-ħin flessibbli huwa mudell ta' ħidma prestabbilit applikat b'analoġija f'eu-LISA f'konformità mar-Regola ta' Implimentazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol.[39] Il-mandat tal-Aġenzija huwa li toffri s-servizzi tagħha lill-Istati Membri fuq bażi kontinwa (24/7); dan jimplika li xi wħud mill-persunal jaħdmu xiftijiet jew stand-by. L-interventi fuq is-sistemi tal-IT immexxija mill-Aġenzija jeħtieġu, minn żmien għall-ieħor, li x-xogħol jitwettaq barra mill-ħinijiet regolari tal-uffiċċju, inkluż billejl jew fi btajjel pubbliċi. Għalhekk, il-kumpens għas-sahra, il-kumpens skont ir-regoli tal-ħin flessibbli u l-kumpens għax-xogħol waqt dmirijiet stand-by jew fuq proġetti partikolari huma karatteristiċi inerenti fl-operat tal-organizzazzjoni.

It-tabella numru 7 turi n-numru ta' ġranet ta' liv mogħtija bħala kumpens għas-sahra, maqsum għal kull grupp ta' funzjoni u grad ta' membru tal-persunal, u n-numru medju ta' ġranet ta' dawk assenti.

Il-figuri 13 u 14 juru l-għadd ta' ġranet u perċentwal ta' liv kompensatorju għas-sahra u x-xogħol waqt dmirijiet stand-by u għal ħin flessibbli skont il-grad.

[37] *Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva ta' eu-LISA*; dan id-dokument ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA fil-15 ta' Marzu 2015 (ref. 2015-042) u t-talba għat-tibdil lill-Bord tat-Tmexxija biex jinbidlu l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni Korporattiva tal-Aġenzija (ref. 2016-127) hi minn Ottubru 2016.

[38] P7_TA(2013) 0134.

[39] Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħin tax-xogħol tal-15 ta' April 2015, C(2014) 2502 adottata mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA fil-15 ta' April 2015.

Tabella 7: Liv kompensatorju skont it-tip u l-grad

| Grupp ta' funzjoni u grad | Sahra kkumpensata | Ħin flessibbli kkumpensat | Stand-by ikkumpensat |
|---|---|---|---|
| AD05 | 0.0 | 62.0 | 0.0 |
| AD06 | 3.9 | 99.6 | 0.0 |
| AD07 | 1.0 | 169.5 | 0.0 |
| AD08 | 1.0 | 91.5 | 0.0 |
| AD09 | 2.5 | 65.5 | 0.0 |
| AD10 | 0.0 | 17.5 | 0.0 |
| AD11 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AD12 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AD13 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AD14 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AD15 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AD16 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST01 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST02 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST03 | 0.0 | 18.0 | 0.0 |
| AST04 | 0.0 | 24.5 | 0.0 |
| AST05 | 5.0 | 15.5 | 0.0 |
| AST06 | 0.0 | 34.5 | 0.0 |
| AST07 | 0.0 | 20.0 | 0.0 |
| AST08 | 0.0 | 23.5 | 0.0 |
| AST09 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST10 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST11 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| **Numru totali ta' ġranet** | **13.4** | **641.6** | **0.0** |
| **Numru ta' persuni** | **9** | **89** | **0** |
| **Numru medju ta' ġranet fuq liv** | **6.68** | | **0** |
| GFIII09 | 0.0 | 9.0 | 0.0 |
| GFIII10 | 2.0 | 7.5 | 0.0 |
| GFIV13 | 0.0 | 40.0 | 0.0 |
| GFIV14 | 2.4 | 100.4 | 0.0 |
| GFIV15 | 0.0 | 31.0 | 0.0 |
| GFIV16 | 2.5 | 18.5 | 0.0 |
| **Numru totali ta' ġranet** | **6.9** | **206.4** | **0.0** |
| **Numru ta' persuni** | **5.0** | **23.0** | **0.0** |
| **Numru medju ta' ġranet fuq liv** | **7.62** | | **0** |
| ENS | 1.0 | 66.6 | 96.0 |
| **Numru totali ta' ġranet** | **1.0** | **66.6** | **96.0** |
| **Numru ta' persuni** | **1** | **10** | **6** |
| **Numru medju ta' ġranet fuq liv** | **6.15** | | **16** |
| **Numru TOTALI ta' ġranet** | 21.3 | 914.6 | 96.0 |
| **Numru TOTALI ta' persuni:** | 15.0 | 122.0 | 6.0 |
| **Medja globali** | **6.83** | | **16.00** |




**Figura 13: Numru ta' ġranet u perċentwal ta' liv kumpensatorju għas-sahra u l-interventi waqt dmirijiet stand-by tal-Aġenti Temporanji, skont il-grad**




**Figura 14: Numru ta' ġranet u perċentwal ta' kumpens għall-ħin flessibbli tal-Aġenti Temporanji maqsuma għal kull grad fl-2018**

**Deskrizzjoni tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' skrinjar/valutazzjoni komparattiva**

L-eu-LISA wettqet ir-raba' eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tagħha biex tikkalkola l-proporzjon ta' persunal amministrattiv għall-persunal operattiv. Dan isir skont ir-rekwiżiti tar-regolament finanzjarju qafas, li jistipula li l-aġenziji kollha għandhom iwettqu tali eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva fuq bażi annwali biex jiġġustifikaw in-nefqa amministrattiva b'mod strutturat u trasparenti. L-eżerċizzju ta' skrinjar twettaq skont il-metodoloġija maqbula mill-

Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Aġenziji Ewropej. Dan ġie applikat għall-pożizzjonijiet kollha ta' eu-LISA okkupati f'Diċembru 2018. Sommarju tar-riżultati huwa ppreżentat fit-Tabella 8. Kważi 73 % tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA huma involuti fl-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija, 16 % tal-membri tal-persunal qed jaħdmu fuq attivitajiet ta' koordinazzjoni u f'appoġġ amministrattiv, u aktar minn 11 % tal-membri tal-persunal huma involuti f'attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-kuntratti, l-akkwist u l-operazzjonijiet finanzjarji.

**Tabella 8: Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-2018**

| *Persunal skrinjat fil-31.12.2018* | *162* | |
|---|---|---|
| **Riżultati tal-valutazzjoni komparattiva tal-2018** | **In-numru ta' persunal** | **Perċentwal ta' persunal** |
| **Operazzjonali** | **117.75** | **72.91 %** |
| Operattiva ġenerali | 95.4 | 59.07 % |
| Ġestjoni u implimentazzjoni tal-proġetti | 9.65 | 5.98 % |
| Koordinazzjoni tal-ogħla livell | 12.7 | 7.86 % |
| Evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt | 0 | 0.00 % |
| **Appoġġ amministrattiv u koordinazzjoni** | **25.9** | **16.04 %** |
| Appoġġ amministrattiv | 20.2 | 12.51 % |
| Koordinazzjoni | 5.7 | 3.53 % |
| **Newtrali** | **17.85** | **11.05 %** |
| Finanzi, kontabbiltà, ġestjoni ta' kuntratti, akkwist mhux operattiv | 17.85 | 11.05 % |
| Attivitajiet lingwistiċi | 0 | 0.00 % |
| **Total** | **162** | **100 %** |

Meta mqabbla mal-eżerċizzju simili li sar fl-2017, ir-riżultati tal-valutazzjoni komparattiva tal-2018 juru żieda żgħira (1 %) fil-perċentwal ta' karigi operazzjonali. Dan kien minħabba li żdiedu karigi operazzjonali addizzjonali mal-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA. Din iż-żieda kienet tkun aktar sinifikanti (4 %) kieku l-karigi kollha li ngħataw setgħu jimtlew sal-aħħar tas-sena u setgħu jiġu inklużi fl-iskrinjar.

Il-perċentwal ta' karigi amministrattivi kien ftit inqas fl-2018 milli fl-2017, u naqas minn 17 % għal 16 %, minħabba li l-karigi addizzjonali li ngħataw lill-eu-LISA ma kinux allokati għal dan il-qasam. Il-perċentwal tal-pożizzjonijiet newtrali baqgħu fl-istess livell.

Tqassim ulterjuri tat-tipi ta' karigi f'kategoriji juri li fil-karigi operazzjonali kien hemm żieda żgħira fil-perċentwal tal-karigi operazzjonali ġenerali (minn 58 % għal 59 %), filwaqt li l-karigi ta' ġestjoni tal-programm u l-karigi ta' koordinazzjoni fl-ogħla livell baqgħu fl-istess livell (6 % u l 8 % rispettivament).

Skont l-Iskeda Analitika [40] Nru 15 dwar l-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani fl-aġenziji deċentralizzati tal-UE, il-persunal amministrattiv "jirrappreżenta 30 % mill-persunal tal-aġenziji". Jekk dan jintuża bħala referenza, il-proporzjon tal-parametraġġ referenzjarju f'eu-LISA hu ferm anqas minn dak il-livell. L-Aġenzija tqis li proporzjon tajjeb għandu jkun fil-livell ta' 20 % tal-karigi fl-appoġġ amministrattiv u fil-koordinazzjoni. Il-livell relattivament baxx kien ibbilanċjat bi proporzjon ogħla ta' karigi ta' appoġġ amministrattiv ipprovdut permezz ta' appoġġ estern, kif jidher fil-valutazzjoni komparattiva tal-fornituri tas-servizzi esterni, skont liema l-perċentwali ta' servizzi esternalizzati f'appoġġ amministrattiv u attivitajiet operazzjonali huma kważi l-istess (47.5 % u 48.5 % rispettivament). Is-sehem tal-karigi

[40] Il-Kummissjoni Ewropea, Skeda Analitika Nru 15, 2011. Disponibbli fuq https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/fiche_15_sent_to_ep_cons_2011-07-20_en.pdf

newtrali f'servizzi esterni naqas minn 6.43 % għal 4 % minħabba l-persunal addizzjonali mogħti lill-eu-LISA fil-qasam finanzjarja u biex ikun possibbli li jiġu internalizzati r-riżorsi umani.

Sabiex ikun possibbli t-tkabbir organiku tal-eu-LISA bħala organizzazzjoni, għandha tiġi prevista u ppjanata internalizzazzjoni ulterjuri tal-persunal, b'mod partikolari fil-qasam tal-appoġġ u l-koordinazzjoni amministrattivi, sabiex jiġi żgurat li l-Aġenzija tibqa' fi ħdan iċ-ċifri tal-valutazzjoni komparattiva kemm għall-għażliet ta' akkwisti kif ukoll għall-appoġġ intern u estern.

Ir-riżultati tal-iskrinjar tal-2018 huma murija fit-tabelli fl-Anness IV, li jipprovdu l-informazzjoni li jmiss:

- il-pjan ta' stabbiliment adottat għall-2018;
- il-livelli li bihom huma rappreżentati f'eu-LISA r-rwoli ewlenin elenkati mill-Kummissjoni Ewropea għall-valutazzjoni komparattiva ta' funzjonijiet ewlenin;
- it-tqabbil tar-riżultati tal-eżerċizzji ta' valutazzjoni komparattiva li saru fl-2017 u fl-2018 kemm għall-membri tal-persunal kif ukoll għall-fornituri esterni ta' servizzi (*intra muros*).

## 2.5 Valutazzjoni mill-maniġment

L-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Aġenzija (kif deskritti fl-Artikolu 30, fl-Artikolu 44(2) u fl-Artikolu 47(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija) ġew adottati b'mod formali mill-Bord tat-Tmexxija bi proċedura bil-miktub fil-15 ta' Ġunju 2014, u li diġà kienu ġew implimentati fl-2013. Is-16-il standard ta' kontroll individwali huma strutturati madwar sitt oqsma ewlenin: (1) il-missjoni u l-valuri; (2) l-HR; (3) il-proċess ta' ppjanar u ta' ġestjoni tar-riskji; (4) l-operazzjonijiet u l-attivitajiet ta' kontroll; (5) l-informazzjoni u r-rappurtar finanzjarju; u (6) l-evalwazzjoni u l-awditjar. Inħatar formalment Koordinatur tal-Kontroll Intern mid-Direttur Eżekuttiv. Is-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija tintegra dawn is-16-il ICS kollha kif adottati minn eu-LISA, u b'hekk tistabbilixxi l-ambjent ġenerali ta' kontroll intern u tipprovdi assigurazzjoni lill-maniġment li l-objettivi qegħdin jintlaħqu, b'kontrolli u bilanċi finanzjarji u operattivi b'saħħithom fis-seħħ. Il-qafas huwa mmonitorjat fuq bażi regolari sabiex ikun assigurat li l-kontrolli fis-seħħ jaħdmu b'mod effettiv.

Fl-aħħar tliet xhur tal-2018, l-Aġenzija bdiet il-ħidma ta' tħejjija dwar il-qafas ta' kontroll intern rivedut (ICF), li sussegwentement ġie adottat f'Marzu 2019. L-Aġenzija tipprevedi skjerament sħiħ sa tmiem l-2019.

**Reġistru ta' eċċezzjonijiet**

Skont l-ICS 8, "Proċessi u proċeduri", l-Aġenzija tmexxi proċess ta' eċċezzjoni biex tiddokumenta devjazzjonijiet minn proċessi u proċeduri stabbiliti. Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà, id-devjazzjonijiet mir-regoli u/jew il-proċeduri huma ddokumentati f'talba ta' eċċezzjoni, li hija rreġistrata f'reġistru ta' eċċezzjoni apposta. Għal kull talba, jiġu identifikati azzjonijiet korrettivi/preventivi u l-livell ta' riskju qabel l-approvazzjoni mill-maniġer rilevanti. Il-koordinatur tal-Kontroll Intern irrieżamina t-talbiet għal eċċezzjoni li tqajmu fl-2018. Ir-riżultati ta' dan ir-rieżami huma rrapportati lill-Kumitat ta' Tmexxija.

## 2.6 Kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit fdati lil servizzi u entitajiet oħra

L-Aġenzija ma inkarigatx l-implimentazzjoni tal-baġit lil servizzi jew lil entitajiet oħra.

## 2.7 Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena tar-rapportar

**Servizz tal-Awditjar Intern**

Is-servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni Ewropea stabbilixxa pjan ta' awditjar strateġiku għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2021 fir-rigward tal-eu-LISA. Il-pjan ta' awditjar huwa bbażat fuq ir-riżultati ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju li twettaq mill-IAS fi Frar 2018 fil-kwartieri ġenerali f'Tallinn u fis-sit tekniku fi Strasburgu, li jkopri l-proċessi amministrattivi u operazzjonali ewlenin tal-eu-LISA.

Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u fid-dawl tal-profil ta' riskju tal-eu-LISA, l-IAS għandu l-ħsieb li jwettaq erba' inkarigi f'dan il-perjodu, bil-prijoritizzazzjoni ta' kull tema vvalutata mill-ġdid fuq bażi annwali. Il-valutazzjoni tar-riskju fil-fond li jmiss hija ppjanata għall-2022.

**Kapaċità tal-Awditjar Intern**

**Rieżami tal-immaniġġjar tal-assi tal-IT tal-Aġenzija (ITAM).** L-objettiv ta' din ir-rieżaminazzjoni kien li ssir valutazzjoni u li d-Direttur Eżekuttiv u l-Bord ta' Tmexxija jiġu pprovduti b'assigurazzjoni indipendenti fir-rigward l-effikaċja tas-sistema tal-kontroll intern rigward il-proċess tal-ITAM. Peress li l-maniġers tal-qasam ivvalutaw li l-maturità tal-proċess kienet limitata, l-IAC qablet li tiffaċilita eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni tal-kontroll, li jidentifika, jivvaluta u jipprijoritizza b'mod effiċjenti r-riskji u l-kwistjonijiet, u jipprevedi ftehim dwar l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni, is-sjieda tagħhom u d-dati fil-mira għall-implimentazzjoni. Matul l-eżerċizzju, ġew identifikati tmien riskji għoljin u riskju medju wieħed u ġew immirati biex jiġu indirizzati ulterjorment. Biex tindirizzahom, l-IAC qablet dwar pjan ta' azzjoni mal-maniġers tal-qasam, u inkludietu fil-proċedura ta' segwitu tagħha.

**Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitt ta' interess** L-IAC iffaċilitat l-abbozzar tar-regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija, is-sostituti tagħhom u l-membri tal-Gruppi Konsultattivi. Il-Bord tat-Tmexxija adotta r-regoli fil-laqgħa tiegħu f'Novembru 2018. Skont ir-regoli, kull persuna kkonċernata għandha kull sena tagħmel u/jew taġġorna dikjarazzjoni ta' interessi u l-president xieraq għandu jiċċekkjaha u japprovaha, inkella dik il-persuna ma tkunx tista' tattendi l-laqgħat tal-korp rilevanti.

**Reviżjoni tal-istrateġija kontra l-frodi tal-eu-LISA.** Fl-2015, l-eu-LISA adottat l-ewwel strateġija tagħha kontra l-frodi, li tkopri l-perjodu ta' bejn l-2016 u l-2018. Minħabba li l-ambjent tal-eu-LISA jopera b'mod dinamiku ħafna, kien meħtieġ li jiġu aġġornati r-riskji fuq ir-radar ta' kontra l-frodi, li jiġu rfinati l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u li tiġi riveduta l-istrateġija skont dan, li tkopri t-3 snin li ġejjin, mill-2019 sal-2021. L-IAC iffaċilitat l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' riskji ta' frodi potenzjali rilevanti għall-objettivi tagħha bħala parti mill-eżerċizzju annwali tal-ġestjoni tar-riskju korporattiv. Ir-riżultati nġabru fl-istrateġija riveduta kontra l-frodi, li tinkludi tliet objettivi għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2021: (1) it-tisħiħ tal-kultura kontra l-frodi fl-Aġenzija, (2) l-istabbiliment u ż-żamma ta' livell għoli ta' etika, u (3) l-iżvilupp tal-intelligence għal finijiet ta' prevenzjoni u ta' detezzjoni. Id-dokument jenfasizza wkoll indikaturi, azzjonijiet, sidien u skadenzi ssuġġeriti biex jiġi appoġġjat l-ilħuq tal-objettivi msemmija hawn fuq. L-istrateġija tal-Aġenzija kontra l-frodi ġiet adottata mill-MB f'Marzu 2019.

**L-ICF rivedut tal-eu-LISA.** L-IAC iffaċilitat l-abbozzar ta' deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-ICF rivedut. L-IAC organizzat ukoll workshop biex tittestja l-implimentazzjoni tal-ICF. B'riżultat ta' dan, l-IAC ħarġet rapport b'indikaturi u miri ssuġġeriti, li ġie vvalidat mit-tim tal-programm. L-eżerċizzju wera informazzjoni importanti biex tiġi stabbilita t-triq' il quddiem fl-implimentazzjoni tal-ICF rivedut fl-unitajiet u d-dipartimenti kollha tal-eu-LISA fl-2019. L-ICF rivedut ġie adottat mill-MB f'Marzu 2019.

**Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Fl-2018, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti) iffinalizzat l-awditu tas-soltu fuq il-Kontijiet Annwali ta' eu-LISA għas-sena finanzjarja 2017.[41] Il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji[42] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[43] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari f'kull rispett materjali.

Il-Qorti għamlet seba' kummenti li ma jixħtux dubji fuq l-opinjonijiet ta' hawn fuq.

[41] *Rapport annwali tal-QEA dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2017*, il-paragrafu 3.26, "L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)".

[42] Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-fluss tal-flus, id-dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assijiet netti u sommarju tal-linji politiċi kontabilistiċi sinifikanti u noti ta' spjega oħrajn.

[43] Dawn jinkludu l-kont tal-eżitu baġitarju u l-anness għall-kont tal-eżitu baġitarju.

## 2.8 Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi

Ir-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar għas-sena 2018[44] hija ta' 42 % (jiġifieri 13 implimentati u 31 dovuti). Sabiex jikkonfermaw l-għeluq (taħt l-intestatura "Magħluqa" fit-tabella fil-qosor hawn taħt), l-IAS[45] u l-IAC[46] wettqu s-segwitu annwali għall-pjanijiet ta' azzjoni ddikjarati bħala "Implimentati" (valutazzjoni, mill-awditur, tal-evidenza pprovduta u miġbura). Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tat segwitu wkoll għall-osservazzjonijiet tagħha maħruġa f'awditi preċedenti.[47]

Għal ħarsa ġenerali, l-istatus tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa spjegat fil-qosor fit-Tabella 9. Għall-fini ta' monitoraġġ, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-QEA huma klassifikati bħala "Importanti Ħafna"

**Tabella 9: Rakkomandazzjonijiet tal-IAS, tal-IAC u tal-QEA skont il-klassifikazzjoni**

| Rakkomandazzjonijiet tal-IAS, tal-IAC u tal-QEA skont il-klassifikazzjoni | Total | Għaddejja | Implimentata | Skaduta | Magħluqa | M/A |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kritiku | **0** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Importanti Ħafna | **38** | 15 | 6 | 12 | 3 | 5 |
| Importanti | **16** | 3 | 7 | 6 | 4 | 0 |
| **Total** | **54** | **18** | **13** | **18** | **7** | **5** |

**Noti:**

**Għaddejja:** L-implimentazzjoni għaddejja skont il-pjan. Skadenza mhix dovuta jew pjan ta' azzjoni ġdid / skadenza miftiehma mal-Awditur.

**Implimentata:** Din hija affermazzjoni minn sid ir-rakkomandazzjoni. Il-kwistjoni hija lesta għas-segwitu tal-Awditur bil-ħsieb li tingħalaq.

**Skaduta:** L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni għadha għaddejja iżda ma ntlaħqitx sal-iskadenza maqbula.

**Magħluqa:** L-awditur għalaq formalment il-kwistjoni.

**M/A:** Mhux applikabbli, billi l-awditur għamel dikjarazzjoni jew enfasizza kwistjoni mhux kontestabbli.

**Kritiku:** Dgħufija fundamentali fil-proċess awditjat li hi ta' detriment fil-livell ta' entità.

**Importanti ħafna:** Dgħufija fundamentali fil-proċess awditjat li hi ta' detriment għall-proċess kollu.

**Importanti:** Dgħufija sinifikanti fil-proċess sħiħ awditjat jew dgħufija fundamentali għal parti sinifikanti tal-proċess tal-awditjar.

---

[44] *Rapport ta' monitoraġġ (Jannar-Diċembru 2018)*, "KPI #24 rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati fi żmien l-iskadenza", ref. Ares(2019)748754 — 8.2.2019.
[45] "Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-awditi preċedenti tal-IAS fl-eu-LISA — nota dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar", ref. Ares(2019)744730 — 8.2.2019.
[46] "Riżultati ta' segwitu għas-sena 2018 — memo tal-IAC", ref. Ares(2019)1031340 — 19.2.2019.
[47] *Rapport annwali tal-QEA dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2017 , il-paragrafu 3.26*, "L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)".

## 2.9 Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza

| | *Osservazzjoni mill-awtorità tal-kwittanza* | *Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija* |
|---|---|---|
| | ***Ġestjoni baġitarja u finanzjarja*** | |
| 2. | Tinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, għalkemm l-Aġenzija ħallset il-prezz sħiħ għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-bini l-ġdid tagħha fi Strasburgu fl-2016, ix-xogħol għadu mhux finalizzat, minħabba li l-kuntrattur ma setax jagħti riżultati, u li 70 % biss tax-xogħlijiet huma koperti mir-rapporti dwar il-progress tax-xogħlijiet li ġew aċċettati. | L-aħħar rapport ta' progress dwar ix-xogħlijiet li ġie **aċċettat** mit-30 ta' April 2018 indika li x-xogħlijiet tlestew b'88.17 %.<br>Rapport dwar il-progress tax-xogħlijiet mit-30 ta' Ġunju 2018 li jindika li tlestew 99.35 % tax-xogħlijiet ġie rrifjutat mill-Aġenzija minħabba kwistjonijiet tekniċi u nuqqas ta' kompletezza (litigazzjoni f'Settembru 2018).<br>Biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Aġenzija, l-eu-LISA żżomm fil-pussess tagħha garanzija tal-eżekuzzjoni ta' EUR 1.2 miljun. |
| | Tinnota li, skont l-Aġenzija, din irreġistrat risposta tal-intimat mal-Qorti Amministrattivi ta' Strasburgu, u li d-deċiżjoni ta' din il-qorti għadha pendenti; titlob lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar id-deċiżjonali finali tal-Qorti Amministrattiva ta' Strasburgu. | L-Aġenzija rreġistrat risposti tal-intimat fil-15 ta' Mejju 2018 u fl-15 ta' Frar 2019. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim' Istanza għadha ma nħarġitx.<br>Taħdidiet informali għal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim saru bejn Settembru u Ottubru 2018, iżda ġew interrotti f'daqqa waħda u unilateralment mill-kuntrattur f'Ottubru 2018.<br>Sadanittant, fit-3 ta' April 2019 inbdew mill-ġdid taħditiet għal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim fuq l-inizjattiva tal-kuntrattur.<br>L-Aġenzija timpenja ruħha li tinforma lill-Parlament Ewropew mingħajr dewmien jekk tintlaħaq soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jew malli tingħata s-sentenza tal-qorti. |
| | ***Kanċellazzjoni tar-riporti*** | |
| 3. | Jiddispjaċiha li l-kanċellazzjonijiet tar-riporti mill-2016 għall-2017 ammontaw għal EUR 658 000, li jirrappreżentaw 12.20 % tal-ammont totali riportat, li jirrappreżenta żieda notevoli ta' 7.11 % meta mqabbel mal-2016. | Mill-ammont ikkanċellat, kien hemm aktar minn terz wieħed ikkawżat minn kuntratti għal appoġġ estern (persunal interim) li saru vakanti u li għalihom ma setgħux jinstabu kandidati xierqa, u b'hekk kien meħtieġ it-tħassir ta' impenji. Terz ieħor tal-ammont irriżulta mill-ġestjoni tal-IT u tal-faċilità korporattiva tas-sit operazzjonali ta' Strasburgu, żewġ oqsma fejn is-superviżjoni maniġerjali setgħet tiġi żgurata biss *ad interim*; l-Aġenzija ppjanat li tistabbilixxi l-kariga ta' Kap tal-Unità tas-Servizzi Korporattivi, li mtliet fl-2019. |

| | | |
|---|---|---|
| ***Prestazzjoni*** | | |
| 8. | Tinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija bħalissa tamministra tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira li huma separati u mhumiex integrati, u li dan jista' jtellef lill-Aġenzija milli tagħmel ekonomiji ta' skala u sinerġiji bejn dawn it-tliet sistemi, u li, fis-snin li ġejjin, il-mandat tal-Aġenzija mistenni jitwessa' biex tibda tamministra diversi sistemi tal-IT addizzjonali;<br><br>tilqa' s-suġġeriment tal-Qorti li l-Aġenzija għandha tħejji analiżi dettaljata tal-kostijiet u l-benefiċċji biex issostni d-diskussjoni dwar l-istrateġija tal-futur għall-iżvilupp tas-sistemi tal-IT li tamministra;<br><br>tistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-eżitu ta' dan l-istudju u l-azzjonijiet korrettivi maħsuba. | L-Aġenzija timmaniġġja tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira f'konformità mal-istrumenti legali rispettivi għal dawk is-sistemi. Il-fatt li dawk is-sistemi nbnew b'mod separat u mhux integrat ma kienx għażla li saret mill-Aġenzija iżda riżultat ta' skedi ta' żmien differenti għall-iżvilupp u r-restrizzjonijiet li rriżultaw mill-mod ta' kif il-qafas legali għas-sistemi differenti tfassal fi żmien l-iżvilupp tagħhom. L-Aġenzija, madankollu, tirrikonoxxi li dan l-approċċ mhuwiex sostenibbli, kemm minħabba ż-żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet fi ħdan il-mandat tagħha kif ukoll il-fatt globali li din mhijiex effiċjenti minn perspettiva operazzjonali jew baġitarja. L-Aġenzija diġà bdiet inizjattiva biex tissimplifika l-arkitettura u d-disinn tas-sistema, u tara l-"Inizjattiva ta' Interoperabbiltà" tal-Kummissjoni bħala waħda mill-ixprunaturi ewlenin f'dan ir-rigward. L-istrateġija tal-infrastruttura futura tal-Aġenzija hija lejn infrastruttura komuni u kondiviża għall-applikazzjonijiet attwali u futuri kull fejn jippermettu l-bażijiet ġuridiċi. |
| ***Politika tal-persunal*** | | |
| 10. | Tinnota bi tħassib li, fl-31 ta Diċembru 2017, il-pjan ta' stabbiliment kien biss ta' 87.02 %, b'114-il aġent temporanju maħtura minn 131 aġent temporanju awtorizzati taħt il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 118-il post tax-xogħol awtorizzati fl-2016). | Id-differenza bejn il-114-il aġent temporanju maħtura u l-131 awtorizzati hija ġġustifikata mill-fatt li żdiedu 2 kariga b'antiċipazzjoni tar-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac, li sal-lum għadha ma ġietx adottata; għalhekk, ir-reklutaġġ ma setax jitnieda. Barra minn hekk, ġew ipprovduti 14-il kariga skont ir-regolament dwar l-EES, li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017, li jippermetti lill-Aġenzija tibda l-proċess ta' reklutaġġ minn dik id-data. Barra minn hekk, l-offerta ta' impjieg għal kariga waħda, dik ta' Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet u l-Infrastruttura, intbagħtet u ġiet aċċettata sa tmiem l-2017. |
| 12. | Jiddispjaċiha dwar l-iżbilanċ bejn is-sessi fi ħdan il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija b'46 membru minn 52 huma rġiel u 6 nisa; titlob, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lil partijiet kkonċernati oħra biex iqisu l-importanza li jiżguraw bilanċ bejn is-sessi meta jippreżentaw in-nominati tagħhom għall-membri tal-Bord ta' Tmexxija. | L-eu-LISA tieħu nota tar-rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri. Madankollu, l-Aġenzija ma tistax tinfluwenza n-nomini tal-membri u l-osservaturi tal-Bord tat-Tmexxija. |

| | | |
|---|---|---|
| 13. | Tinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-għadd żgħir ta' persunal joħloq riskji sinifikanti għall-kontinwità tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija, b'mod partikolari meta jitqies li l-Kap tal-Unità tal-Ġestjoni u tal-Manutenzjoni tal-Applikazzjoni kien jokkupa wkoll il-karigi *ad interim* ta' Kap tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet u ta' Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet u l-Infrastruttura u b'hekk ġew ikkombinati flimkien l-aktar tliet karigi maniġerjali għolja fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet;<br><br>tirrikonoxxi l-fatt li l-Aġenzija wettqet b'suċċess il-mandat tagħha matul l-2017, minkejja n-nuqqas ta' riżorsi fil-funzjonijiet operazzjonali u orizzontali fl-Aġenzija; tappoġġja l-isforzi kontinwi meħtieġa għaż-żamma tal-persunal u l-iżvilupp fl-Aġenzija; tilqa' f'dan ir-rigward il-miżura tal-Aġenzija biex taħtar membru tal-persunal differenti bħala Kap interim tal-Unità tal-Operazzjonijiet u l-Infrastruttura; tħeġġeġ lill-Aġenzija timla l-karigi kollha b'persunal permanenti mingħajr aktar dewmien. | L-Aġenzija rrikonoxxiet ir-riskju u talbet aktar persunal fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha. Madankollu, is-soluzzjoni tinsab f'idejn l-awtoritajiet baġitarji, li jistgħu japprovaw żieda fil-persunal. L-Aġenzija qed tipprova tnaqqas ir-riskju billi tipprijoritizza mill-ġdid il-kompiti, li huwa possibbli sa livell żgħir.<br><br>Ir-reklutaġġ għadu għaddej b'ritmu mgħaġġel sal-kapaċità massima tal-Aġenzija. Iż-żmien tal-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi li għamluha possibbli li jiġi impjegat persunal, fl-aħħar tliet xhur tas-sena, kellu impatt fuq ir-rata ta' okkupazzjoni, peress li l-avviż ta' terminazzjoni medju biex jintemm kuntratt ma' ex impjegatur huwa għal kandidati 3 xhur mill-mument li jirċievu offerta ta' impjieg, li tista' tintbagħat biss wara li tiġi adottata l-bażi ġuridika. |
| ***Akkwist*** | | |
| 16. | Tinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija ltaqgħet ma' diffikultajiet biex tattira kompetizzjoni suffiċjenti għal diversi proċeduri ta' akkwist ta' valur medju, billi rċeviet biss offerta waħda fil-proċeduri kkonċernati. | Inħareġ sett ġdid ta' gwida mis-Settur tal-Akkwist biex jiġi mħeġġeġ stħarriġ tas-suq aktar effettiv bħala parti mill-proċessi kollha ta' akkwist ta' valur medju. Madankollu, il-kwistjoni tidher li tirriżulta mill-anqas parzjalment mir-rekwiżiti formali għall-offerti, fejn l-operaturi ekonomiċi jiżnu l-kost amministrattiv għat-tħejjija tal-offerta u l-marġnijiet mistennija. |
| 17. | Tinnota b'dispjaċir li l-awditu mwettaq mill-IAS fir-rigward tal-proċessi tal-akkwist tal-Aġenzija sab dgħufijiet sinifikanti, inklużi żewġ kwistjonijiet "importanti ħafna" rigward l-istima tal-valuri tal-kuntratt u l-kontrolli ewlenin u tliet sejbiet oħra kklassifikati bħala "importanti";<br><br>tirrikonoxxi li ħafna mid-dgħufijiet huma relatati mal-għadd insuffiċjenti tal-persunal tal-Unità Finanzjarja u tal-Akkwisti u s-Settur tal-Akkwisti b'mod partikolari;<br><br>tinnota li l-Aġenzija stabbilixxiet pjan ta' azzjoni li jindirizza s-sejbiet tal-awditjar u r-rakkomandazzjonijiet tal-IAS; tistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri li ttieħdu biex jitnaqqsu dawn id-dgħufijiet. | Rigward l-għadd insuffiċjenti ta' persunal, l-Aġenzija rrikonoxxiet ir-riskju u talbet aktar persunal fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha. Fir-Regolament ta' stabbiliment il-ġdid, huma previsti riżorsi limitati addizzjonali, u r-reklutaġġ għadu għaddej b'ritmu mgħaġġel sal-kapaċità massima tal-Aġenzija.<br><br>Id-dgħufija ġiet indirizzata permezz tal-proċedura operattiva standard ġdida dwar l-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti (2019), li tispjega aħjar ir-raġunament wara l-istima tal-valuri kuntrattwali minn aġenti inizjaturi operattivi. |

| | | |
|---|---|---|
| 18. | Tinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija tagħmel użu estensiv minn kuntratturi esterni u li 90 % tax-xogħol relatat mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-IT jsir mill-Aġenzija bi sforz ikkombinat ma' kuntratturi esterni;<br><br>tinnota bi tħassib li għalkemm il-fażijiet kollha tal-proġetti tal-IT huma kkontrollati mill-Aġenzija, l-esternalizzazzjoni tal-iżvilupp ta' sistemi tal-IT sensittivi sa tali punt toħloq riskju konsiderevoli ta' dipendenza eċċessiva fuq il-kuntratturi esterni; tirrikonoxxi t-tweġiba tal-Aġenzija li l-iżvilupp komplut ta' dawk is-sistemi internament u t-tnaqqis fl-esternalizzazzjoni jirrikjedu żieda sostanzjali fil-persunal tal-Aġenzija u li, sabiex tiġi żgurata segregazzjoni xierqa tad-dmirijiet, il-kuntratturi involuti fl-assigurazzjoni tal-kwalità mhumiex involuti f'li jipprovdu appoġġ estern lill-maniġment operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira; tistieden lill-Aġenzija, għalhekk, biex tillimita d-dipendenza fuq il-kuntratturi esterni billi tuża aħjar ir-riżorsi proprji tagħha u biex tistabbilixxi politika xierqa sabiex jiġi llimitat l-użu tal-kuntratturi esterni. | L-Aġenzija qed taħdem fuq strateġija ta' riżorsi biex tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi proprji tagħha. Madankollu, id-deċiżjoni taqa' f'idejn l-awtoritajiet baġitarji biex jallokaw riżorsi suffiċjenti għall-persunal tal-Aġenzija.<br><br>L-Aġenzija ttenni li l-użu ta' persunal estern għandu valur u huwa effettiv biss f'għadd limitat ta' każijiet u ma jistax jiġi sostitwit b'persunal regolari. |
| 19. | Titlob lill-Aġenzija tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-kuntratturi li għandhom aċċess għal informazzjoni sensittivi dwar is-sistemi tal-IT jew id-*data* li jipproċessaw ikunu marbuta legalment b'regoli strinġenti dwar il-kunfidenzjalità u titlob li tali kuntratturi jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali formali meta jaċċessaw tali informazzjoni; titlob lill-Aġenzija tiżgura li l-kuntratturi tagħha ma jkunux marbuta bi kwalunkwe liġi ta' pajjiż terz li tista' ġġibhom f'kunflitt mal-arranġamenti ta' kunfidenzjalità stabbiliti mill-Aġenzija. | Attwalment, is-sistemi tal-eu-LISA ma jipproċessawx l-informazzjoni klassifikata. Madankollu, fiżikament iż-żewġ siti li jospitaw is-sistemi ċentrali fi Strasburgu u s-sistemi ta' backup fl-Awstrija (ċentri tad-*data*, kmamar tekniċi, kmamar ta' monitoraġġ, eċċ.) huma ddefiniti bħala żoni siguri skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 444/2015. Konsegwentement, hemm rekwiżit formali li jkun hemm approvazzjoni tas-sigurtà għall-biċċa l-kbira tal-persunal u l-kuntratturi.<br><br>Barra minn hekk, il-kuntratturi, skont il-bażijiet ġuridiċi, ma jistgħux jaċċessaw informazzjoni operazzjonali/kummerċjali mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-eu-LISA (eż. *data* personali); l-aċċess tagħhom għall-infrastruttura, is-servers u tagħmir ieħor tas-sistema huwa limitat għal manutenzjoni strinġenti u ssorveljata sabiex is-sistemi jibqgħu jaħdmu tajjeb.<br><br>Ir-rekwiżiti kollha huma inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u l-kuntratti u huma infurzati b'mod strett.<br><br>Barra minn hekk, bħala parti mir-rekwiżiti ta' sigurtà, ir-rappreżentanti tal-kuntratturi kollha huma meħtieġa li jiffirmaw dikjarazzjonijiet individwali dwar il-kunfidenzjalità u l-kunflitt ta' interess, kif ukoll li jippreżentaw ċertifikati ta' kondotta tajba. |

| | | |
|---|---|---|
| 20. | Tinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, sa tmiem l-2017, l-Aġenzija kienet għadha ma introduċietx l-għodod kollha mnedija mill-Kummissjoni biex tiġi introdotta soluzzjoni waħda għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni mal-partijiet terzi li jkunu qed jieħdu sehem fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku (akkwist elettroniku);<br><br>Tinnota, abbażi tal-informazzjoni mill-Aġenzija, li din diġà introduċiet fatturazzjoni elettronika u sejħa għall-offerti elettronika għal ċerti proċeduri, iżda mhux is-sottomissjoni elettronika ta' offerti; tistieden lill-Aġenzija tintroduċi l-għodod kollha meħtieġa u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni tagħhom. | Bħal korpi oħra tal-UE, l-Aġenzija tissorvelja b'mod kostanti l-iżvilupp tal-modulu ta' sottomissjoni elettronika ta' offerti, bil-ħsieb li tużah malli tissodisfa l-istandards meħtieġa. |
| ***Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitt ta' interess*** | | |
| 21. | Tirrikonoxxi l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi kontinwi biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi. | F'Novembru 2018, l-Aġenzija adottat regoli ġodda dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-Bord tat-Tmexxija u għall-Gruppi Konsultattivi. Skont ir-regoli l-ġodda, il-Bord tat-Tmexxija u l-membri tal-Grupp Konsultattiv u l-osservaturi għandhom jissottomettu kull sena dikjarazzjoni ta' interess sal-aħħar ta' Marzu. Il-Presidenti tal-gruppi, bl-appoġġ tal-Aġenzija, għandhom jivvalutaw id-dikjarazzjonijiet sal-aħħar ta' Mejju u mbagħad jippubblikawhom fuq is-sit web.<br><br>L-Aġenzija għandha wkoll fis-seħħ regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-membri tal-persunal tagħha. Fl-2018, il-membri tal-persunal issottomettew 154 dikjarazzjoni ta' interess (100 %), li 31 minnhom iddikjaraw interess (20 %). Il-maniġers rispettivi vvalutaw l-154 dikjarazzjoni ta' interess (100 %) kollha u għal 3 membri tal-persunal (2 %) ittieħdu azzjonijiet biex jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitt ta' interess potenzjali.<br><br>F'Ġunju 2018, il-Bord tat-Tmexxija adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida tal-eu-LISA dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta. Fl-2019, l-Aġenzija ppjanat żewġ sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, l-ewwel waħda saret fid-29 ta' Mejju 2019 fis-sit operazzjonali fi Strasburgu u t-tieni waħda fl-aħħar tliet xhur tal-2019 fil-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn. Espert mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) qabel li jieħu sehem u jagħti preżentazzjoni kif ukoll jipprovdi xi eżempji prattiċi. |
| | Tinnota bi tħassib li l-Aġenzija ma tippubblikax is-CVs tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tagħha jew tal-persunal maniġerjali tagħha b'mod ġenerali, iżda tippubblika biss tad-direttur eżekuttiv tagħha; titlob lill-Aġenzija tippubblika s-CVs kollha tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tagħha u tal-persunal | M'hemm l-ebda obbligu legali li tintlaqa' din it-talba u għalhekk il-membri/sostituti/osservaturi tal-Bord tat-Tmexxija ma jistgħux jintalbu jipprovdu s-CVs tagħhom. Madankollu, l-Aġenzija se tkompli tħeġġeġ lir-rappreżentanti tal- |

| | | |
|---|---|---|
| | maniġerjali tagħha u tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu f'dan ir-rigward. | Bord tat-Tmexxija biex jipprovdu s-CVs tagħhom sabiex tiżdied it-trasparenza tal-grupp.<br><br>L-Aġenzija tista' tqis fil-futur is-suġġeriment li tippubblika s-CVs tal-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija fuq is-sit web tagħha wara li tikkonsulta minn qabel ir-regoli applikabbli dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*. |
| | Tħeġġeġ lill-Aġenzija tuża l-politika ta' indipendenza tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi bħala l-aħjar prattika u bħala sistema eżemplari ta' monitoraġġ u ta' prevenzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess. | Ir-regoli li għadhom kif ġew adottati huma bbażati fuq eżempji ta' prattika tajba mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Kummissjoni ġiet ikkonsultata qabel l-adozzjoni tagħhom. |
| 22. | Jiddispjaċiha li minkejja li fil-passat saru diversi talbiet, l-Aġenzija ma tippubblikax id-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tagħha, tal-persunal maniġerjali tagħha b'mod ġenerali jew tad-direttur eżekuttiv tagħha; titlob li jiġu ppubblikati d-dikjarazzjonijiet ta' interess li jelenkaw is-sħubija fl-organizzazzjonijiet l-oħra kollha; tenfasizza li mhijiex ir-responsabbiltà tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija, tal-persunal maniġerjali jew tad-direttur eżekuttiv li jiddikjaraw lilhom infushom bħala li m'għandhomx kunflitt ta' interess iżda li korp newtrali għandu jivvaluta l-eżistenza ta' kunflitti ta' interess. | F'konformità mar-regoli l-ġodda implimentati mill-eu-LISA, il-presidenti tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Gruppi Konsultattivi, bl-appoġġ tal-Aġenzija, serjivvalutaw fuq bażi annwali d-dikjarazzjonijiet li jaslu mingħand il-membri u l-osservaturi tal-Bord ta' Tmexxija u tal-Gruppi Konsultattivi u mbagħad jippubblikawhom fuq is-sit web tal-Aġenzija. Id-dikjarazzjonijiet ta' interess jiġu ppreżentati f'konformità mar-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija u r-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA, iżda dawn m'għandhomx jiġu ppubblikati.<br><br>Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA, għandhom jiġu ppubblikati biss id-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija, tad-Direttur Eżekuttiv, tal-Viċi Direttur Eżekuttiv u tal-membri tal-Gruppi Konsultattivi.<br><br>L-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Stabbiliment: "Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-Viċi Direttur Eżekuttiv u l-membri tal-Gruppi Konsultattivi għandhom jimpenjaw ruħhom li jaġixxu fl-interess pubbliku. Għal dak il-fini, huma għandhom joħorġu dikjarazzjoni ta' impenn annwali, pubblika u bil-miktub, li għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija." |
| ***Kontrolli interni*** | | |
| 23. | Tieħu nota li mill-31 ta' Diċembru 2017, l-Aġenzija kellha 23 rakkomandazzjoni miftuħa dwar l-awditjar li kienu kklassifikati bħala "importanti ħafna", inklużi disgħa li kienu nħarġu reċentement, li tlieta minnhom kienu skaduti u erbgħa li kienu għadhom għaddejjin; tinnota li mhija miftuħa l-ebda kwistjoni "kritika"; tistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-awditjar. | Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni fis-seħħ wara diversi rakkomandazzjonijiet dwar l-awditjar naqset fl-2018. Biex tikkoreġi s-sitwazzjoni, l-Aġenzija saħħet is-sistema ta' monitoraġġ tagħha u r-rapportar intern dwar din il-kwistjoni. L-Aġenzija adottat u implimentat ukoll l-ICF rivedut kmieni fl-2019. L-Aġenzija hija kunfidenti li, abbażi ta' dawn il-miżuri, ir-rata ta' implimentazzjoni se tittejjeb b'mod sinifikanti sa tmiem l-2019. |

| | | |
|---|---|---|
| ***Kummenti oħrajn*** | | |
| 24. | Tinnota r-rikostruzzjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu, Franza, u l-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid tal-kwartieri ġenerali f'Tallin, l-Estonja; tinnota li l-Aġenzija għandha wkoll sit ta' backup f'St Johann im Pongau, l-Awstrija, u uffiċċju ta' kollegament fi Brussel, il-Belġju; tinnota bi tħassib li r-rilokazzjoni lejn il-bini ġdid fi Strasburgu sofriet dewmien konsiderevoli u li kien hemm diversi nuqqasijiet min-naħa tal-kuntrattur responsabbli. | Il-proġett ta' rikostruzzjoni tal-kwartieri ġenerali ġie ffinalizzat mill-gvern Estonjan skont il-pjan oriġinali u l-Aġenzija mxiet għall-post permanenti tagħha f'Lulju 2018.<br><br>Ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fis-sit tekniku fi Strasburgu ġew finalizzati kuntrattwalment f'Ġunju 2018. Id-dewmien kien attribwit għal bidliet fid-disinn, miftiehma mal-kuntrattur. L-Aġenzija ħadmet mill-qrib mal-kuntrattur biex issolvi l-ineffiċjenzi tekniċi identifikati u biex tavvanza l-aċċettazzjoni tax-xogħlijiet. Biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Aġenzija, l-eu-LISA żżomm fil-pussess tagħha garanzija tal-eżekuzzjoni ta' EUR 1.2 miljun. |
| **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN** | | |
| 3. | Jiddispjaċih li l-Aġenzija ma kellhiex ir-riżorsi umani meħtieġa biex tissodisfa l-funzjonijiet operazzjonali u orizzontali tagħha mingħajr ma tirrikorri għal kuntratturi esterni; jistieden lill-Aġenzija tkompli l-isforzi tagħha biex tiżgura ż-żamma u l-iżvilupp tal-persunal fl-Aġenzija; jilqa' l-mod kif l-Aġenzija indirizzat iż-żieda sostanzjali fl-ammont ta' xogħol fl-2017 minkejja r-rata għolja ta' tibdil tal-persunal espert. | L-Aġenzija rrikonoxxiet ir-riskju u talbet aktar persunal fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha. Madankollu, is-soluzzjoni tinsab f'idejn l-awtoritajiet baġitarji, li jistgħu japprovaw żieda fil-persunal. L-Aġenzija qed tipprova tnaqqas ir-riskju billi tipprijoritizza mill-ġdid il-kompiti, li huwa possibbli sa livell żgħir.<br><br>Ir-reklutaġġ għadu għaddej b'ritmu mgħaġġel sal-kapaċità massima tal-Aġenzija. Iż-żmien tal-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi li għamluha possibbli li jiġi impjegat persunal, fl-aħħar tliet xhur tas-sena, kellu impatt fuq ir-rata ta' okkupazzjoni, peress li l-avviż ta' terminazzjoni medju biex jintemm kuntratt ma' ex impjegatur huwa għal kandidati 3 xhur mill-mument li jirċievu offerta ta' impjieg, li tista' tintbagħat biss wara li tiġi adottata l-bażi ġuridika. |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | Jilqa' l-fatt li fl-2017 il-proġetti tal-IT ġew implimentati fil-ħin, skont il-kost u l-baġit; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija wettqet studju sabiex tikseb ħarsa ġenerali lejn l-arkitettura tas-sistemi tal-IT futuri tagħha; | L-Aġenzija qed taħdem fuq strateġija ta' riżorsi biex tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi proprji tagħha. Madankollu, id-deċiżjoni taqa' f'idejn l-awtoritajiet baġitarji biex jallokaw riżorsi suffiċjenti għall-persunal tal-Aġenzija. |
| | jirrimarka, madankollu, li l-Aġenzija kellha tagħmel użu estensiv, permezz ta' tliet kuntratti qafas, minn kuntratturi esterni għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi fdati lill-Aġenzija minħabba li ma kellhiex il-karigi ta' stabbiliment meħtieġa; jenfasizza li anke jekk il-proġetti tal-IT tal-Aġenzija jkunu fil-kontroll tagħha, l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet tagħha f'daqs tant kbir toħloq riskji ta' dipendenza eċċessiva fuq il-kuntratturi esterni; jitlob, għalhekk, li l-Aġenzija tfassal strateġija fit-tul biex tnaqqas dan ir-riskju; | L-Aġenzija ttenni li l-użu ta' persunal estern għandu valur u huwa effettiv biss f'għadd limitat ta' każijiet u ma jistax jiġi sostitwit b'persunal regolari. |
| | jitlob lill-Aġenzija tippreżenta lill-Parlament l-istrateġija tagħha dwar il-bejjiegħa u l-kuntratturi; | Attwalment, is-sistemi tal-eu-LISA ma jipproċessawx l-informazzjoni klassifikata. Madankollu, fiżikament iż-żewġ siti li jospitaw is-sistemi ċentrali fi Strasburgu u s-sistemi ta' backup fl-Awstrija (ċentri tad-*data*, kmamar tekniċi, kmamar ta' monitoraġġ, eċċ.) huma ddefiniti bħala żoni siguri skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 444/2015. Konsegwentement, hemm rekwiżit formali li jkun hemm approvazzjoni tas-sigurtà għall-biċċa l-kbira tal-persunal u l-kuntratturi. |
| | Jitlob lill-Aġenzija tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-kuntratturi li għandhom aċċess għal informazzjoni sensittivi dwar is-sistemi tal-IT jew id-*data* li jipproċessaw ikunu marbuta legalment b'regoli stringenti dwar il-kunfidenzjalità u titlob li tali kuntratturi jkollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali formali meta jaċċessaw tali informazzjoni; jitlob lill-Aġenzija tiżgura li l-kuntratturi tagħha ma jkunux marbuta bi kwalunkwe liġi ta' pajjiżi terzi li tista' ġġibhom f'kunflitt mal-arranġamenti ta' kunfidenzjalità stabbiliti mill-Aġenzija. | Il-kuntratturi, skont il-bażijiet ġuridiċi, ma jistgħux jaċċessaw informazzjoni operazzjonali/kummerċjali mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-eu-LISA (eż. *data* personali); l-aċċess tagħhom għall-infrastruttura, is-servers u tagħmir ieħor tas-sistema huwa limitat għal manutenzjoni stringenti u ssorveljata sabiex is-sistemi jibqgħu jaħdmu tajjeb.<br><br>Ir-rekwiżiti kollha huma inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u l-kuntratti u huma infurzati b'mod strett.<br><br>Barra minn hekk, bħala parti mir-rekwiżiti ta' sigurtà, ir-rappreżentanti tal-kuntratturi kollha huma meħtieġa li jiffirmaw dikjarazzjonijiet individwali dwar il-kunfidenzjalità u l-kunflitt ta' interess, kif ukoll li jippreżentaw ċertifikati ta' kondotta tajba. |
| 5. | Jiddispjaċih dwar l-għadd żgħir ta' persunal f'unitajiet operazzjonali ewlenin u jfakkar lill-Aġenzija dwar l-importanza ta' persunal xieraq u ta' ġestjoni xierqa tar-riżorsi umani b'mod partikolari fl-unità tal-Ġestjoni u l-Manutenzjoni tal-Applikazzjonijiet (AMM); jirrimarka li fit-tieni nofs tal-2017, il-kap tal-unità AMM kien jokkupa wkoll *ad interim* il-karigi ta' Kap tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet u Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet u tal-Infrastruttura, u b'hekk ġew ikkombinati tlieta mill-ogħla karigi maniġerjali fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet; jirrimarka li dan mhuwiex biss riskju minn perspettiva tal-kontinwità tan-negozju, iżda anke segregazzjoni żbaljata tad-dmirijiet, li joħloq kunflitti ta' interess operazzjonali potenzjali; jitlob lill-Aġenzija tevita tieħu riskji mhux meħtieġa operazzjonali minħabba l- | L-Aġenzija rrikonoxxiet ir-riskju u talbet aktar persunal fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha. Madankollu, is-soluzzjoni tinsab f'idejn l-awtoritajiet baġitarji, li jistgħu japprovaw żieda fil-persunal. L-Aġenzija qed tipprova tnaqqas ir-riskju billi tipprijoritizza mill-ġdid il-kompiti, li huwa possibbli sa livell żgħir.<br><br>Ir-reklutaġġ għadu għaddej b'ritmu mgħaġġel sal-kapaċità massima tal-Aġenzija. Iż-żmien tal-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi li għamluha possibbli li jiġi impjegat persunal, fl-aħħar tliet xhur tas-sena, kellu impatt fuq ir-rata ta' okkupazzjoni, peress li l-avviż ta' terminazzjoni medju biex jintemm kuntratt ma' ex impjegatur huwa għal kandidati 3 xhur mill-mument li jirċievu offerta ta' impjieg, li tista' tintbagħat biss wara li tiġi adottata l-bażi ġuridika. |

| | | |
|---|---|---|
| | limitazzjonijiet fir-riżorsi umani tagħha u jitlobha tindirizza dawk il-kwistjonijiet mingħajr dewmien. | |
| 6. | Jinnota li l-Aġenzija attwalment qed tiġġestixxi tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira li huma separati u li mhumiex integrati, li lkoll kemm huma jindirizzaw *data* fl-ispazju ta' politika tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja tal-Unjoni; jaqbel mal-Qorti li l-Aġenzija għandha, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, tħejji analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji li tappoġġja diskussjoni dwar l-evoluzzjoni fit-tul tagħha; jirrimarka li l-mandat li ġie estiż reċentement tal-Aġenzija m'għandux isir għad-detriment tad-disponibbiltà tas-sistema, l-iżvilupp kontinwu jew l-istabbiltà u s-sigurtà tal-operazzjonijiet tas-sistemi attwali tal-IT tal-Aġenzija, li għandhom jibqgħu l-ewwel prijorità tagħha. | L-Aġenzija timmaniġġja tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira f'konformità mal-bażijiet ġuridiċi rispettivi għal dawk is-sistemi. Il-fatt li dawk is-sistemi nbnew b'mod separat u mhux integrat ma kienx għażla li saret mill-Aġenzija iżda riżultat ta' skedi ta' żmien differenti għall-iżvilupp u r-restrizzjonijiet li rriżultaw mill-mod ta' kif il-qafas legali għas-sistemi differenti tfassal fi żmien l-iżvilupp tagħhom. L-Aġenzija, madankollu, tirrikonoxxi li dan l-approċċ mhuwiex sostenibbli, kemm minħabba ż-żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet fi ħdan il-mandat tagħha kif ukoll il-fatt globali li din mhijiex effiċjenti minn perspettiva operazzjonali jew baġitarja. L-Aġenzija diġà bdiet inizjattiva biex tissimplifika l-arkitettura u d-disinn tas-sistema, u tara l-"Inizjattiva ta' Interoperabbiltà" tal-Kummissjoni bħala waħda mill-ixprunaturi ewlenin f'dan ir-rigward. L-istrateġija tal-infrastruttura futura tal-Aġenzija hija lejn infrastruttura komuni u kondiviża għall-applikazzjonijiet attwali u futuri kull fejn jippermettu l-bażijiet ġuridiċi. |

# Parti II. (b). Evalwazzjonijiet esterni

Fiż-żmien tal-kitba ta' dan ir-rapport (April 2019), l-Aġenzija għaddiet minn evalwazzjoni esterna, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1077/2011.

L-evalwazzjoni eżaminat il-mod kif eu-LISA implimentat il-mandat tagħha, kif stipulat fir-Regolament ta' Stabbiliment tagħha, billi ħarset lejn erba' oqsma: l-effiċjenza, l-effettività, il-valur miżjud u l-koerenza. Hija eżaminat ukoll il-kontribut tal-Aġenzija għall-istabbiliment ta' ambjent tal-IT ikkoordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI.

L-evalwazzjoni twettqet b'suċċess fl-2016 u waslet għall-konklużjoni li l-Aġenzija tissodisfa l-mandat tagħha b'mod effettiv. L-evalwazzjoni tissuġġerixxi wkoll modi partikolari sabiex jitjiebu l-operazzjonijiet tal-Aġenzija u tidentifika opportunitajiet potenzjali biex jiġi estiż il-mandat tagħha.

Il-konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni kienu dawn li ġejjin.

- L-Aġenzija, b'mod ġenerali, kienet laħqet l-objettiv tagħha li tassigura b'mod effettiv it-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT fdati lilha.
- Għalkemm l-istruttura organizzazzjonali u l-proċessi interni għadhom qed jiżviluppaw, dawn huma strutturati u deskritti b'mod xieraq. L-Aġenzija kienet kapaċi tidentifika soluzzjonijiet għat-twettiq tal-kompiti assenjati. Dan kien osservat b'mod partikolari permezz tal-istudji tal-każ dwar il-proġetti (eż. il-Proġett Pilota tal-Fruntieri Intelliġenti u l-Istudji dwar is-Servizzi Komuni Kondiviżi).
- L-Aġenzija rnexxielha, b'mod ġenerali, tirrispetta l-allokazzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-livelli tal-UE u nazzjonali fir-rigward tal-kompitu ewlieni tagħha li tmexxi s-sistemi tal-IT fuq skala kbira.
- L-attivitajiet ta' eu-LISA huma b'mod ġenerali allinjati tajjeb mal-oqfsa ta' politika u l-istrateġiji rilevanti fil-qasam tal-ĠAI.
- L-Aġenzija żviluppat strateġija ta' kooperazzjoni koerenti sabiex tingaġġa ma' partijiet interessati differenti b'mod strutturat permezz tal-adozzjoni tal-Istrateġija tagħha għall-Ġestjoni tal-Partijiet Interessati.
- L-istabbiliment ta' awtorità ta' ġestjoni waħda sabiex tassumi t-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT minnu nnifsu joħloq livell għoli ta' valur miżjud, safejn l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u effiċjenti. Il-valur miżjud aħħari ta' eu-LISA, għalhekk, huwa loġikament dipendenti ħafna fuq l-abilità tagħha li twettaq il-kompiti ewlenin tagħha b'mod effiċjenti u effettiv.
- B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni nnotat feedback pożittiv dwar il-livell ta' involviment u komunikazzjoni mal-partijiet interessati fil-livell nazzjonali.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni għamel 65 rakkomandazzjoni. Dawn ħarsu lejn l-opportunitajiet għat-titjib relatat mal-kompiti preżenti tal-Aġenzija kif ukoll lejn il-possibbiltà ta' espansjoni tal-mandat tal-Aġenzija biex jiżdied il-valur miżjud tagħha, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet futuri possibbli tal-UE u tal-Istati Membri.

Kull rakkomandazzjoni kellha klassifikazzjoni (Kritika, Importanti Ħafna, Importanti, Minuri), li ġiet assenjata fid-dawl tan-neċessità u taż-żmien għall-implimentazzjoni. L-impatt tar-rakkomandazzjonijiet ġie analizzat minn perspettivi finanzjarji, legali u organizzazzjonali wkoll.

F'dan ir-rigward, ir-rakkomandazzjonijiet tqassmu f'żewġ gruppi ewlenin:

- rakkomandazzjonijiet b'impatt legali (11-il rakkomandazzjoni b'kollox);
- rakkomandazzjonijiet b'impatt organizzazzjonali u/jew finanzjarju (54 rakkomandazzjoni b'kollox).

Ir-rakkomandazzjonijiet fit-tieni grupp ġew disaggregati b'mod ulterjuri bħala:

- 7 kritiċi
- 10 importanti ħafna
- 30 importanti
- 7 minuri.

Ir-rakkomandazzjonijiet b'impatt organizzazzjonali u/jew finanzjarju li rriżultaw mill-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija ngħataw segwitu adegwat permezz ta' pjan ta' azzjoni. F'Marzu 2017, il-Bord tat-Tmexxija adottah u, f'Novembru 2018, ġie ppreżentat aġġornament dwar l-istatus ta' implimentazzjoni tiegħu lill-Bord tat-Tmexxija. Fiż-żmien tat-tħejjija ta' dan ir-rapport, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-pjan kienet ogħla minn 80 %.

# Parti III. Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern

## 3.1 Ġestjoni tar-riskju

L-Aġenzija ssegwi proċess komprensiv ta' ġestjoni tar-riskju mwettaq regolarment matul is-sena fil-livell korporattiv, permezz taċ-ċiklu sħiħ ta' ħajja ta' programmi u proġetti jew fil-livell ta' entitajiet jew attivitajiet. F'livell aktar baxx, l-attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju jsegwu approċċi individwali mfassla apposta. Fil-livell korporattiv, il-proċess tal-ġestjoni tar-riskju jsegwi skeda ddedikata ta' avvenimenti li jinkludu l-ġbir tar-riskji, il-valutazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji u l-organizzazzjoni ta'workshop għall-ġestjoni tar-riskju korporattiv matul ir-raba' trimestru ta' kull sena. Fil-workshop, jiġu deċiżi s-sidien tar-riskju, kif ukoll l-istrateġiji u r-rispons għar-riskju. L-eżitu huwa ddokumentat fil-pjan annwali tar-rispons għar-riskju korporattiv u r-reġistru tar-riskju korporattiv, li huma validi sal-workshop annwali dwar il-ġestjoni tar-riskju korporattiv li jmiss. Ir-reġistru jinkludi wkoll id-dettalji tal-iskambju ta' monitoraġġ tar-riskju bejn is-sidien tar-riskju u l-Uffiċjal tar-Riskju Korporattiv.

Fl-2018, l-EPMO wettaq il-funzjoni ta' Uffiċjal tar-Riskju Korporattiva fuq bażi interim. Fil-pjan ta' rispons għar-riskji korporattivi tal-Aġenzija ġew identifikati u ttrattati total ta' sitt riskji korporattivi. Żewġ riskji kienu relatati man-nuqqas ta' persunal statutorju, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv lill-Aġenzija fil-kisba tal-kompiti assenjati lilha, fl-iżgurar tal-kontinwità tan-negozju u fid-dipendenza li qed tiżdied fuq persunal mhux statutorju. L-erba' riskji l-oħra kienu relatati ma' dewmien potenzjali u ma' kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward tas-sit tal-kostruzzjoni fi Strasburgu; attakki ċibernetiċi esterni fuq l-infrastruttura tal-eu-LISA; nuqqas ta' sigurtà suffiċjenti u xierqa u bidliet fis-settur tas-servizzi tal-IT korporattivi; ġestjoni u reklutaġġ tal-persunal li kienu ta' sfida biex jitwettqu l-inizjattivi ġodda.

Matul is-segwitu tar-riskji korporattivi fl-2018, iż-żewġ riskji relatati man-nuqqas ta' persunal statutorju ġew ikkombinati u kklassifikati mill-ġdid bħala kwistjoni. Bl-istess mod, ir-riskju relatat mal-kostruzzjoni tas-sit ta' Strasburgu kien ikklassifikat bħala kwistjoni iżda fil-mument tal-kitba l-azzjonijiet biex tiġi ġestita l-kwistjoni kienu għadhom għaddejjin. Għat-tliet riskji li jifdal, ġew stabbiliti 13-il miżura ta' riskju individwali mas-sidien tar-riskju nnominati. Tmienja kienu implimentati matul is-sena jew huma azzjonijiet permanenti, bil-għan li jittaffew biżżejjed ir-riskji identifikati u l-impatt tagħhom fuq l-organizzazzjoni. Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' attakk ċibernetiku estern, twettqet implimentazzjoni pilota ta' Bromium għall-brawżer u t-tisħiħ tal-posta elettronika. Barra minn hekk, qed titħejja l-implimentazzjoni ta' softwer ġdid ta' informazzjoni dwar is-sigurtà u l-ġestjoni tal-avvenimenti. Rigward ir-riskju relatat ma' kontrolli ta' sigurtà u bidliet fis-settur tas-servizzi tal-IT korporattivi, inbdew reviżjonijiet tal-istrateġija korporattiva tal-IT u l-arkitettura tas-sistema attwali. Sal-aħħar tas-sena ġie ppreżentat abbozz ta' analiżi tal-oqsma ewlenin ta' riskju li jistgħu jħallu impatt fuq is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju. L-azzjonijiet meħuda biex jitnaqqas ir-riskju ta' reklutaġġ u ta' ġestjoni tal-persunal huma prinċipalment azzjonijiet permanenti, bħall-intensifikazzjoni tal-programm ta' integrazzjoni u l-applikazzjoni ta' approċċ ta' tagħlimiet miksuba għall-proċess ta' reklutaġġ. It-tfassil mill-ġdid tal-qafas tal-kompetenzi huwa sforz ieħor biex jitnaqqas ir-riskju. Aktar dettalji dwar it-tliet riskji korporattivi jinsabu fi Anness VIII.

## 3.2 Konformità u effettività tal-Istandards tal-Kontroll Intern

Is-16-il ICS approvati kollha ta' eu-LISA ġew applikati għall-kompiti li jirriżultaw mid-Dokument ta' Programmazzjoni (PD) 2018-2020 għall-Aġenzija, u ġew integrati b'mod bilanċjat. Fl-2018, is-16-il ICS ġew dettaljati ulterjorment u assenjati lil membri tal-persunal rilevanti fl-organizzazzjoni. Meta wieħed iqis il-miżuri tal-2018 li ttieħdu biex tinkiseb u tinżamm il-konformità mal-ICSs tal-Aġenzija, jista' jingħad li l-kontroll intern hu stabbilit b'mod suffiċjenti f'eu-LISA. Ġew implimentati numru ta' azzjonijiet, li juri l-isforzi ta' eu-LISA sabiex tapplika u taħdem għall-governanza tajba.

Il-funzjoni tal-Koordinatur tal-Kontroll Intern ġiet stabbilita biex tappoġġa l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-ICS f'eu-LISA billi toħloq punt fokali biex jipprovdi informazzjoni u għarfien, kif ukoll kapaċità għall-monitoraġġ u għar-rapportar. Wara eżerċizzji ta' monitoraġġ biannwali mal-maniġers u l-persunal b'funzjonijiet relatati mal-ICS, fl-2018, il-Koordinatur tal-Kontroll Intern irrapporta b'mod kontinwu lid-Direttur Eżekuttiv dwar l-istatus u l-progress tal-konformità tal-ICS fi ħdan eu-LISA.

Barra minn hekk, l-effettività u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema ta' kontroll intern kienet valutata mill-Koordinatur tal-Kontroll Intern. Għal dan il-għan, ġie kkonsultat ir-reġistru tal-ICS ta' eu-LISA (li jiddokumenta l-istatus ta' kull miżura individwali relatata mal-implimentazzjoni tal-ICSs fl-Aġenzija) sabiex tiġi estratta d-dejta meħtieġa, li mbagħad ġiet miġbura fil-qosor u mibgħuta bħala rapport lill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA għall-informazzjoni tagħhom. Aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-ICSs jinsabu fi Anness VIII.

Fl-aħħar tliet xhur tal-2018, l-Aġenzija bdiet ix-xogħol ta' tħejjija biex tadotta u timplimenta l-ICF rivedut. L-Aġenzija tipprevedi skjerament sħiħ sa tmiem l-2019.

# Parti IV. Assigurazzjoni tal-maniġment

## 4.1 Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni

L-istrutturi tal-assigurazzjoni jsejsu l-assigurazzjoni raġonevoli mill-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' assigurazzjoni tar-Rapport ta' Attività Annwali. Dawn huma miġburin fil-qosor hawn taħt.

**Element kostitwenti 1: Valutazzjoni mill-maniġment**

*Valutazzjoni mill-maniġment*

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu fiduċja raġonevoli li, b'mod ġenerali, hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u dawn qegħdin jaħdmu kif suppost; ir-riskji qegħdin jiġu mmonitorjati u mitigati b'mod xieraq u qegħdin jiġu implimentati t-titjib u r-rinforzi neċessarji.

Barra minn hekk, il-maniġment tal-Aġenzija jagħraf il-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' effiċjenza fl-ambjent tal-kontroll intern tagħha u ta' valutazzjoni u tisħiħ kontinwi tal-kontrolli interni eżistenti biex tintlaħaq u mbagħad tinżamm konformità sħiħa mar-rekwiżiti tas-16-il ICS adottati biex tiġi assigurata l-kisba tal-objettivi fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tagħha.

*Reġistru ta' eċċezzjonijiet*

L-Aġenzija kellha fis-seħħ proċedura għar-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet mill-2013. Fil-bidu tal-2015, ġiet adottata proċedura formali għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet. L-objettiv ġenerali tagħha huwa li tistabbilixxi arranġamenti xierqa sabiex ikun assigurat li kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali ta' każijiet sinifikanti ta' qbiż tal-kontrolli jew devjazzjonijiet mill-qafas regolatorju stabbilit tiġi spjegata sew, irreġistrata u rrapportata skont il-prinċipju tat-trasparenza. Eċċezzjoni trid tiġi dokumentata, iġġustifikata u approvata fil-livell xieraq qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.

Fl-2018, ġew irreġistrati 39 eċċezzjoni u ma ġie rreġistrat l-ebda avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità. L-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni ddetermina li dawn l-eċċezzjonijiet ma jeħtiġux riserva formali fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni abbażi ta' materjalità. Madankollu, fid-dawl tal-aħħar sejbiet tal-awditi, ser issir analiżi tal-kawża biex jiġu identifikati r-raġunijiet li wasslu biex il-proċedura ta' eċċezzjoni ma tkunx ġiet osservata dejjem. Jittieħdu azzjonijiet veloċi bbażati fuq ir-riżultati. Id-data fil-mira hi Ġunju 2019.

**Element kostitwenti 2: Riżultati tal-awditi esterni**

*Opinjoni tal-IAS*

Mhux applikabbli. Fl-2018, l-IAS ma wettaqx awditi tal-assigurazzjoni. Madankollu, abbażi tar-riżultati ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju, l-IAS stabbilixxa pjan ta' awditjar strateġiku għall-perjodu bejn l-2019 u l-2021, li jinkludi erba' temi dwar l-awditjar.

*Ir-rapport finali tal-awditjar dwar il-kontrolli fuq il-proċess tal-akkwist*

L-IAS jirrikonoxxi li l-kontrolli fuq il-proċess tal-akkwist f'eu-LISA jappoġġjaw il-kisba tal-objettivi operazzjonali ewlenin tal-Aġenzija (bħall-operazzjoni 24 siegħa kuljum mingħajr interruzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li hi timmaniġġja). Madankollu, l-IAS ikkonkluda li l-proċessi u l-kontrolli relatati kienu jeħtieġu aktar żvilupp sabiex jiġu ffaċilitati aħjar l-objettivi tal-Aġenzija fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-konformità mar-rekwiżiti proċedurali.

F'dan il-kuntest, l-IAS identifika żewġ kwistjonijiet importanti ħafna relatati mal-istima tal-valur tal-kuntratt u mad-definizzjoni u mad-dokumentazzjoni tal-kontrolli ewlenin fi ħdan il-proċess tal-akkwist kollu. L-IAS identifika wkoll tliet sejbiet importanti.

L-Aġenzija, bi qbil mal-IAS, **implimentat pjan ta' azzjoni** li jindirizza s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu.

*Opinjoni tal-QEA (rapport tal-awditu dwar il-kontijiet 2018)*

**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, f'kull rispett materjali, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità tagħha adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari f'kull rispett materjali.

**Element kostitwenti 3: Segwitu tar-riżervi minn perjodi ta' rappurtar preċedenti**

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività 2017 ma kien fiha l-ebda riżerva.

**Konklużjoni**

Abbażi tal-Parti II u l-Parti III hawn fuq, wieħed jista' jikkonkludi li ma hemm l-ebda dgħufija sinifikanti fil-kontrolli interni li jista' jkollha impatt fuq id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

## 4.2 Riżervi (jekk applikabbli)

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta hawn fuq, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ma ħareġ l-ebda riżerva.

## 4.3 Konklużjonijiet ġenerali dwar l-assigurazzjoni

Jien, hawn taħt iffirmat Krum Garkov, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni,

Niddikjara li l-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport tagħti dehra vera u ġusta tal-attivitajiet tal-Aġenzija fl-2018.

Jien niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop maħsub tagħhom u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji neċessarji rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hi bbażata fuq il-ġudizzju proprju tiegħi u l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni, l-awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern, l-awditi tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern u l-awditi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Jien nikkonferma li ma jiena konxju tal-ebda ħaġa li mhijiex irrapportata hawnhekk li tista' tkun ta' dannu għall-interessi tal-Aġenzija jew tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Tallinn, ................ .......................................... (firma)

Krum GARKOV

# ANNESSI

## Anness I. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni

| KPI | Indikatur korporattiv ewlieni tal-prestazzjoni | Mira | Attwali 2018 |
|---|---|---|---|
| 1 | Sigurtà: numru ta' nuqqasijiet kritiċi identifikati waqt it-testijiet tas-sigurtà | 0 | 3 |
| 2 | Sigurtà: perċentwal ta' riskji identifikati tas-sigurtà ttrattati permezz ta' kontrolli assigurati tas-sigurtà | 100 % | 86.3 % |
| 3 | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac | 99.99 % | 99.98 % |
| 4 | Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac | 99.45 % | 99.99 % |
| 5 | Id-disponibbiltà tan-netwerk fuq żona wiesgħa (għas-sistemi SIS II u VIS) | 99.99 % | 99.99 % |
| 6 | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS II | 99.99 % | 99.75 % |
| 7 | Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS II | 99.50 % | 99.9 % |
| 8 | Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS | 99.99 % | 99.94 % |
| 9 | Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS | 100 % | 97.17 % |
| 10 | Rata ta' kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament riportati | < 5 % | 2.65 % |
| 11 | Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji | 95-99 % | 99.5 % |
| 12 | Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti | > 95 % | 100 % |
| 14 | HR: proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi għar-riżorsi operazzjonali | AmministrattivI: 20 % | 16 % |
| | | Operazzjonali: 70 % | 73 % |
| 15 | Proporzjon (%) ta' pagamenti kompletati sal-iskadenzi statutorji | 90-100 % | 91.12 % |
| 16 | Metri kwadri medji ta' spazju ta' uffiċċju għal kull ekwivalenti ta' ingaġġ full-time | 10 m² | 13.6 m² |
| 17 | Sodisfazzjon tal-parteċipanti esterni fir-rigward tal-korsijiet ta' taħriġ tal-eu-LISA (1: utli ħafna, 2: mhux utli, 3: ftit utli, 4: utli, 5: utli ħafna) | > 3 | 4.43/5 |
| 18 | Akkwist: konformità mal-pjan tal-akkwist u tal-akkwiżizzjoni tal-Aġenzija (devjazzjoni standard bejn il-proġett inizjalment ippjanat u l-valur tal-kuntratt attwalment iffirmat) | 0.5-1.5 | 0.48 |
| 19 | Il-ġestjoni tal-proġetti tal-akkwisti: % ta' proġetti ta' akkwist ewlenin skont l-iskeda | > 60 % | 41 % |
| 20 | Sodisfazzjon tal-klijenti: % ta' klijenti tal-Istati Membri sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mill-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA | > 80 % | 96.33 % |
| 21 | Il-proporzjon (%) ta' attivitajiet identifikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali ssodisfati jew skont l-iskeda | 90 % | 90.2 % |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 22 | Prestazzjoni tal-helpdesk tas-sistemi tal-Istati Membri | > 80 % | 91 % |
| 23 | Ġestjoni tal-proġetti: il-valutazzjoni ta' proġetti kkompletati skont parametri ddefiniti ta' kwalità/kost/ħin (% ta' devjazzjoni għal-linja bażi approvata) | < 10 % | 9.56 % |
| 24 | Perċentwal ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati | 80-100 % | 42 % |
| 25 | HR: perċentwal ta' ġranet ta' assenza mhux iċċertifikati vs ġranet ta' assenza ċċertifikati fi ħdan il-perjodu tar-rapportar | < 25 % | 22 % |
| 26 | HR: perċentwal ta' dawran annwali tal-persunal | ≤ 5 % | 4.94 % |
| 27 | HR: indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal | Evalwazzjonijiet kompletati: 100 % | 100 % |
| | | Prestazzjoni baxxa: < 5 % | 0 % |
| | | Prestazzjoni għolja: > 10 % | 1.5 % |
| 28 | HR: livell ta' involviment tal-persunal | ≥ 80 % | 87 % |
| 29 | Komunikazzjoni esterna: viżibilità bbażata fuq il-web ta' eu-LISA | Viżitaturi uniċi: miftuħa | 10 1580 |
| | | Tul ta' żmien medju ta' kull żjara: miftuħa | 3 min 0 s |
| | | Rata ta' rimbalz (telqu wara paġna waħda): miftuħa | 39 % |
| | | Azzjonijiet f'kull żjara (medja): miftuħa | 3.5 |

**Noti dwar il-KPIs**

KPI 13 Ġie mħassar bid-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija.

**Sigurtà**

KPI 1 Il-kwistjonijiet kritiċi huma relatati ma' patching, konfigurazzjoni sikura u aġġornamenti ta' protezzjoni tal-malwer. Il-kontrolli kompensatorji huma implimentati biex jiġġestixxu l-esponiment effettiv tas-sistemi tan-negozju ewlenin għal dawn il-klassijiet ta' vulnerabilitajiet.

KPI 2 Il-kwistjonijiet identifikati fil-kontrolli implimentati biex jindirizzaw ir-riskji identifikati huma riflessi fis-sejbiet dwar il-KPI 1. Pjanijiet ta' azzjoni korrettiva ġew implimentati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati.

**Disponibbiltà tas-sistemi**

KPIs 3,6,8 Il-**mira** tad-disponibbiltà tas-sistemi mhijiex definita b'mod preċiż fl-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi. Il-mira ta' 99.99 % ġiet stabbilita mill-Aġenzija fid-dawl tal-fatt li s-sistemi ġestiti minnha huma definiti bħala sistemi ta' disponibbiltà għolja.

Id-**disponibbiltà propja** tas-sistemi tinkludi l-ħin għat-trasferiment u għat-trasferiment lura, f'każ ta' manutenzjoni ppjanata.

**Ħin tar-rispons**

KPI 4 Il-medja tas-sehem ta' tranżazzjonijiet ta' prijorità għolja li twieġbu f'anqas minn siegħa (1) u tas-sehem ta' tranżazzjonijiet normali li twieġbu f'anqas minn 24 siegħa.

KPI 7 Sehem ta' mistoqsijiet tal-kategorija 1 li jintbagħtu lura f'sekonda, u l-bqija fi żmien 3 sekondi. Il-mistoqsijiet tal-kategorija 1 jirrappreżentaw il-mistoqsijiet singoli u multipli kollha li jistgħu jiġu kklassifikati bħala eżatti, minħabba l-informazzjoni eżatta pprovduta f'oqsma ta' tiftix. L-użu ta' informazzjoni ineżatta jew mhux ċara huwa eskluż minn dik il-kategorija.

KPI 9 Sehem tal-ħinijiet ta' rispons skont il-miri fil-livell tas-servizz għal kull grupp ta' negozju li jirrappreżenta l-asil, il-fruntieri, il-konsolati, l-infurzar tal-liġi u t-territorju.

# Anness II. Statistiki dwar il-ġestjoni finanzjarja

## Baġit inizjali, trasferimenti u baġits emendatorji

It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor, fuq livell ta' kapitoli, it-trasferimenti baġitarji interni operati mill-Aġenzija għall-fondi C1 fl-2018. Il-Bord tat-Tmexxija approva emenda għall-baġit.

| | | Approprjazzjonijiet ta' impenn | | | | Approprjazzjonijiet ta' pagament | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kapitolu tal-baġit | | Baġit inizjali | Trasferimenti | Baġit emendatorju | Baġit finali | Baġit inizjali | Trasferimenti | Baġit emendatorju | Baġit finali |
| **TITOLU 1 — NEFQA FUQ IL-PERSUNAL** | | **20.4** | **-0.4** | **-2.2** | **17.8** | **20.4** | **-0.4** | **-2.2** | **17.8** |
| **A-11** | Salarji u allowances | 18.5 | -0.4 | -2.1 | 15.9 | 18.5 | -0.4 | -2.1 | 15.9 |
| **A-12** | Nefqa relatata mar-reklutaġġ | 0.3 | -0.2 | 0.0 | 0.2 | 0.3 | -0.2 | 0.0 | 0.2 |
| **A-13** | Spejjeż ta' missjoni | 0.4 | 0.1 | 0.0 | 0.5 | 0.4 | 0.1 | 0.0 | 0.5 |
| **A-14** | Infrastruttura soċjo-medika | 0.7 | 0.1 | 0.0 | 0.8 | 0.7 | 0.1 | 0.0 | 0.8 |
| **A-15** | Taħriġ għall-Persunal | 0.5 | 0.0 | 0.0 | 0.5 | 0.5 | 0.0 | 0.0 | 0.5 |
| **TITOLU 2 — NEFQA INFRASTRUTTURALI U OPERAZZJONALI** | | **12.1** | **0.7** | **-1.7** | **11.1** | **12.1** | **0.7** | **-1.7** | **11.1** |
| **A-20** | Nefqa fuq il-bini | 1.4 | -0.1 | -0.3 | 1.0 | 1.4 | -0.1 | -0.3 | 1.0 |
| **A-21** | IT Korporattiva u Telekomunikazzjoni | 1.5 | 1.2 | -0.3 | 2.4 | 1.5 | 1.2 | -0.3 | 2.4 |
| **A-22** | Proprjetà mobbli u spejjeż assoċjati | 0.3 | 0.4 | 0.0 | 0.6 | 0.3 | 0.4 | 0.0 | 0.6 |
| **A-23** | Nefqa amministrattiva kurrenti | 0.8 | -0.1 | -0.1 | 0.6 | 0.8 | -0.1 | -0.1 | 0.6 |
| **A-24** | Posta | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| **A-25** | Bord tat-Tmexxija | 0.5 | 0.0 | -0.3 | 0.2 | 0.5 | 0.0 | -0.3 | 0.2 |
| **A-26** | Informazzjoni u pubblikazzjonijiet | 1.4 | -0.5 | -0.1 | 0.8 | 1.4 | -0.5 | -0.1 | 0.8 |
| **A-27** | Servizzi ta' appoġġ estern | 3.4 | 0.2 | 0.0 | 3.5 | 3.4 | 0.2 | 0.0 | 3.5 |
| **A-28** | Sigurtà | 2.7 | -0.2 | -0.6 | 1.9 | 2.7 | -0.2 | -0.6 | 1.9 |
| **TITOLU 3 — NEFQA OPERAZZJONALI** | | **168.2** | **-0.3** | **5.3** | **173.2** | **135.5** | **-0.3** | **-70.5** | **64.7** |
| **B3-0** | Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | 13.5 | -2.8 | 5.3 | 16.0 | 11.0 | -5.9 | 3.8 | 9.0 |
| **B3-1** | SIS II | 31.8 | 0.0 | 0.0 | 31.8 | 13.5 | 3.5 | -3.5 | 13.5 |
| **B3-2** | VIS/BMS | 20.1 | 0.6 | 0.0 | 20.6 | 21.4 | 9.0 | 0.0 | 30.3 |
| **B3-3** | Eurodac | 15.4 | 2.0 | 0.0 | 17.4 | 18.7 | -4.7 | -9.3 | 4.7 |
| **B3-4** | EES | 57.5 | 1.2 | 0.0 | 58.7 | 40.3 | -0.4 | -38.0 | 1.9 |
| **B3-5** | ETIAS | 23.5 | 0.0 | 0.0 | 23.5 | 23.5 | 0.0 | -23.5 | 0.0 |
| **B3-6** | Servizzi ta' Appoġġ Esterni marbutin direttament mas-sistemi ewlenin | 5.4 | -1.5 | 0.0 | 3.9 | 6.0 | -1.7 | 0.0 | 4.3 |
| **B3-7** | Gruppi konsultattivi | 0.3 | 0.1 | 0.0 | 0.4 | 0.3 | 0.0 | 0.0 | 0.4 |

| Kapitolu tal-baġit | | Approprjazzjonijiet ta' impenn | | | | Approprjazzjonijiet ta' pagament | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Baġit inizjali | Trasferimenti | Baġit emendatorju | Baġit finali | Baġit inizjali | Trasferimenti | Baġit emendatorju | Baġit finali |
| B3-8 | Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | 0.8 | 0.2 | 0.0 | 0.9 | 0.8 | 0.0 | 0.0 | 0.7 |
| TOTAL | | 200.7 | 0.0 | 1.5 | 202.1 | 167.9 | 0.0 | -74.3 | 93.6 |

## Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena (sors ta' finanzjament C1)

Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet tal-2018 (sors ta' finanzjament C1), l-Aġenzija laħqet livell għoli ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99.5 % fl-approprazzjonijiet ta' impenn u 100.0% f'dawk ta' pagament, meta jiġi kkonsidrat ir-riport awtomatiku u mhux awtomatiku ta' approprjazzjonijiet relatati ma' kompiti ġodda.

| TITOLU TAL-BAĠIT | IMPENJI (C1) | | | PAGAMENTI (C1) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ibbaġitjat (f'miljuni ta' EUR) | Ikkunsmat (f'miljuni ta' EUR) | % | Ibbaġitjat (f'miljuni ta' EUR) | Ikkunsmat (f'miljuni ta' EUR) | % |
| **Titolu 1 — Nefqa fuq il-persunal** | **17.8** | **17.8** | **100.0 %** | **17.8** | **17.8** | **100.0 %** |
| *li minnhom, implimentati* | | *17.8* | *100.0 %* | | *17.4* | *97.5 %* |
| *li minnhom, riport awtomatiku* | | — | — | | *0.4* | *2.5 %* |
| **Titolu 2 — Nefqa infrastrutturali u operazzjonali** | **11.1** | **11.1** | **100.0 %** | **11.1** | **11.1** | **100.0 %** |
| *li minnhom, implimentati* | | *11.1* | *100.0 %* | | *6.0* | *54.2 %* |
| *li minnhom, riport awtomatiku* | | — | — | | *5.1* | *45.8 %* |
| **Titolu 3 — Nefqa operazzjonali** | **173.2** | **172.2** | **99.4 %** | **64.7** | **64.7** | **100.0 %** |
| *li minnhom, riport mhux awtomatiku* | | *49.2* | *28.4 %* | | | *0.0 %* |
| **TOTAL** | **202.1** | **201.1** | **99.5 %** | **93.6** | **93.6** | **100.0 %** |
| *li minnhom, implimentati* | | *152.0* | *75.2 %* | | *88.1* | *94.1 %* |
| *li minnhom, riport awtomatiku* | | *0.0* | | | *5.5* | *5.9 %* |
| *li minnhom, riport mhux awtomatiku* | | *49.2* | *24.3 %* | | | |

## Implimentazzjoni tal-baġit għal sorsi ta' finanzjament oħra

Minbarra l-baġit għas-sena (sors ta' finanzjament C1), l-Aġenzija implimentat approprjazzjonijiet:

- minn dħul assenjat intern (sors ta' finanzjament C4);
- minn dħul assenjat intern riportat 'il quddiem (sors ta' finanzjament C5);
- mir-riport ta' impenji (differenzjati fit-Titolu 3 u mhux differenzjati fit-Titoli 1 u 2) u l-approprjazzjonijiet ta' pagament (mhux differenzjati biss) korrispondenti mis-snin preċedenti (sors ta' finanzjament C8);
- mid-dħul assenjat estern, bħala kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi assoċjati skont l-Artikolu 32(1)(b) tar-regolament ta' stabbiliment (sors ta' finanzjament R0, Titolu 3 biss).

| | | | Impenn | | | Pagament | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu tal-baġit | | Sorsi ta' finanzjament | Ibbaġitjat (f'miljuni ta' EUR) | Ikkunsmat (f'miljuni ta' EUR) | % Impenjat | Ibbaġitjat (f'miljuni ta' EUR) | Ikkunsmat (EUR miljun)[a] | % Pagament |
| A-1 | Nefqa fuq il-persunal | C1 | 17.8 | 17.8 | 100.0 % | 17.8 | 17.4 | 97.5 % |
| | | C4 | 0.0 | 0.0 | 100.0 % | 0.0 | 0.0 | 56.3 % |
| | | C8 | 0.4 | 0.3 | 73.2 % | 0.4 | 0.3 | 73.2 % |
| | | Subtotal | 18.3 | 18.1 | 99.4 % | 18.3 | 17.7 | 96.9 % |
| A-2 | Infiq operattiv u infrastrutturali | C1 | 11.1 | 11.1 | 100.0 % | 11.1 | 6.0 | 54.2 % |
| | | C4 | 0.1 | 0.1 | 100.0 % | 0.1 | 0.1 | 93.7 % |
| | | C8 | 5.3 | 4.5 | 85.0 % | 5.3 | 4.5 | 85.0 % |
| | | Subtotal | 16.5 | 15.7 | 95.1% | 16.5 | 10.6 | 64.3% |
| B0-3 | Nefqa operattiva | C1[b] | 173.2 | 172.2 | 99.4 % | 64.7 | 64.7 | 100.0 % |
| | | C4 | 0.0 | 0.0 | 100.0 % | 0.0 | 0.0 | 100.0 % |
| | | C5 | 0.7 | 0.7 | 100.0 % | 0.0 | 0.0 | |
| | | C8 | 161.0 | 147.4 | 91.5 % | 0.0 | 0.0 | |
| | | R0 | 7.8 | 1.3 | 16.8 % | 7.8 | 0.6 | 7.2 % |
| | | Subtotal | 342.7 | 321.6 | 93.9% | 72.5 | 65.3 | 90.1% |
| **KOLLHA** | | **TOTAL** | **377.5** | **355.5** | **94.2%** | **107.3** | **93.6** | **87.3%** |

[a] Għat-Titolu 3, EUR 5 miljun intużaw għall-ħlasijiet għall-impenji għas-sena. Il-bqija, li jammontaw għal EUR 58.9 miljun intużaw biex ikopru impenji minn snin preċedenti

[b] Impenn ikkunsmat jinkludi riport mhux awtomatiku ta' EUR 49.2 miljun.

## Lista ta' trasferimenti baġitarji

Matul l-2018 l-operazzjonijiet ta' trasferiment intern li ġejjin twettqu skont l-Artikolu 27 tar-Regolament finanzjarju tal-aġenzija.

| TRASFERIMENTI BAĠITARJI fl-2018 (f'EUR) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| 1 | LIS.1791 | 28.4.2018. | Salarju bażiku ta' A01100 TA | –573,498.00 | -573,498.00 |
| | | | A01110 Salarju ta' AK | 300 000.00 | 300 000.00 |
| | | | A01124 Gratifika ta' kuljum | 6,000.00 | 6,000.00 |
| | | | A01125 Gratifika ta' kull xahar | 20 000.00 | 20 000.00 |
| | | | A01184 Gratifika tas-sussistenza ta' kuljum | 11,000.00 | 11,000.00 |
| | | | A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni | 108,000.00 | 108,000.00 |
| | | | A01402 Skola Ewropea | 128,498.00 | 128,498.00 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | 378,000.00 | 378,000.00 |
| | | | A02210 Għamara u Apparat tal-Uffiċċju | 400,000.00 | 400,000.00 |
| | | | A02320 Spejjeż legali | 22,000.00 | 22,000.00 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -100,000.00 | -100,000.00 |
| | | | B03000 Infrastruttura tas-sistema kondiviża (Sistemi CORE) | -270,000.00 | -270,000.00 |
| | | | B03200 VIS/BMS MWO | -400,000.00 | -400,000.00 |
| | | | B03300 Eurodac MWO | -300,000.00 | -300,000.00 |

| TRASFERIMENTI BAĠITARJI fl-2018 (f'EUR) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | 50 000.00 | 50 000.00 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | 220,000.00 | 220,000.00 |
| 2 | LIS.1795 | 29.6.2018. | A02320 Spejjeż legali | 8,150.00 | 8,150.00 |
| | | | A02700 Servizzi esterni ta' appoġġ | 31,850.00 | 31,850.00 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -40,000.00 | -40,000.00 |
| 3 | LIS.1797 | 27.7.2018 | Salarju bażiku ta' A01100 TA | -782,000.00 | -782,000.00 |
| | | | A01105 Xiftijiet ta' sahra u dmirijiet on-call ta' AT | 50 000.00 | 50 000.00 |
| | | | A01110 Salarju ta' AK | 300 000.00 | 300 000.00 |
| | | | A01124 Gratifika ta' kuljum | 140,000.00 | 140,000.00 |
| | | | A01125 Gratifika ta' kull xahar | 20 000.00 | 20 000.00 |
| | | | A01130 Assigurazzjoni kontra l-mard | 55,000.00 | 55,000.00 |
| | | | A01132 Assigurazzjoni kontra l-Qgħad | 20 000.00 | 20 000.00 |
| | | | A01183 Spejjeż tat-tneħħija | 7,000.00 | 7,000.00 |
| | | | A01184 Gratifika tas-sussistenza ta' kuljum | 20 000.00 | 20 000.00 |
| | | | A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni | 70,000.00 | 70,000.00 |
| | | | A01301 Spejjeż ta' missjonijiet | 100 000.00 | 100 000.00 |
| | | | A02010 Nefqa fuq il-bini FR | -300,000.00 | -300,000.00 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | 300 000.00 | 300 000.00 |
| | | | A02210 Għamara u Apparat tal-Uffiċċju | 300 000.00 | 300 000.00 |
| | | | A02700 Servizzi esterni ta' appoġġ | 300 000.00 | 300 000.00 |
| | | | B03001 Sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tan-negozju | -650,000.00 | -650,000.00 |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | 50 000.00 | 50 000.00 |
| 4 | LIS.1799 | 25.9.2018. | B03000 Infrastruttura tas-sistema kondiviża (Sistemi CORE) | 0.00 | -3,400,000.00 |
| | | | B03100 SIS II MWO | 0.00 | 1,500,000.00 |
| | | | B03200 Total tal-MWO tal-VIS/BMS | 0.00 | 3,400,000.00 |
| | | | B03600 Servizzi ta' fornitur estern direttament relatati mas-sistemi CORE | 0.00 | -1,500,000.00 |
| 5 | LIS.1802 | 30.10.2018. | A01301 Spejjeż ta' missjonijiet | -6,000.00 | -6,000.00 |
| | | | A01403 Attivitajiet soċjali | 6,000.00 | 6,000.00 |
| | | | A02320 Spejjeż legali | 25,000.00 | 25,000.00 |
| | | | A02330 Kostijiet operazzjonali oħrajn | -25,000.00 | -25,000.00 |
| | | | B03001 Sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tan-negozju | -70,000.00 | 0.00 |
| | | | B03100 SIS II MWO | 0.00 | 2,000,000.00 |
| | | | B03200 Total tal-MWO tal-VIS/BMS | 0.00 | 1,700,000.00 |
| | | | B03300 Eurodac MWO | 0.00 | -3,700,000.00 |
| | | | B03710 Gruppi konsultattivi | 70,000.00 | 0.00 |
| 6 | LIS.1846 | 30.11.2018. | Salarju bażiku ta' A01100 TA | -140,000.00 | -140,000.00 |
| | | | A01101 Gratifika għall-familji | 11,000.00 | 11,000.00 |
| | | | A01102 Gratifika għal tfal dipendenti | 16,000.00 | 16,000.00 |
| | | | A01103 Gratifika għall-edukazzjoni | -45,000.00 | -45,000.00 |
| | | | A01124 Gratifika ta' kuljum | -16,500.00 | -16,500.00 |
| | | | A01184 Gratifika tas-sussistenza ta' kuljum | 5 000.00 | 5 000.00 |
| | | | A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni | 113,000.00 | 113,000.00 |

| TRASFERIMENTI BAĠITARJI fl-2018 (f'EUR) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| | | | A01200 Spejjeż tal-ivvjaġġar | -15,400.00 | -15,400.00 |
| | | | A01201 Spejjeż oħrajn | -36,600.00 | -36,600.00 |
| | | | A01301 Spejjeż ta' missjonijiet | 54,215.00 | 54,215.00 |
| | | | A01400 Eżami mediku annwali | -15,500.00 | -15,500.00 |
| | | | A01401 Gratifika tan-'nursery' | -34,000.00 | -34,000.00 |
| | | | A01402 Skola Ewropea | 22,785.00 | 22,785.00 |
| | | | A01403 Attivitajiet soċjali | 79,000.00 | 79,000.00 |
| | | | A01500 Taħriġ għall-persunal | 2,000.00 | 2,000.00 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | 613,264.30 | 613,264.30 |
| | | | A02200 Apparat Tekniku ieħor u Installazzjoni | -12,726.96 | -12,726.96 |
| | | | A02300 Provvisti għall-Uffiċċju | 12,726.96 | 12,726.96 |
| | | | A02330 Kostijiet operazzjonali oħrajn | -89,922.44 | -89,922.44 |
| | | | A02600 Informazzjoni u pubblikazzjonijiet | -523,341.86 | -523,341.86 |
| | | | B03300 Eurodac MWO | 430,909.67 | 0.00 |
| | | | B03600 Servizzi ta' fornitur estern direttament relatati mas-sistemi CORE | -430,909.67 | 0.00 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | 0.00 | -270.65 |
| | | | B03810 Taħriġ għall-Istati Membri | 0.00 | 270.65 |
| 7 | LIS.1848 | 7.12.2018 | A02010 Nefqa fuq il-bini FR | 255,000.00 | 255,000.00 |
| | | | A02210 Għamara u Apparat tal-Uffiċċju | -255,560.88 | -255,560.88 |
| | | | A02330 Kostijiet operazzjonali oħrajn | 560.88 | 560.88 |
| | | | B03000 Infrastruttura tas-sistema kondiviża (Sistemi CORE) | 0.00 | -1,000,000.00 |
| | | | B03001 Sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tan-negozju | 0.00 | -150,000.00 |
| | | | B03100 SIS II MWO | 0.00 | 800,000.00 |
| | | | B03200 Total tal-MWO tal-VIS/BMS | 0.00 | 1,850,000.00 |
| | | | B03300 Eurodac MWO | 0.00 | -1,000,000.00 |
| | | | B03400 EES MWO | 0.00 | -300,000.00 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | 0.00 | -200,000.00 |
| 8 | LIS.1861 | 18.12.2018. | Salarju bażiku ta' A01100 TA | -4,378.65 | -4,378.65 |
| | | | A01101 Gratifika għall-familji | -1,018.83 | -1,018.83 |
| | | | A01102 Gratifika għal tfal dipendenti | -1,254.53 | -1,254.53 |
| | | | A01103 Gratifika għall-edukazzjoni | -6,745.63 | -6,745.63 |
| | | | A01104 Gratifiki għall-Espatrijazzjoni u r-Residenza f'Post Barrani | -8,557.74 | -8,557.74 |
| | | | A01105 Xiftijiet ta' sahra u dmirijiet on-call ta' AT | -28,442.43 | -28,442.43 |
| | | | A01110 Salarju ta' AK | -19,418.31 | -19,418.31 |
| | | | A01124 Gratifika ta' kuljum | -20,140.01 | -20,140.01 |
| | | | A01125 Gratifika ta' kull xahar | -6,573.05 | -6,573.05 |
| | | | A01130 Assigurazzjoni kontra l-mard | -2,759.96 | -2,759.96 |
| | | | A01131 Assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard okkupazzjonali | -4,727.53 | -4,727.53 |
| | | | A01132 Assigurazzjoni kontra l-Qgħad | -673.93 | -673.93 |
| | | | A01140 Gratifiki tat-twelid u l-mewt | -1,803.38 | -1,803.38 |
| | | | A01141 Spejjeż tal-ivvjaġġar għal-liv annwali | -12,580.01 | -12,580.01 |
| | | | A01144 Gratifiki oħrajn | -5,655.05 | -5,655.05 |

| TRASFERIMENTI BAĠITARJI fl-2018 (f'EUR) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| | | | A01181 Spejjeż tal-ivvjaġġar (assunzjoni tad-dmirijiet) | -969.46 | -969.46 |
| | | | A01182 Gratifika għall-installazzjoni u l-assenjazzjoni mill-ġdid | -526.00 | -526.00 |
| | | | A01183 Spejjeż tat-tneħħija | -19,287.40 | -19,287.40 |
| | | | A01184 Gratifika tas-sussistenza ta' kuljum | -1,538.99 | -1,538.99 |
| | | | A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni | -1,438.99 | -1,438.99 |
| | | | A01200 Spejjeż tal-ivvjaġġar | -117,219.65 | -117,219.65 |
| | | | A01201 Spejjeż oħrajn | -33.00 | -33.00 |
| | | | A01301 Spejjeż ta' missjonijiet | -12,968.00 | -12,968.00 |
| | | | A01400 Eżami mediku annwali | -7,200.00 | -7,200.00 |
| | | | A01401 Gratifika tan-'nursery' | -37,900.00 | -37,900.00 |
| | | | A01402 Skola Ewropea | -4.44 | -4.44 |
| | | | A01403 Attivitajiet soċjali | -22,319.11 | -22,319.11 |
| | | | A01500 Taħriġ għall-persunal | -37,105.38 | -37,105.38 |
| | | | A02000 Infiq fuq il-bini EE | -72,207.78 | -72,207.78 |
| | | | A02010 Nefqa fuq il-bini FR | -35,598.60 | -35,598.60 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | -84,681.03 | -84,681.03 |
| | | | A02200 Apparat Tekniku leħor u Installazzjoni | -27,485.50 | -27,485.50 |
| | | | A02210 Għamara u Apparat tal-Uffiċċju | -22,695.26 | -22,695.26 |
| | | | A02330 Kostijiet operazzjonali oħrajn | -350.00 | -350.00 |
| | | | A02331 Tariffi u drittijiet fuq l-HR | -25,209.60 | -25,209.60 |
| | | | A02400 Posta | -2,000.00 | -2,000.00 |
| | | | A02500 Laqgħat tal-MB | -23,124.86 | -23,124.86 |
| | | | A02510 Laqgħat oħrajn | -14,625.17 | -14,625.17 |
| | | | A02600 Informazzjoni u pubblikazzjonijiet | -14,761.56 | -14,761.56 |
| | | | A02700 Servizzi esterni ta' appoġġ | -101,660.17 | -101,660.17 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -99,216.39 | -99,216.39 |
| | | | B03000 Infrastruttura tas-sistema kondiviża (Sistemi CORE) | -1,479,872.92 | -339,953.90 |
| | | | B03001 Sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tan-negozju | -333,570.62 | -51,590.32 |
| | | | B03100 SIS II MWO | -15,982.75 | -839,307.31 |
| | | | B03200 Total tal-MWO tal-VIS/BMS | 906,855.38 | 2,544,395.55 |
| | | | B03300 EURODAC MWO | 1,845,496.04 | 0.00 |
| | | | B03400 EES MWO | 1,234,767.53 | -106,501.42 |
| | | | B03600 Servizzi ta' fornitur estern direttament relatati mas-sistemi CORE | -1,099,162.34 | -227,100.35 |
| | | | B03710 Gruppi konsultattivi | -49,315.11 | -41,246.13 |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | -64,117.81 | -41,093.38 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | -4,808.45 | 149.74 |
| | | | B03810 Taħriġ għall-Istati Membri | -33,433.57 | 9,102.90 |
| 9 | LIS.1867 | 20.12.2018. | A01403 Attivitajiet soċjali | -8,864.52 | -8,864.52 |
| | | | A02010 Nefqa fuq il-bini FR | 12,000.00 | 12,000.00 |
| | | | A02700 Servizzi esterni ta' appoġġ | -72,139.84 | -72,139.84 |
| | | | B03200 VIS/BMS MWO | 69,004.36 | -143,827.50 |
| | | | B03300 Eurodac MWO | 0.00 | 291,588.42 |

| TRASFERIMENTI BAĠITARJI fl-2018 (f'EUR) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| | | | B03710 Gruppi konsultattivi | 0.00 | -0.72 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | 0.00 | -78,755.84 |

# Anness III. Ċart organizzazzjonali

Fl-2018, l-għadd totali ta' karigi fl-eu-LISA kien jikkonsisti minn 186 kariga għat-tipi ta' kuntratti li ġejjin: 136 AT, 41 AK u 9 ENS. L-organigramma turi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2017, fejn tippreżenta d-dipartimenti, l-unitajiet u s-setturi, kif ukoll il-pożizzjonijiet individwali subordinati għad-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA, bl-għadd ta' persuni.



# Anness IV. Tabella tal-persunal

## Pjan ta' stabbiliment tal-2018 tal-eu-LISA

Il-Pjan ta' Stabbiliment tal-2018 kien jikkonsisti minn 136 kariga għal aġenti temporanji.

| Kategorija u grad | Pjan ta' Stabbiliment awtorizzat taħt il-baġit tal-Unjoni 2018 | |
|---|---|---|
| | Uffiċjali | AT |
| AD 16 | 0 | 0 |
| AD 15 | 0 | 1 |
| AD 14 | 0 | 1 |
| AD 13 | 0 | 2 |
| AD 12 | 0 | 3 |
| AD 11 | 0 | 5 |
| AD 10 | 0 | 8 |
| AD 9 | 0 | 13 |
| AD 8 | 0 | 17 |
| AD 7 | 0 | 21 |
| AD 6 | 0 | 12 |
| AD 5 | 0 | 11 |
| **Total ta' AD** | 0 | **94** |
| AST 11 | 0 | 0 |
| AST 10 | 0 | 0 |
| AST 9 | 0 | 1 |
| AST 8 | 0 | 2 |
| AST 7 | 0 | 4 |
| AST 6 | 0 | 9 |
| AST 5 | 0 | 14 |
| AST 4 | 0 | 11 |
| AST 3 | 0 | 1 |
| AST 2 | 0 | 0 |
| AST 1 | 0 | 0 |
| **Total ta' AST** | 0 | **42** |
| **TOTAL** | 0 | **136** |

## Informazzjoni dwar il-livell tad-dħul ta' kull tip ta' pożizzjoni: tabella indikattiva

It-tabella hawn isfel tippreżenta l-livelli li fihom il-funzjonijiet ewlenin imniżżlin mill-Kummissjoni Ewropea huma rrappreżentati f'eu-LISA. It-titoli tax-xogħol użati fl-Aġenzija huma elenkati f'każ ta' differenzi bejn it-terminoloġija tal-Kummissjoni u dik tal-Aġenzija. Ta' min jgħid li l-gradi inizjali li huma ogħla minn dawk imsemmijin fl-Artikolu 53 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni huma dovuti għar-reklutaġġi organizzati fil-fażi tal-bidu tal-Aġenzija, li fiha kienu allokati l-ogħla gradi fl-Organigramma ta' eu-LISA.

| *Key functions* | *Tip ta' kuntratt* (*uffiċjali, AT jew AK*) | *Grupp ta' funzjoni (FG), grad ta' reklutaġġ* (*jew taħt il-parentesi jekk ippubblikat fil-parentesi*) | *Indikazzjoni ta' jekk il-funzjoni hix dedikata għall-appoġġ amministrattiv jew għall-operazzjonijiet* (*soġġetta għad-definizzjonijiet użati fil-metodoloġija tal-iskrinjar*) |
|---|---|---|---|
| *Kap tad-Dipartiment — it-tieni livell* | AT | AD 12 | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Kap ta' Unità — it-tielet livell* | AT | AD 9, AD 10 | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Kap tas-Settur — ir-raba' livell* | AT, AK | AD 5, AD 7, AD 8, AD 9, AD 10, FG IV | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Uffiċjal Għoli* | AT | AD 8, AD 9 | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Uffiċjal* | AT, AK | AD 6, AD 7, AD 8, FG IV | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Uffiċjal Subaltern* | AT, AK | AD 5, FG IV | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Assistent Għoli* | m/a | m/a | m/a |
| *Assistent Subaltern* | AT, AK | AST 3, FG III | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Kap tat-Taqsima tas-Servizzi Korporattivi* | AT | AD 12 | Amministrazzjoni |
| *Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani* | AT | AD 9 | Amministrazzjoni |
| *Kap tal-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti* | AT | AD 10 | Newtrali |
| *Kap tal-IT* | m/a | m/a | m/a |
